



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0398/2013

19.11.2013

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-komparabbiltà tat-tariffi relatati mal-kontijiet tal-ħlas, il-bdil tal-kontijiet tal-ħlas u l-aċċess għal kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi (COM(2013)0266 – C7-0125/2013 – 2013/0139(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Jürgen Klute

Rapporteur għal opinjoni(*):
Evelyne Gebhardt, Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura

PR_COD_1amCom

RR\1010588MT.doc

PE514.602v01-00

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***grassa*** u ***korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f' verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f' dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b' tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	4
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR	40
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJET LEGALI	78

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-komparabbiltà tat-tariffi relatati mal-kontijiet tal-ħlas, il-bdil tal-kontijiet tal-ħlas u l-aċċess għal kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi (COM(2013)0266 – C7-0125/2013 – 2013/0139(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2013)0266),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0125/2013),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-18 ta' Settembru 2013¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjoni tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur kif ukoll tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0398/2013),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ Għadha ma ġietx ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Emenda 1

EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW*

għall-proposta tal-Kummissjoni

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-komparabbiltà tat-tariffi relatati mal-kontijiet tal-ħlas, il-bdil tal-kontijiet tal-ħlas u l-aċċess għal kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

Wara li kkonsultaw lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja²,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 26(2) tat-TFUE, is-suq intern għandu jikkostitwixxi żona mingħajr fruntieri interni li fiha jkun żgurat il-moviment liberu tal-oġġetti, il-persuni, is-servizzi u l-kapital. Il-frammentazzjoni tas-suq intern hi ta' ħsara għall-kompetittività, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fl-Unjoni. L-eliminazzjoni tal-ostakli diretti u indiretti

* Emendi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ■ .

¹ Għadha ma ġietx ippubblikata fil-ĠU.

² Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ...

għall-funzjonament xieraq tas-suq intern hija essenzjali għat-tlestija tiegħu. L-azzjoni tal-UE fir-rigward tas-suq intern fis-settur tas-servizzi finanzjarji bl-imnut diġà kkontribwiet sostanzjalment għall-iżvilupp tal-attività transfruntiera tal-fornituri tas-servizzi tal-ħlas, it-titjib tal-għażla tal-konsumatur u żieda fil-kwalità u t-trasparenza tal-offerti.

(2) F'dan ir-rigward, id-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE ("id-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Ħlas") stabbiliet rekwiżiti ta' trasparenza bażika għal ħlasijiet imposti mill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas fir-rigward ta' servizzi offruti fuq kontijiet tal-ħlas. Dan iffaċilita sostanzjalment l-attività tal-fornituri tas-servizzi ta' ħlas, ħoloq regoli uniformi fir-rigward tal-forniment tas-servizzi tal-ħlas u l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta, naqqas il-piż amministrattiv u ġġenera ffrankar fl-ispejjeż għall-fornituri tas-servizzi tal-ħlas.

(2a) *Il-funzjonament bla problemi tas-suq intern u l-iżvilupp ta' ekonomija moderna u soċjalment inklussiva jiddependu dejjem iżjed fuq il-forniment universali ta' servizzi tal-ħlas. Billi l-fornituri tas-servizzi tal-ħlas, meta jaġixxu skont il-loġika tas-suq, għandhom ħabta jiffukaw fuq konsumaturi li huma attraenti f'sens kummerċjali u effettivament iħallu konsumaturi vulnerabbli mingħajr l-istess għażla ta' prodotti, il-leġiżlazzjoni l-ġdida f'dan ir-rigward għandha tkun parti minn strateġija ekonomika intelliġenti għall-Unjoni.*

(3) Madankollu, *kif indikat mill-Parlament Ewropew fir-risoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Lulju 2012 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-Aċċess għas-Servizzi Bankarji Bażiċi¹, għandu jsir aktar sabiex jittejjeb u jiġi żviluppat is-suq uniku għal attivitajiet bankarji bl-imnut. Dawn l-iżviluppi għandhom jimxu id f'id mal-isforz biex is-settur finanzjarju fl-Unjoni jibda jaqdi n-negozji u l-konsumaturi. Attwalment, in-nuqqas ta' trasparenza u komparabilità tat-tariffi, kif ukoll id-diffikultajiet fil-bdil tal-kontijiet tal-ħlas għandhom joħlqu ostakli għall-istabbiliment ta' suq integrat għalkollox. Il-problema tal-kwalità diverġenti tal-prodotti u tan-nuqqas ta' kompetizzjoni fl-attivitajiet bankarji bl-imnut għandha tiġi trattata u għandhom jintlaħqu standards ta' kwalità għolja.*

(4) Il-kundizzjonijiet attwali tas-Suq Uniku jistgħu jiskoraġġixxu lill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom tal-istabbiliment jew li jipprovdu servizzi fl-Unjoni minħabba d-diffikultà biex jiġbdu klijenti meta jidħlu f'suq ġdid. Id-dħul fi swieq ġodda ħafna drabi jinvolvi investimenti kbar. Dawn l-investimenti huma ġġustifikati biss jekk il-fornitur jipprevedi biżżejjed opportunitajiet u domanda korrispondenti min-naħa tal-konsumaturi. Il-livell baxx ta' mobbiltà tal-konsumaturi fir-rigward tas-servizzi finanzjarji bl-imnut huwa fil-biċċa l-kbira dovut għan-nuqqas ta' trasparenza u komparabilità fir-rigward tat-tariffi u s-servizzi offruti, kif ukoll diffikultajiet fir-rigward tal-bdil ta' kontijiet tal-ħlas. Dawn il-fatturi wkoll joħlqu domanda. Dan huwa partikolarment veru fil-kuntest transfruntier.

(5) Barra minn hekk, ostakli sinifikanti għat-tlestija tas-suq uniku fil-qasam tal-kontijiet

¹ P7_TA(2012)0293.

tal-ħlas jistgħu jinħolqu mill-frammentazzjoni tal-oqfsa regolatorji nazzjonali eżistenti. Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-livell nazzjonali fir-rigward tal-kontijiet tal-ħlas, u partikolarment fir-rigward tal-komparabilità tat-tariffi u l-bdil tal-kontijiet tal-ħlas ivarjaw. Għall-bdil, in-nuqqas ta' miżuri vinkolanti uniformi fil-livell tal-UE wassal għal prattiki u miżuri diverġenti fuq livell nazzjonali. Dawn id-differenzi huma saħansitra aktar evidenti fil-qasam tal-komparabilità tat-tariffi, fejn l-ebda miżura, lanqas ta' natura awtoregulatorja, ma teżisti fil-livell tal-UE. Jekk dawn id-differenzi jsiru iktar sinifikanti fil-futur, billi l-banek għandhom it-tendenza li jfasslu l-prattiki tagħhom għas-swieq nazzjonali, dan jgħolli l-ispiża għal min jopera b'mod transfruntier relattivament mal-ispejjeż li jgħorru l-fornituri domestiċi u għalhekk jagħmel l-eżerċizzju tan-negozju transfruntier inqas attraenti. L-attività transfruntiera fis-suq intern hija mxekkla minn ostakli li jwaqqfu lill-konsumaturi milli jifflu kont tal-ħlas barra l-pajjiż. Il-kriterji tal-eliġibbiltà restrittivi eżistenti jistgħu jwaqqfu liċ-ċittadini Ewropej milli jiċċaqalqu liberament fl-Unjoni. Li l-konsumaturi kollha jiġu pprovduti b'aċċess għal kont tal-ħlas jippermetti l-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq intern u jippermettilhom li jiksibu l-benefiċċji tas-suq uniku.

- (6) Barra minn hekk, peress li xi klijenti prospettivi ma jifflux kontijiet, jew minħabba li huma m'eahħda minn dan jew għaliex ma jiġux offruti prodotti adegwati, id-domanda potenzjali għas-servizzi tal-kont tal-ħlas fl-UE bħalissa mhijiex sfruttata b'mod sħiħ. Il-parteċipazzjoni iktar wiesgħa tal-konsumatur fis-suq intern tagħti aktar inċentivi lill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas li jidħlu fi swieq ġodda. Barra minn hekk, il-ħolqien tal-kundizzjonijiet li jippermettu lill-konsumaturi kollha biex ikollhom aċċess għal kont tal-ħlas huwa mezz neċessarju għat-trawwim tal-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq intern u biex jingħataw il-possibilità li jaħsdu l-benefiċċji li għab miegħu s-Suq Uniku.
- (7) It-trasparenza u l-komparabilità tat-tariffi ġew indirizzati f'inizjattiva awtoregulatorja, mibdija mill-industrija bankarja. Madankollu, ma nstab l-ebda ftehim finali dwar dawn il-linji gwida. F'dak li għandu x'jaqsam mal-bdil, il-prinċipji komuni stabbiliti fl-2008 mill-Kumitat għall-Industrija Bankarja Ewropea jipprovdu mekkaniżmu mudell għall-bdil bejn kontijiet bankarji offrut minn fornituri tas-servizzi tal-ħlas li jinsabu fl-istess Stat Membru. Madankollu, minħabba n-natura mhux vinkolanti tagħhom, dawn il-prinċipji ġew applikati b'mod inkonsistenti madwar l-UE u b'riżultati ineffettivi. Barra minn hekk, il-Prinċipji Komuni jindirizzaw biss il-bdil tal-kontijiet tal-bank fil-livell nazzjonali u ma jindirizzawx il-bdil transfruntier. Fl-aħħar nett, rigward l-aċċess għal kont bażiku tal-ħlas, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2011/442/UE tat-18 ta' Lulju 2011 stiednet lill-Istati Membri sabiex jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw l-applikazzjoni tagħha mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-pubblikazzjoni tagħha. Sal-lum, ftit Stati Membri biss jikkonformaw mal-prinċipji ewlenin tar-Rakkomandazzjoni.
- (8) ***Sabiex tkun permessa l-mobbiltà finanzjarja effettiva u mingħajr xkiel fit-tul***, huwa essenzjali li jiġi stabbilit sett uniformi ta' regoli sabiex tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-mobbiltà baxxa tal-konsumaturi u b' mod partikolari sabiex jittejjeb it-tqabbil tas-servizzi u t-tariffi tal-kontijiet tal-ħlas u biex ikun hemm inċentiv għall-bdil tal-kontijiet tal-ħlas kif ukoll biex jiġi evitat li l-konsumaturi li biħsiebhom jakkwistaw kont tal-ħlas transfruntier jiġu diskriminati abbażi tar-residenza. Barra minn hekk, huwa essenzjali li jiġu adottati miżuri adegwati biex titrawwem il-parteċipazzjoni tal-

klijenti fis-suq tal-kontijiet tal-ħlas. Dawn il-miżuri se jinċentivaw id-dħul għall-fornituri ta' servizzi tal-ħlas fis-suq intern u se jiżguraw ambjent ekwu, u b'hekk tissaħħaħ il-kompetizzjoni u l-allokazzjoni effiċjenti ta' riżorsi fis-suq finanzjarju bl-imnut tal-UE għall-benefiċċju tan-negozji u l-konsumaturi. Barra minn hekk, informazzjoni trasparenti dwar it-tariffi flimkien mad-dritt ta' aċċess għal servizzi ta' kont bażiku jippermettu liċ-ċittadini tal-UE li jiċċaqilqu u jagħmlu għażliet aktar faċilment fl-Unjoni u għalhekk jibbenefikaw minn suq intern li jiffunzjona b'mod sħiħ fil-qasam tas-servizzi finanzjarji bl-imnut u jikkontribwixxu **għat-tkabbir tal-kummerċ elettroniku u għall-iżvilupp ulterjuri tas-suq intern.**

- (8a) ***Huwa essenzjali wkoll li jiġi żgurat li din id-Direttiva ma xxekkilx l-innovazzjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji bl-imnut. Kull sena, isiru vijabbli teknoloġiji ġodda, li jistgħu jirrendu l-mudell attwali tal-kontijiet tal-ħlas skadut. B'mod partikolari, is-servizzi bankarji bil-mowbajl, is-servizzi tat-tip peer-to-peer u l-kards tal-ħlas b'valur mażzun għandhom jiġu inkoraġġuti bħala alternattivi għas-servizzi bankarji tradizzjonali.***
- (9) Din id-Direttiva tapplika għal kontijiet tal-ħlas miżmuma mill-konsumaturi. Konsegwentement, kontijiet miżmuma minn negozji, anki żgħar jew mikrointrapriżi, sakemm mhux miżmuma f'kapaċità personali, huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Barra minn hekk, din id-Direttiva ma tkoprix kontijiet ta' tfaddil, li jista' jkollhom funzjonijiet ta' ħlas aktar limitati. ***Barra minn hekk, din id-Direttiva ma tkoprix il-karti tal-kreditu, li mhumiex fundamentali għall-ilħuq tal-għanijiet tagħha tat-titjib tal-inklużjoni finanzjarja u tal-funzjonament tas-suq uniku.***
- (10) Id-definizzjonijiet li hemm f'din id-Direttiva huma allinjati ma' dawk li hemm f'leġislazzjoni oħra tal-Unjoni, u b'mod partikolari dawk tad-Direttiva 2007/64/KE u dawk tar-Regolament (UE) Nru 260/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxu rekwiżiti tekniċi u tan-negozju għat-trasferimenti ta' kreditu u debiti diretti bl-euro u li jemendaw ir-Regolament (KE) Nru 924/2009.
- (11) Huwa importanti li l-konsumaturi jkunu kapaċi jifhmu t-tariffi sabiex ikunu jistgħu jqabblu l-offerti minn fornituri differenti ta' servizzi tal-ħlas u jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar liema kont huwa l-aktar adattat għall-ħtiġijiet tagħhom. Paragun bejn it-tariffi ma jistax jintlaħaq meta l-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jużaw terminoloġija differenti għall-istess servizzi u jipprovdu informazzjoni f'formati differenti. Terminoloġija standardizzata, flimkien ma' informazzjoni dwar it-tariffi għall-aktar servizzi rappreżentattivi ***marbuta mal-kontijiet tal-ħlas*** f'format konsistenti, jistgħu jgħinu lill-konsumaturi jifhmu u jqabblu t-tariffi.
- (12) Il-konsumaturi jibbenefikaw l-aktar minn informazzjoni li tkun konċiża ***kemm jista' jkun, standardizzata*** u li jkun faċli li titqabbel bejn fornituri differenti ta' servizzi tal-ħlas. L-għodod disponibbli għall-konsumaturi biex iqabblu offerti tal-kontijiet tal-ħlas ***għandhom ikunu fuq ħafna livelli u għandhom jitwettqu testijiet fost il-konsumaturi. F'dan l-istadju,*** it-terminoloġija tat-tariffi għandha tkun standardizzata ***biss*** għat-termini u d-definizzjonijiet l-aktar rappreżentattivi fl-Istati Membri sabiex ***tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni rapida.***
- (13) It-terminoloġija tat-tariffi għandha tiġi determinata mill-awtoritajiet nazzjonali

kompetenti, filwaqt li wieħed jagħti każ tal-ispeċifitàjiet tas-swieq lokali. ■ Fejn hu possibbli, it-terminoloġija tat-tariffi għandha tiġi standardizzata fil-livell tal-UE, u b'hekk ikun possibbli t-tqabbil madwar l-Unjoni. L-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) għandha tistabbilixxi linji gwida biex tgħin lill-Istati Membri biex jiddeterminaw *is-servizzi li jintużaw l-aktar komunement u li jikkawżaw l-ogħla spejjeż għall-konsumaturi* fuq livell nazzjonali. *Sabiex tinkiseb l-applikazzjoni effettiva ta' terminoloġija standardizzata, dawn id-definizzjonijiet għandhom ikunu wiesgħa biżżejjed.*

- (14) Ladarba l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkunu ddeterminaw lista proviżorja tal-aktar servizzi rappreżentattivi *marbuta ma' kontijiet tal-ħlas* fuq livell nazzjonali flimkien ma' termini u definizzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tanalizzahom sabiex tidentifika, permezz ta' atti delegati, is-servizzi li huma komuni għall-maġġoranza tal-Istati Membri u tipproponi termini ■ standardizzati fil-livell tal-UE ■ .
- (15) Sabiex jgħinu lill-konsumaturi jqabblu b'mod faċli t-tariffi tal-kontijiet tal-ħlas fis-suq uniku, il-fornituri tas-servizzi tal-ħlas għandhom jipprovdu lill-konsumaturi *b'dokument komprensiv ta' informazzjoni dwar it-tariffi li jiddikjara t-tariffi* għas-servizzi *kollha marbuta mal-kont tal-ħlas inkluż fil-lista tal-aktar servizzi rappreżentattivi u kwalunkwe tariffa oħra li tista' tiġi applikata għall-kont. Id-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi għandu juża t-termini u d-definizzjonijiet standardizzati stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, meta possibbli.* Dan se jikkontribwixxi wkoll biex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwi bejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jikkompetu fis-suq tal-kontijiet tal-ħlas. ■ Sabiex jgħinu lill-konsumaturi jifhmu t-tariffi li jridu jħallsu għall-kont tal-ħlas tagħhom, glossarju li jipprovdi spjegazzjonijiet *ċari, mhux tekniċi u mhux ambigwi* għal tal-inqas ■ *is-servizzi marbuta mal-kont tal-ħlas u d-definizzjonijiet u l-ispjegazzjonijiet relatati* għandu jkun disponibbli għalihom. Il-glossarju għandu jservi bħala għodda utli biex jinkoraġġixxi fehim aħjar tat-tifsira tat-tariffi, u jikkontribwixxi sabiex tingħata s-setgħa lill-konsumatur sabiex jagħżel minn għażla usa' ta' offerti ta' kontijiet tal-ħlas. Għandu jiġi introdott ukoll obbligu għall-fornituri ta' servizzi tal-ħlas biex jinfirmaw *bla ħlas* lill-konsumaturi ■ darba fis-sena dwar it-tariffi *u l-imgħax applikati għall-kont* tagħhom. L-informazzjoni ex-post għandha tiġi pprovduta f'sommarju apposta. Għandha tipprovdi stampa ġenerali *tal-imgħax miksub*, tat-tariffi mġarrba u *ta' prenotifiki ta' modifiki fit-tariffi jew ir-rati tal-imgħax. Il-konsumatur għandu jingħata l-informazzjoni meħtieġa* biex *jifhem* ma' xiex *inhuma konnessi* l-infiq tat-tariffi *u l-imgħax* u jivvaluta l-ħtieġa li jew jimmodifika x-xejriet tal-konsum jew imur għand fornitur ieħor. ■
- (16) Biex jiġu ssodisfati l-bżonnijiet tal-konsumaturi, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-informazzjoni dwar it-tariffi tal-kontijiet tal-ħlas tkun preċiża, ċara u komparabbli. *L-ABE* għandha għalhekk, *wara li tikkonsulta lill-awtoritajiet nazzjonali u wara li jitwettqu testijiet fost il-konsumaturi, tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni rigward format ta' preżentazzjoni standardizzati* għad-dokument tal-informazzjoni dwar it-tariffi u d-dikjarazzjoni dwar it-tariffi *u s-simboli komuni*, sabiex jiġi żgurat li dawn ikunu jinftiehem u komparabbli għall-konsumaturi. ■ Id-dokument tal-informazzjoni dwar it-tariffi u d-dikjarazzjoni dwar it-tariffi għandhom ikunu jintgħarfu b'mod ċar minn komunikazzjonijiet oħra. ■

- (17) Sabiex jiżguraw użu konsistenti tat-terminoloġija applikabbli fuq il-livell tal-UE madwar l-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu obbligu għall-fornituri tas-servizzi tal-ħlas sabiex jużaw it-terminoloġija applikabbli fil-livell tal-UE flimkien mat-terminoloġija standardizzata nazzjonali li tibqa' identifikata fil-lista provviżorja meta jikkomunikaw mal-konsumaturi, inkluż fid-dokument tal-informazzjoni dwar it-tariffa u d-dikjarazzjoni tat-tariffi. ***Il-fornituri tas-servizzi tal-ħlas għandhom ikunu jistgħu jużaw ismijiet ta' ditti*** fid-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi ***jew id-dikjarazzjoni tat-tariffi biex jiddeżinjaw is-servizzi jew il-kontijiet tal-ħlasijiet tagħhom sakemm dan ikun b'żieda mat-terminoloġija standardizzata u bħala deżinjazzjoni sekondarja tas-servizzi jew il-kont offriti.***
- (18) Siti tal-internet tat-tqabbil ***indipendenti*** huma mezz effettiv għall-konsumaturi sabiex jivvalutaw il-merti ta' kontijiet tal-ħlas differenti fi spazju wieħed. ***Tali siti tal-internet*** jistgħu jipprovdu l-aħjar bilanċ bejn il-bżonn li l-informazzjoni tkun ċara u konċiża, iżda sħiħa u komprensiva, billi jippermettu lill-utenti jiksbu informazzjoni aktar dettaljata fejn dan huwa ta' interess għalihom. Jistgħu wkoll inaqqsu l-ispejjeż tat-tiftix billi l-konsumaturi ma jkollhomx għalfejn jiġbru l-informazzjoni separatament mingħand fornituri tas-servizzi tal-ħlas. ***Huwa kruċjali li l-informazzjoni mogħtija f'tali siti tal-internet tkun affidabbli, imparzjali u trasparenti u li l-konsumaturi jiġu infurmati dwar id-disponibbiltà tagħha. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw attivament lill-pubbliku dwar tali siti tal-internet.***
- (19) Sabiex jiksbu informazzjoni imparzjali dwar it-tariffi ***ċċarġjati u r-rati tal-imgħax applikati għall-kontijiet tal-ħlas***, il-konsumaturi għandhom ikunu jistgħu jaċċessaw siti tal-internet tat-tqabbil li jkunu ***aċċessibbli għall-pubbliku u*** indipendenti mill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas. L-Istati Membri għandhom għalhekk jaraw li ***l-konsumaturi jkollhom aċċess b'xejn għal*** mill-anqas sit tal-internet wieħed ***indipendenti u aċċessibbli għall-pubbliku*** fit-territorji rispettivi tagħhom. Dawn is-siti tal-internet tat-tqabbil jistgħu jitħaddmu ***minn, jew f'isem, l-awtoritajiet kompetenti, jew minn awtoritajiet pubbliċi oħra u/jew minn operatori privati akkreditati. Sabiex tiżdied il-fiduċja tal-konsumaturi f'siti tal-internet tat-tqabbil oħra disponibbli***, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu skema volontarja ta' akkreditazzjoni li tippermetti lill-operatori privati ta' siti tal-internet tat-tqabbil sabiex japplikaw għall-akkreditazzjoni skont kriterji tal-kwalità speċifikati. Sit tal-internet tat-tqabbil operat minn, ***jew f'isem***, awtorità kompetenti jew awtorità pubblika oħra għandu jiġi stabbilit fejn ma jkunx ġie akkreditat sit tal-internet operat privatament. Dawn is-siti tal-internet għandhom huma wkoll jikkonformaw mal-kriterji tal-kwalità.
- (20) Hija l-prattika kurrenti li l-fornituri ta' servizzi tal-ħlas joffru kont tal-ħlas f'pakkett ma' prodotti jew servizzi finanzjarji oħra. Din il-prattika tista' tkun mezz sabiex il-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jiddiversifikaw l-offerta tagħhom u jikkompetu kontra xulxin, u fl-aħħar mill-aħħar tista' tkun ta' benefiċċju għall-konsumaturi. Madankollu l-istudju tal-Kummissjoni dwar Prattiki ta' Abbinar fis-Settur Finanzjarju mwettaq fl-2009 kif ukoll il-konsultazzjonijiet rilevanti u l-ilmenti tal-konsumaturi wrew li l-fornituri ta' servizzi tal-ħlas jistgħu joffru kontijiet bankarji marbuta f'pakkett ma' prodotti mhux mitluba mill-konsumaturi u li mhumiex essenzjali għal kontijiet tal-

ħlas, bħal assigurazzjoni tad-djar. Barra minn hekk, ġie osservat li dawn il-prattiki jistgħu jnaqqsu t-trasparenza u l-komparabbiltà tal-prezzijiet, jillimitaw l-ġħażliet tax-xiri ġħall-konsumaturi u jkollhom impatt negattiv fuq il-mobbiltà tagħhom. Ġħalhekk, l-Istati Membri ġħandhom jaraw li meta l-fornituri tas-servizzi tal-ħlas joffru kontijiet tal-ħlas marbuta f'pakketti l-konsumaturi jkunu pprovdu b'informazzjoni dwar ***jekk huwiex possibbli li l-kont tal-ħlas jinx tara separatament u jekk iva dwar il-kost u l-miżati*** applikabbli ***assoċjati ma'*** kull ***wieħed mill-prodotti jew mis-servizzi finanzjarji l-oħra inklużi*** fil-pakkett .

- (21) Il-konsumaturi huma biss inċentivati biex ibiddu l-kontijiet jekk il-proċess ma jinvolvix piż amministrattiv u finanzjarju eċċessiv. Il-proċedura biex wieħed jaqleb il-kont tal-ħlas ġħal fornitur ieħor ta' servizzi tal-ħlas ġħandha tkun ċara, rapida ***u sikura***. ***Jekk jiġu*** imposti ***tariffi*** mill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas fir-rigward tas-servizz ta' bdil, ġħandhom ikunu ***raġonevoli u skont l-Artikolu 45(2) tad-Direttiva 2007/64/KE***. Sabiex ikun hemm impatt pożittiv fuq il-kompetizzjoni, il-bdil ġħandu jkun iffaċilitat f'livell transfruntier. Peress li l-bdil transfruntier jista' jkun iktar kumpless mill-bdil fil-livell nazzjonali u jista' jirrikjedi li l-fornituri ta' servizzi tal-ħlas jadattaw u jirfinaw il-proċeduri interni tagħhom, ġħandhom jiġu previsti ***perjodi tranżitorji*** itwal ***fir-rigward ta' servizz ta' bdil bejn fornituri tas-servizzi tal-ħlas stabbiliti fi Stati Membri differenti***.
- (21a) ***L-Istati Membri ġħandhom jitħallew, fir-rigward ta' bdil meta żewġ fornituri tas-servizzi tal-ħlas ikunu stabbiliti fit-territorju tagħhom, jistabbilixxu jew iżommu arranġamenti li jvarjaw minn dawk previsti f'din id-Direttiva jekk dan, b'mod ċar, ikun fl-interess tal-konsumatur***.
- (22) Il-proċess ta' bdil ġħandu jkun ċar kemm jista' jkun ġħall-konsumatur. Ġħalhekk l-Istati Membri ġħandhom jiżguraw li l-fornitur tas-servizz tal-ħlas destinatarju jkun responsabbli għat-tnedija u l-ġestjoni tal-proċess għan-nom tal-konsumaturi.
- (23) ***Bħala regola ġenerali u bil-kundizzjoni li l-konsumatur ikun ta l-kunsens tiegħu, il-fornitur tas-servizz tal-ħlas destinatarju ġħandu jwettaq, f'isem il-konsumatur, il-bdil tal-ħlasijiet*** rikorrenti, kif ukoll jitransferixxi ***kwalunkwe bilanċ pożittiv*** li jkun fadal, idealment f'laqgħa waħda mal-fornitur tas-servizz tal-ħlas destinatarju. Ġħal dan l-għan, il-konsumaturi ġħandhom ikunu jistgħu jiffirmaw awtorizzazzjoni waħda li tagħti ***jew tirrifjuta*** l-kunsens ġħall-azzjonijiet imsemmija. Qabel ma jagħti l-awtorizzazzjoni, il-konsumatur ġħandu jiġi infurmat dwar il-passi kollha tal-proċedura li huma meħtieġa biex jitwettaq il-bdil.
- (24) Il-kooperazzjoni tal-fornitur tas-servizzi li tittrasferixxi hija meħtieġa sabiex il-bdil jirnexxi. Il-fornitur tas-servizz tal-ħlas destinatarju ġħandu ***jkun jista' jitolb jew lill-konsumatur jew, meta meħtieġ, lill-fornitur*** tas-servizzi tal-ħlas li jitransferixxi ***biex jipprovi l-informazzjoni*** li jqis li hi neċessarja sabiex iċaqtaq il-ħlasijiet rikorrenti fuq il-kont tal-ħlas il-ġdid. Madankollu, tali informazzjoni ma ġħandhiex taqbeż dak li hu meħtieġ sabiex jitwettaq il-bdil u l-fornitur tas-servizz tal-ħlas destinatarju ma ġħandux jitolb ġħal informazzjoni li ma tkunx neċessarja.

- (25) Il-konsumaturi ma għandhomx jiġu soġġetti għal pieni jew għal kwalunkwe danni finanzjarji oħra kkawżati mill-indirizzar ħażin ta' trasferimenti 'l ġewwa ta' kreditu jew debiti diretti. Dan huwa partikolarment importanti għal ċerti kategoriji ta' min iħallas u ta' min jitħallas, bħal kumpaniji tal-utilitajiet, li jużaw mezzi elettroniċi (pereżempju bażijiet ta' dejta) biex jaħżnu l-informazzjoni dwar dettalji tal-kont tal-konsumaturi u jwettqu diversi tranżazzjonijiet perjodiċi li jinvolvu għadd kbir ta' konsumaturi.
- (26) L-Istati Membri għandhom jiggwarantixxu li l-konsumaturi li jkollhom l-intenzjoni li jifihom kont tal-ħlas ma jiġux diskriminati abbażi tan-nazzjonalità jew tal-post ta' residenza tagħhom. Għalkemm huwa importanti li l-fornituri ta' servizzi tal-ħlas jaraw li l-klijenti tagħhom ma jużawx is-sistema finanzjarja għal skopijiet illegali bħal frodi, ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu, huma ma għandhomx jimponu xkiel għall-konsumaturi li jridu jibbenefikaw mill-vantaġġi tas-suq uniku billi jixtru kontijiet tal-ħlas transfruntieri.
- (27) Konsumaturi li huma legalment residenti fl-Unjoni u li ma għandhomx *jiġu diskriminati minħabba n-nazzjonalità jew il-post ta' residenza tagħhom, jew għal xi raġuni oħra msemmija fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea meta japplikaw għal, jew jaċċessaw*, kont tal-ħlas *fl-Unjoni. Barra minn hekk, l-aċċess għal kontijiet* tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi *għandu jkun żgurat mill-Istati Membri irrispettivament miċ-ċirkostanzi finanzjarji tal-konsumatur, bħall-istatus ta' impjeg, il-livell ta' introjtu, l-istorja kreditizja jew il-falliment personali.*
- (28) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li *kontijiet* b'karatteristiċi bażiċi *kif imsemmija f'din id-Direttiva jiġu offruti* lill-konsumaturi *mill-fornituri kollha tas-servizzi tal-ħlas li joperaw servizzi ġenerali tal-ħlas bl-imnut u li joffru kontijiet tal-ħlas bħala parti integrali min-negozju regolari tagħhom*. L-aċċess ma għandux ikun diffiċli wisq u ma għandux jinvolvi spejjeż eċċessivi għall-konsumaturi. *Id-dritt ta' aċċess għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi fi kwalunkwe Stat Membru għandu jingħata b'konformità mad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, b'mod partikolari fir-rigward ta' proċeduri ta' diliġenza dovuta tal-konsumaturi. Fl-istess ħin, id-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva waħedha m'għandhomx jintużaw bħala raġuni biex jiġu rifjutati konsumaturi kummerċjalment anqas attraenti. Għandu jitqiegħed fis-seħħ mekkaniżmu biex jgħin lill-konsumaturi mingħajr indirizz fiss, lill-persuni li jfittxu l-ażil u lill-konsumaturi li ma jingħatawx permess ta' residenza iżda li t-tkeċċija tagħhom tkun impossibbli għal raġunijiet legali biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Kapitolu II tad-Direttiva 2005/60/KE. (28a) Sabiex l-utenti ta' kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi jingħataw servizz xieraq, l-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-fornituri jiżguraw li l-persunal rilevanti jitħarreġ b'mod adegwat u li kunflitti ta' interess potenzjali ma jaffettwawx lil dawg il-konsumaturi b'mod negattiv.*

¹ Id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU L 309, 25.11.2005, p. 15).

- (29) *L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jeżiġu li l-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jivverifikaw jekk il-konsumatur għandux diġà kont tal-ħlas attiv u ekwivalenti fl-istess territorju u jeżiġu li l-konsumatur jiffirma dikjarazzjoni fuq l-unur f'dak ir-rigward. Fornituri tas-servizzi tal-ħlas m'għandhomx ikunu jistgħu jirrifjutaw applikazzjoni għall-aċċess għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi għajr fil-każijiet identifikati speċifikament f'din id-Direttiva.*
- (29a) *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jipproċessaw l-applikazzjonijiet sal-iskadenzi stipulati f'din id-Direttiva u li f'każ ta' rifjut il-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jinfurmaw lill-konsumatur dwar ir-raġunijiet speċifiċi għal dan sakemm tali divulgazzjoni ma tmurx kontra l-oġettivi ta' sigurtà nazzjonali jew tal-ġlieda kontra l-kriminalità finanzjarja.*
- (30) Il-konsumaturi għandhom ikunu garantiti aċċess għal firxa ta' servizzi bażiċi tal-ħlas. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sakemm kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi jiġi mill-konsumatur għal użu personali, ma jkunx hemmx limitu għan-numru ta' operazzjonijiet li jiġu provduti lill-konsumatur skont ir-regoli tal-ipprezzar speċifiċi stipulati f'din id-Direttiva. Meta jiddeterminaw x'għandu jitqies bħala użu personali, l-Istati Membri għandhom iqisu l-imġiba eżistenti tal-konsumaturi u l-prattika kummerċjali komuni.* Servizzi marbuta mal-kontijiet tal-ħlas bażiċi għandhom jinkludu l-faċilità li *jitqiegħdu* u jinġibdu l-flus. Il-konsumaturi għandhom ikunu jistgħu jagħmlu tranżazzjonijiet tal-ħlas essenzjali bħal li jirċievu introjtu jew benefiċċji, iħallsu l-kontijiet jew it-taxxi u jixtru oġġetti u servizzi, fosthom permezz ta' debitu dirett, trasferiment ta' kreditu u l-użu ta' kard tal-ħlas. Dawn is-servizzi għandhom jippermettu x-xiri ta' oġġetti u servizzi onlajn u għandhom jagħtu lill-konsumaturi l-oportunità biex iniedu ordnijiet tal-ħlas permezz tal-faċilità tas-servizzi bankarji onlajn tal-fornitur tas-servizz tal-ħlas, fejn disponibbli. Madankollu, kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi ma għandux ikun ristrett għal użu online għaliex dan joħloq ostaklu għall-konsumaturi mingħajr aċċess għall-internet. Il-konsumaturi ma għandhomx jingħataw aċċess għal faċilità ta' overdraft ma' kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas sabiex joffru faċilitajiet ta' *overdraft u prodotti kreditizji oħra bħala servizzi separati b'mod ċar lil konsumaturi ta' kontijiet tal-ħlas bażiċi, sakemm l-aċċess għall-kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi jew l-użu tiegħu ma jkunx ristrett jew ma jkunx jiddependi mix-xiri ta' tali servizzi kreditizji. Kwalunkwe tariffa imposta għal dawk is-servizzi għandha tkun trasparenti u favorevoli tal-inqas daqs il-politika ta' pprezzar normali tal-fornitur.*
- (31) Sabiex jiġi żgurat li kontijiet bażiċi tal-ħlas ikunu disponibbli għall-akbar firxa possibbli ta' konsumaturi, dawn għandhom jiġu offruti mingħajr ħlas jew b'tariffa raġonevoli. *L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jiżguraw li l-kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi jkun dejjem il-kont tal-ħlas bl-irħas tariffa għall-għoti tal-pakkett minimu ta' servizzi tal-ħlas speċifikat fl-Istat Membru.* Barra minn hekk, kwalunkwe *tariffa* addizzjonali *imposta fuq il-konsumatur* għal nuqqas ta' konformità mat-termini stabbiliti fil-kuntratt *għandha tkun* raġonevoli *u qatt oġhla mill-politika tal-prezzijiet regolari tal-fornitur.*

- (32) Il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas għandu jirrifjuta l-ftuħ jew itemm kuntratt għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi biss f'ċirkostanzi speċifiċi, **pereżempju f'każ ta'** nuqqas ta' konformità mal-leġislazzjoni dwar il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu jew il-prevenzjoni u l-investigazzjoni ta' reati. Ukoll f'dawn il-każijiet, rifjut jista' jkun ġustifikat biss fejn il-konsumatur ma jkunx jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' dik il-leġislazzjoni u mhux għaliex il-proċedura sabiex tiġi kkontrollata l-konformità mal-leġislazzjoni tkun ta' piż żejjed jew għalja żżejjed.
- (33) ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jitqiegħdu fis-seħħ miżuri xierqa biex jiżded l-għarfien rigward id-disponibbiltà ta' kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi u l-proċeduri u l-kundizzjonijiet biex jintużaw kif stipulat f'din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri tal-komunikazzjoni jkunu biżżejjed u mmirati sew, u li b'mod partikolari jilħqu lill-konsumaturi bla bank, vulnerabbli u mobbli. Il-fornituri tas-servizzi tal-ħlas għandhom attivament iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-konsumaturi informazzjoni aċċessibbli u assistenza adegwata rigward il-karatteristiċi speċifiċi tal-kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi li qed jiġi offrut, it-tariffi assoċjati tagħhom u l-kundizzjonijiet tal-użu u wkoll il-passi li l-konsumaturi għandhom isegwu biex jeżerċitaw id-dritt tagħhom biex jiftħu kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi. B'mod partikolari, il-konsumaturi għandhom ikunu infurmati li mhumiex obbligati jakkwistaw servizzi addizzjonali biex jiksbu aċċess għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi. Sabiex jiġi mminimizzat ir-riskju li l-konsumaturi jiġu esklużi finanzjarjament, l-Istati Membri għandhom itejbu l-edukazzjoni finanzjarja, inkluż fl-iskejjel, u jiġġieldu kontra d-dejn żejjed. Minbarra dan, l-Istati Membri għandhom jipromwovu inizzjattivi ta' forniture tas-servizzi tal-ħlas sabiex jiffaċilitaw it-tisħib tal-forniment ta' kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi mal-edukazzjoni finanzjarja indipendenti.***
- (34) L-Istati Membri għandhom jaħtru awtoritajiet kompetenti li jkollhom is-setgħa jiżguraw l-infurzar ta' din id-Direttiva u li huma mogħtija setgħat ta' investigazzjoni u infurzar. L-awtoritajiet kompetenti maħtura ***għandhom ikunu indipendenti mill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas u*** għandu jkollhom riżorsi adegwati biex iwettqu dmirijiethom. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jinnominaw awtoritajiet kompetenti differenti sabiex jinfurzwaw l-obbligi wiesgħa stabbiliti f'din id-Direttiva.
- (35) Il-konsumaturi għandu jkollhom aċċess għal proċeduri ta' ***lment u*** rimedju barra mill-qorti għar-riżoluzzjoni ta' tilwim li jirriżulta mid-drittijiet u l-obbligi stabbiliti b'din id-Direttiva. ***L-aċċess għal proċeduri ta' riżoluzzjoni alternattivi tat-tilwim għandu jkun faċli u l-korpi kompetenti għandhom jissodisfaw għadd ta' kriterji bħar-rappreżentanza ugwali tal-fornituri u l-utenti.*** Dan l-aċċess huwa diġà żgurat mid-Direttiva 2013/.../UE f'dak li jirrigwarda t-tilwim kuntrattwali rilevanti. Madankollu, il-konsumaturi għandhom ikollhom ukoll aċċess għal proċeduri ta' rimedju bonarju f'każ ta' tilwim prekuntrattwali li jikkonċerna d-drittijiet u l-obbligi stabbiliti minn din id-Direttiva, pereżempju meta dawn ma jingħatawx aċċess għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi. Il-konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva tesiġi l-ipproċessar ta' dejta personali tal-konsumaturi. Dan l-ipproċessar huwa rregolat mid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta. Din id-Direttiva għandha

għalhekk tkun konformi mar-regoli stabbiliti fid-Direttiva 95/46/KE u l-liġijiet nazzjonali li jimplimentawhom.

- (36) Sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti f'din id-Direttiva, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-identifikazzjoni tat-terminoloġija standardizzata fil-livell tal-UE għas-servizzi tal-ħlas komuni għal għadd ta' Stati Membri u d-definizzjonijiet relatati għal dawn it-termini.

- (38) ***Fuq bażi annwali u għall-ewwel darba*** fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiksbu statistika annwali affidabbli dwar il-funzjonament tal-miżuri introdotti permezz ta' din id-Direttiva. Huma għandhom jużaw kwalunkwe riżorsa ta' informazzjoni rilevanti u jikkomunikaw dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni. ***Il-Kummissjoni għandha tipprova rapport annwali abbażi tal-informazzjoni riċevuta.***

- (39) Eżami ta' din id-Direttiva għandu jitwettaq ***erba'*** snin wara d-dħul fis-seħħ sabiex iqis l-iżviluppi tas-suq, bħall-ħolqien ta' tipi ġodda ta' kontijiet tal-ħlas u servizzi tal-ħlas, kif ukoll żviluppi foqasma oħra tal-liġi tal-Unjoni u l-esperjenzi tal-Istati Membri. Ir-reviżjoni għandha tivvaluta jekk il-miżuri introdotti tejbux il-fehim tal-konsumaturi dwar it-tariffi tal-kontijiet tal-ħlas, il-komparabilità tal-kontijiet tal-ħlas u kemm huwa faċli li wieħed ibiddel il-kontijiet. Għandha wkoll tiddetermina kemm ikunu nfetħu kontijiet tal-ħlas bażiċi inkluż minn konsumaturi li qabel kienu bla bank, ***il-perjodu ta' pussess ta' dan it-tip ta' kont, in-numru ta' rifjuti għall-ftuħ ta' kontijiet tal-ħlas bażiċi u t-terminazzjoni ta' dawn il-kontijiet u r-raġunijiet għalihom, kif ukoll l-ispejjeż assoċjati tagħhom.*** Għandha wkoll tivvaluta jekk l-iskadenzi estenzi għal fornituri ta' servizzi tal-ħlas li jwettqu bdil transfruntiera għandhomx jinżammu għal perjodu itwal. Barra minn hekk għandha tivvaluta jekk id-dispożizzjonijiet dwar l-informazzjoni li trid tiġi pprovduta mill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas meta joffru prodotti fpakkett humiex biżżejjed jew jekk humiex meħtieġa miżuri addizzjonali. Il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u, jekk xieraq, akkumpanjat minn proposti leġiżlattivi.

- (40) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

- (41) Skont id-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Istati Membri u l-Kummissjoni tat-28 ta' Settembru 2011 dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni, l-Istati Membri refgħu r-responsabbiltà li jakkumpanjaw, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew iktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' Direttiva u l-partijiet li jikkorrispondu magħhom tal-istrumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis li t-trażmissjoni ta' dawn id-dokumenti hija ġustifikata.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

(1) KAPITOLU I
MATERJA, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U
DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Materja u kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli dwar it-trasparenza u l-komparabilità tat-tariffi miżmuma lill-klijenti għall-kontijiet tal-ħlas tagħhom miżmumin fl-Unjoni Ewropea u pprovduti minn fornituri tas-servizzi tal-ħlas li jinsabu fl-Unjoni u regoli dwar il-bdil ta' kontijiet tal-ħlas fl-Unjoni.
2. Din id-Direttiva tiddefinixxi wkoll qafas għar-regoli u l-kundizzjonijiet skont liema l-Istati Membri jiggerantixxu dritt għall-konsumaturi li jifflu u li jużaw kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi fl-Unjoni.
3. Il-ftuħ u l-użu ta' kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi, skont din id-Direttiva jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II tad-Direttiva 2005/60/KE.
- 3a. *Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 15 sa 19, kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi għandu jitqies bħala kont tal-ħlas għall-finijiet ta' din id-Direttiva.***
4. Din id-Direttiva tapplika għal fornituri ta' servizzi tal-ħlas li jinsabu fl-Unjoni.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "konsumatur" tfisser persuna fiżika li taġixxi għal għanijiet li ma għandhomx x'jaqsmu mal-kummerċ, man-negozju, mas-sengħa jew mal-professjoni tagħha;
- (aa) "**residenti legalment**" tfisser kwalunkwe ċittadin tal-Unjoni jew nazzjonal ta' pajjiż terz li jkun qed jirrisjedi fit-territorju tal-Unjoni, inklużi persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil skont il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951 rigward l-istatus tar-rifuġjati, il-Protokoll tal-31 ta' Jannar 1967 tagħha u trattati internazzjonali rilevanti oħra;
- (b) "kont tal-ħlas" tfisser kont miżmum fisem ta' utent wieħed jew iżjed tas-servizz tal-ħlas li jintuża għat-tweqqif ta' tranżazzjonijiet tal-ħlas;

- (c) "servizz tal-ħlas" tfisser servizz tal-ħlas kif iddefinit fl-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2007/64/KE;
- (ca) **"servizzi marbuta mal-kont tal-ħlas" tfisser is-servizzi kollha marbuta mal-operat ta' kont tal-ħlas, inklużi servizzi tal-ħlas u tranżazzjonijiet tal-ħlas fil-kamp ta' applikazzjoni tal-punt (g) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2007/64/KE;**
- (d) "tranżazzjoni tal-ħlas" tfisser att, mibdi minn min jagħmel il-ħlas jew mill-benefiċjarju, ta' tqegħid, trasferiment jew ġbid ta' fondi, irrispettivament minn kwalunkwe obbligi ta' bażi bejn min jagħmel il-ħlas u l-benefiċjarju;
- (e) (e) "fornitur tas-servizzi tal-ħlas" tfisser fornitur tas-servizzi tal-ħlas kif iddefinit fl-Artikolu 4(9) tad-Direttiva 2007/64/KE **ħlief għall-finijiet tal-Kapitolu IV, fejn tfisser il-fornituri tas-servizzi tal-ħlas kollha stabbiliti fit-territorju tal-Istati Membri li joperaw f'servizzi ġenerali tal-ħlas bl-imnut u li joffru kontijiet tal-ħlas bħala parti integrali min-negozju regolari tagħhom;**
- (f) "strument tal-ħlas" tfisser strument tal-ħlas kif iddefinit fl-Artikolu 4(23) tad-Direttiva 2007/64/KE;
- (g) "fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi" tfisser il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li mingħandhi hija trasferita l-informazzjoni dwar il-ħlasijiet rikorrenti kollha, jew parti minnhom;
- (h) "fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatariju" tfisser il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li lilu hija trasferita l-informazzjoni dwar il-ħlasijiet rikorrenti kollha, jew parti minnhom;
- (i) "min iħallas" tfisser pesuna fiżika jew ġuridika li jkollha kont tal-ħlas u tippermetti ordni tal-ħlas minn dak il-kont tal-ħlas, jew, fejn ma jkun hemm l-ebda kont tal-ħlas ta' min iħallas, persuna fiżika jew ġuridika li tagħmel ordni tal-ħlas għall-kont tal-ħlas ta' benefiċjarju;
- (j) "benefiċjarju" tfisser persuna naturali jew legali li hija r-riċevitur intiż ta' fondi li kienu s-suġġett ta' tranżazzjoni tal-ħlas;
- (k) "tariffi" tfisser l-imposti **u l-pieni kollha**, jekk hemm, li huma pagabbli mill-konsumatur lill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas **għal, u b'rabta ma', is-servizzi assoċjati mal-kont** tal-ħlas;
- (ka) **"rata tal-imgħax tal-kreditu" tfisser kwalunke rata tal-imgħax imħallsa lill-konsumatur b'rabta ma' fondi miżmuma f'kont tal-ħlas;**
- (l) "mezz li jservi għal żmien twil" tfisser kwalunkwe strument li jippermetti lill-konsumatur jew il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas sabiex jaħżen informazzjoni personalment indirizzata lilu b'mod aċċessibbli għal referenza futura għal perjodu ta' żmien adegwat għall-iskopijiet tal-informazzjoni u sabiex jippermetti r-riproduzzjoni mhux mibdula tal-informazzjoni maħżuna;

- (m) "bdil" tfisser, fuq talba tal-konsumatur, trasferiment minn fornitur tas-servizz tal-ħlas għal ieħor tat-tagħrif dwar dawn li ġejjin jew xi wħud minnhom: l-istanding orders għal trasferimenti ta' kreditu, debiti diretti rikorrenti u trasferimenti ta' kreditu l' ġewwa rikorrenti eżegwiti f'kont tal-ħlas, bi jew mingħajr trasferiment tal-bilanċ tal-kont pożittiv minn kont tal-ħlas wieħed lejn l-ieħor jew l-għeluq tal-kont preċedenti. ***Il-bdil ma jimplikax it-trasferiment tal-kuntratt mill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi għall-fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatarju;***
- (n) "debitu dirett" tfisser servizz tal-ħlas li jiddebita l-kont tal-ħlas ta' min iħallas, fejn it-tranżazzjoni tal-ħlas tkun mibdija minn min jitħallas bil-kunsens tal-fornitur;
- (o) "trasferiment ta' kreditu" tfisser servizz tal-ħlas għall-ikkreditjar tal-kont tal-ħlas ta' benefiċjarju bi tranżazzjoni tal-ħlas jew sensiliet ta' tranżazzjonijiet tal-ħlas mill-kont tal-ħlas ta' min iħallas mill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jżomm il-kont tal-ħlas ta' min iħallas, fuq il-bażi ta' struzzjoni mogħtija minn min iħallas;
- (p) "standing order" tfisser servizz li jikkredita f'intervalli regolari l-kont tal-ħlas ta' benefiċjarju b'sensiela ta' tranżazzjonijiet tal-ħlas mill-kont tal-ħlas ta' min iħallas, eżegwiti mill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jżomm il-kont tal-ħlas ta' min iħallas, fuq il-bażi ta' struzzjoni mogħtija minn min iħallas;
- (q) "Fondi" tfisser karti tal-flus, muniti u flus skritturali kif ukoll flus elettroniċi kif definiti fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2009/110/KE;
- (r) "Kuntratt qafas" tfisser kuntratt ta' servizzi tal-ħlas li jirregola l-eżekuzzjoni futura ta' tranżazzjonijiet tal-ħlas individwali u suċċessivi u li jista' jkun fih l-obbligu u l-kundizzjonijiet biex jiġi stabbilit kont tal-ħlas;
- (ra) ***"għurnata tax-xogħol" tfisser għurnata tax-xogħol kif definita fl-Artikolu 4(27) tad-Direttiva 2007/64/KE.***

Artikolu 3

Terminoloġija standardizzata marbuta mal-kontijiet tal-ħlas

1. L-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 20, jiddeterminaw lista proviżorja ***tas-servizzi l-aktar rappreżentattivi marbuta mal-kontijiet tal-ħlas fuq il-livell nazzjonali. Il-lista għandha tkopri tal-anqas l-10 servizzi l-aktar rappreżentattivi disponibbli*** fuq il-livell nazzjonali. ***Għandu jkun fiha termini u definizzjonijiet għal kull wieħed mis-servizzi identifikati, filwaqt li fi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Istat Membru għandu jintuża terminu wieħed biss għal kull servizz.***
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jqisu s-servizzi:

- (1) l-aktar li jintużaw mill-konsumaturi f'rabta mal-kont tal-ħlas tagħhom;
- (2) li jiġġeneraw l-ogħla spiża għal konsumaturi, **kemm inġenerali kif ukoll** għal kull **unità**;

Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni soda ta' dawk il-kriterji għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-ABE tiżviluppa linji gwida skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 biex tgħin lill-awtoritajiet kompetenti.

3. L-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-listi proviżorji msemmija fil-paragrafu 1 fi żmien **12-il xahar** mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. **Fuq talba, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni komplementari rigward id-dejta li abbażi tagħha jkunu kkompilaw dawk il-listi fir-rigward tal-kriterji msemmija fil-paragrafu 2.**
4. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 24, li jistabbilixxu, abbażi tal-listi proviżorji sottomessi skont il-paragrafu 3, terminoloġija standardizzata tal-UE **għas-servizzi** tal-ħlas **marbuta mal-kontijiet tal-ħlas** li huma komuni għall-anqas għall-maġġoranza tal-Istati Membri. It-terminoloġija standardizzata tal-UE **għandha tkun ċara u konċiża u għandha** tinkludi termini u definizzjonijiet komuni għas-servizzi komuni, **filwaqt li terminu wieħed biss għandu jintuża għal kull servizz fi kwalunkwe lingwa uffiċjali għal kull Stat Membru.**
5. Wara l-pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea tal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 4, kull Stat Membru jintegra mingħajr dewmien, **u fi kwalunkwe każ fi żmien xahar**, it-terminoloġija standardizzata tal-UE adottata skont il-paragrafu 4 fil-lista proviżorja msemmija fil-paragrafu 1 u jipubblica din il-lista.

Artikolu 4

Dokument tal-informazzjoni dwar it-tariffi u glossarju

1. L-Istati Membri jiżguraw li **fi żmien debitu** qabel ma jidħlu f'kuntratt għal kont tal-ħlas ma' konsumatur, il-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jipprovdu lill-konsumatur b'dokument ta' informazzjoni **komprensiv** dwar it-tariffi. **Id-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi jiddikjara s-servizzi disponibbli kollha marbuta mal-kont tal-ħlas li huma inklużi fil-lista** tal-aktar servizzi rappreżentattivi msemmija fil-paragrafu 5 tal-Artikolu 3 u t-tariffi li jikkorrispondu għal **kwalunkwe** servizz. **Ikun fih ukoll kwalunkwe tariffa u rata tal-imgħax addizzjonali li jistgħu jiġu applikati għall-kont. Sabiex issir distinzjoni bejn id-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi u dokumentazzjoni kummerċjali jew kuntrattwali, jinkludi simbolu komuni fuq nett fl-ewwel paġna. L-Istati Membri jiżguraw li l-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jinfurmaw lill-konsumaturi dwar kwalunkwe modifika fit-tariffi u jqiġghdu għad-dispożizzjoni tal-konsumatur dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi aġġornat, meta relevanti.**
Meta t-tariffa għal servizz tkun valida biss għal ċerti mezz ta' komunikazzjoni, bħal online jew permezz ta' ferġha, jew meta t-tariffa tvarja skont il-mezz użat, dan

jiġi indikat b'mod ċar fid-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi. 1b. L-Istati Membri jiżguraw li l-fornituri tas-servizzi tal-ħlas ma jimponu l-ebda tariffa mhux elenkata fid-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi. 2. Fejn wieħed jew aktar mis-servizzi tal-ħlas huwa offrut bħala parti minn pakkett ta' servizzi tal-ħlas, id-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi jiżvela t-tariffa għall-pakkett kollu, is-servizzi inklużi fil-pakkett u n-numru tagħhom, u t-tariffa għal kull servizz li mhuwiex kopert mit-tariffa tal-pakkett.

5. L-Istati Membri jistabbilixxu obbligu fuq il-fornituri ta' servizzi tal-ħlas sabiex *iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-konsumaturi glossarju tas-servizzi kollha msemmija fil-paragrafu 1 u d-definizzjonijiet u l-ispjegazzjonijiet relatati.*

L-Istati Membri jiżguraw li l-glossarju pprovdut skont l-ewwel subparagrafu jkun abbozzat f'lingwaġġ ċar, mhux ambigwu u mhux tekniku u li ma jkunx qarrieqi.

6. Id-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi u l-glossarju jkunu disponibbli *b'mod permanenti għall-konsumaturi u l-konsumaturi prospettivi* mill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas *f'forma elettronika* fuq is-siti tal-internet tagħhom *fejn tkun faċilment aċċessibbli anke għal min mhuwiex konsumatur. Id-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi jkun disponibbli mingħajr ħlas mill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas fuq mezz li jservi fit-tul fi stabbilimenti aċċessibbli għall-konsumaturi u l-glossarju jitqiegħed għad-dispożizzjoni fuq mezz li jservi fit-tul fuq talba.*

7. *L-ABE, wara li tikkonsulta lill-awtoritajiet nazzjonali u wara li jitwettqu testijiet fost il-konsumaturi, tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni rigward format ta' preżentazzjoni standardizzata* tad-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi *u s-simbolu* komuni tiegħu.

L-ABE tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa [...].*

Il-Kummissjoni tingħatalha s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Artikolu 5

Dikjarazzjoni tat-tariffi

1. L-Istati Membri jiżguraw li l-fornituri ta' servizzi tal-ħlas jipprovdu *lill-konsumaturi, mingħajr ħlas*, b'dikjarazzjoni tat-tariffi *u r-rati tal-imgħax* kollha *applikati għall-kont* tal-ħlas tagħhom *fuq bażi annwali.*

Il-mezz ta' komunikazzjoni li għandu jintuża biex il-konsumatur jingħata d-dikjarazzjoni tat-tariffi għandu jiġi miftiehem bejn il-partijiet kontraenti. Id-dikjarazzjoni għandha ssir disponibbli f'format stampat fuq it-talba ta'

ĠU jekk jogħġbok daħħal id-data12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

konsumatur.

2. Id-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tispjefika l-informazzjoni li ġejja:
- (a) il-ħlas għal kull unità mitlub għal kull servizz *u* l-għadd ta' drabi li ntuża s-servizz matul il-perjodu rilevanti *jew meta s-servizzi jkunu kkombinati f'pakkett, it-tariffa imposta għall-pakkett kollu kemm hu;*
 - (b) l-ammont totali ta' tariffi mħallsa għal kull servizz ipprovdut matul il-perjodu rilevanti, *meta xieraq filwaqt li jitqiesu l-istrutturi tariffarji speċifiċi relatati ma' pakketti ta' servizzi;*
 - (ba) *ir-rata tal-imgħax tal-overdraft applikata għall-kont, in-numru ta' ġranet meta l-kont kien taħt il-limitu u l-ammont totali ta' imgħax impost relatat mal-overdraft matul il-perjodu rilevanti;*
 - (bb) *ir-rata tal-imgħax tal-kreditu applikat għall-kont, il-bilanċ medju u l-ammont totali ta' imgħax miksub matul il-perjodu rilevanti;*
 - (c) *il-bilanċ totali (pożittiv jew negattiv) wara t-tnaqqis tat-tariffi kollha u l-applikazzjoni tal-imgħax miksub b'konnessjoni mal-użu tal-kont matul il-perjodu rilevanti;*
 - (ca) *prenotifiki rigward modifiki maħsuba tat-tariffi u r-rati tal-imgħax fil-perjodu sussegwenti.*
4. *L-ABE, wara li tikkonsulta lill-awtoritajiet nazzjonali u wara li jitwettqu testijiet fost il-konsumaturi, tiżviluppa standards tekniċi ta' implimentazzjoni rigward format ta' preżentazzjoni standardizzata tad-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi u s-simbolu komuni tiegħu.*
*L-ABE tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa [...]**
- Il-Kummissjoni tingħatalha s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.*

Artikolu 6

Komunikazzjonijiet bl-użu tat-terminoloġija standardizzata

1. L-Istati Membri jiżguraw li *fil-komunikazzjonijiet kollha lill-konsumaturi, inklużi l-komunikazzjonijiet kuntrattwali u ta' kummerċjalizzazzjoni*, il-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jużaw, fejn *applikabbli, it-terminoloġija standardizzata* li *tinsab* fil-lista tas-servizzi tal-ħlas l-aktar rappreżentattivi *marbuta ma' kont tal-ħlas imsemmi* fl-Artikolu 3, il-paragrafu 5.

ĠU jekk jogħġbok daħħal id-data: 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva

2. Il-fornituri ta' servizzi tal-ħlas jistgħu jużaw ismijiet ta' ditti li ***jiddeżinjaw*** is-servizzi ***jew il-kontijiet tal-ħlas*** tagħhom fil-komunikazzjonijiet ***ta' kummerċjalizzazzjoni*** tagħhom ***lill-kljenti, sakemm*** jidentifikaw ***b'mod ċar***, fejn ***applikabbli***, it-terminu korrispondenti ***bl-użu tat-terminoloġija standardizzata kif integrata*** fil-lista msemmija fl-Artikolu 3, il-paragrafu 5. Il-fornituri ta' servizzi tal-ħlas ***jistgħu*** jużaw ***tali*** ismijiet ta' ditti fid-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi ***jew id-dikjarazzjoni tat-tariffi sakemm dan ikun b'żieda mat-terminoloġija standardizzata u bħala deżinjazzjoni sekondarja tas-servizzi jew il-kont offrut.***

Artikolu 7

Siti tal-internet tat-tqabbil ***fil-livell nazzjonali***

1. L-Istati Membri jiżguraw li l-konsumaturi jkollhom aċċess, ***bla ħlas***, għal mill-anqas sit wieħed tal-internet ***stabbilit skont il-paragrafi 2 jew 3, li għandu jinkludi tal-anqas dan li ġej:***
- (a) ***tqabbil tal-imgħax imħallas jew impost lill-kont tal-ħlas***, it-tariffi imposti mill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas għal servizzi offruti fuq il-kontijiet tal-ħlas tagħhom fuq il-livell nazzjonali ■ ;
 - (b) ***tqabbil ta' determinanti tal-livell ta' servizz provdut mill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas, inklużi fatturi bħan-numru u l-lokazzjoni tal-fergħat u n-numru ta' automated teller machines li permezz tagħhom is-servizzi jistgħu jiġu vvalutati; (c) għoti ta' informazzjoni komplementari dwar it-terminoloġija standardizzata tal-Unjoni, l-aċċess għall-kontijiet tal-ħlas inklużi l-kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi u dwar il-proċeduri ta' bdil disponibbli fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali. Tali informazzjoni tista' tingħata permezz ta' links għal siti tal-internet esterni.***
2. L-Istati Membri jistabbilixxu skema ta' akkreditazzjoni obbligatorja għal siti tal-internet li jqabblu ***l-elementi għat-tqabbil kif deskritt fl-Artikolu 7(1)(a) u (b)*** offruti fuq kontijiet tal-ħlas operati minn operaturi privati. Sabiex jingħataw l-akkreditazzjoni, is-siti tal-internet tat-tqabbil operati minn operaturi privati:
- (a) ikunu ***legalment, finanzjarjament u*** operattivament indipendenti minn kwalunkwe fornitur tas-servizzi tal-ħlas;
 - (aa) ***jiddivulgaw b'mod ċar is-sidien u l-finanzjament tagħhom;***
 - (ab) ***jistabbilixxu kriterji ċari u oġġettivi li fuqhom ikun ibbażat it-tqabbil;***
 - (ac) ***ikunu imparzjali billi r-reklami tal-fornituri tas-servizzi tal-ħlas, l-aġenti tagħhom, l-affiljati jew id-ditti ma jintwerewx fuq il-paġna ewlenija jew fil-paġni tat-tqabbil tal-prezzijiet;***
 - (b) jużaw lingwaġġ sempliċi ***u mhux ambigwu*** u, ***kif applikabbli, it-terminoloġija standardizzata tal-Unjoni*** msemmija fl-Artikolu 3, il-paragrafu 5;

- (c) jipprovdu informazzjoni *preċiża u aġġornata u jiddikjaraw il-ħin tal-aħħar aġġornament*;
- (d) jipprovdu *lill-utenti riżultati oġġettivi u eżawrjenti li jqisu bis-sħiħ kwalunkwe kriterju ta' tiftix magħżul mill-utenti u, meta l-informazzjoni ppreżentata ma tkunx ħarsa ġenerali kompleta tas-suq, issir dikjarazzjoni ċara ta' dan, qabel jintwerew ir-riżultati*;
- (da) *jaċċettaw talbiet għall-inklużjoni fis-sit minn kwalunkwe fornitur tas-servizzi tal-ħlas fl-Istat Membru kkonċernat*;
- (e) joperaw proċedura effettiva tat-trattament tal-mistoqsijiet u l-ilmenti.

Meta l-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jintalbu ħlas għall-elenkar f'siti bħal dawn, l-imposti għandhom ikunu nondiskriminatorji u għandhom jiġu ppubblikati fis-sit tal-internet.

3. Fejn ma jkun akkreditat l-ebda sit tal-internet skont il-paragrafu 2, l-Istati Membri jiżguraw li jiġi stabbilit sit tal-internet operat *minn, jew f'isem, l-awtorità* kompetenti msemmija fl-Artikolu 20 jew minn xi awtorità pubblika kompetenti oħra. Fejn ikun ġie akkreditat sit tal-internet skont il-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jistabbilixxu sit tal-internet addizzjonali operat mill-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 20 jew minn xi awtorità pubblika kompetenti oħra. Siti tal-internet imħaddma minn awtorità kompetenti skont il-paragrafu 1 ikunu jikkonformaw mal-paragrafi 2 (a) sa (e).
4. L-Istati Membri jirrifjutaw jew jirtiraw l-akkreditazzjoni minn operatori privati f'każ ta' nuqqas *rikorrenti jew persistenti* ta' konformità mal-obbligi fil-paragrafu 2.
 - 4a. *Il-fornituri tas-servizzi tal-ħlas ma jkunux responsabbli għal informazzjoni mhux korretta jew mhux aġġornata li tirrigwarda lilhom jew lis-servizzi tagħhom, li tkun inkluża f'sit tal-internet tat-tqabbil akkreditat jew mhux akkreditat, meta l-fornitur tas-sit tal-internet ma jkunx ikkoreġa tali informazzjoni fuq it-talba tal-fornitur tas-servizzi tal-ħlas.*
 - 4b. *L-Istati Membri jiżguraw li l-konsumaturi jiġu infurmati dwar id-disponibbiltà tas-siti tal-internet imsemmija fil-paragrafu 1 u dwar is-siti tal-internet akkreditati skont il-paragrafi 2 jew 3.*

Artikolu 7a

Sit tal-internet tat-tqabbil tal-Unjoni

1. *L-Istati Membri jinnotifikaw lill-ABE bis-siti tal-internet tat-tqabbil li joperaw skont l-Artikolu 7(1)(2) u (3).*
2. *Sa ...* [tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], l-ABE tipprovdi sit tal-internet tat-tqabbil tal-Unjoni aċċessibbli li jippermetti lill-konsumaturi jqabblu l-*

kontijiet tal-ħlas offruti fis-suq intern. Sabiex jikkomplementa dik l-informazzjoni, is-sit tal-internet tat-tqabbil tal-Unjoni jipprovdi lill-konsumaturi glossarju li jkun fih it-terminoloġija standardizzata tal-Unjoni adottata skont l-Artikolu 3(5) u linji gwida prattiċi dwar il-bdil transfruntier tal-kontijiet tal-ħlas.

Artikolu 8

Kontijiet offruti bħala pakkett

*Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4(2), l-Istati Membri jiżguraw li meta kont tal-ħlas jiġi offrut flimkien ma' servizz jew prodott **finanzjarju** ieħor bħala parti minn pakkett, il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas jinforma lill-konsumatur dwar jekk huwiex possibbli li jixtri l-kont tal-ħlas separatament u jipprovdi informazzjoni separata dwar l-ispejjeż u t-tariffi assoċjati ma' kull wieħed mill-prodotti u s-servizzi offruti fil-pakkett.*



(2) KAPITOLU III

(3) BDIL

Artikolu 9

Forniment tas-servizz tal-bdil

1. L-Istati Membri jiżguraw li l-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jipprovdu servizz ta' bdil kif deskritt fl-Artikolu 10 lil kwalunkwe konsumatur li jkollu kont tal-ħlas ma' fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jinsab fl-Unjoni *u li jkun irranġa għall-ftuħ ta' kont tal-ħlas ġdid mal-fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatariju.*
L-Istati Membri jistgħu, fir-rigward ta' bdil meta ż-żewġ fornituri tas-servizzi tal-ħlas jinsabu fit-territorju tagħhom, jistabbilixxu jew iżommu arranġamenti li jkun differenti minn dawk deskritti fl-Artikolu 10 jekk ikun ċar li dan ikun fl-interess tal-konsumatur u l-bdil jitlesta fi żmien mhux itwal mill-istess perjodi globali ta' żmien deskritti fl-Artikolu 10.

Artikolu 10

Is-servizz tal-bdil

1. L-Istati Membri jiżguraw li s-servizz ta' bdil jiġi inizjat mill-fornitur tas-servizz tal-ħlas destinatariju u pprovdut skont ir-regoli stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 7.
2. Is-servizz ta' bdil jiġi inizjat mill-fornitur tas-servizz tal-ħlas destinatariju. *Sabiex jagħmel dan, il-fornitur tas-servizz tal-ħlas destinatariju jikseb awtorizzazzjoni bil-miktub mingħand il-konsumatur biex iwettaq is-servizz ta' bdil. **F'każ ta' kontijiet konġunti, l-awtorizzazzjoni trid tinkiseb mid-detenturi kollha tal-kont. L-awtorizzazzjoni ssir b'lingwa uffiċjali tal-Istat Membru fejn is-servizz ta' bdil qed jiġi inizjat jew bi kwalunkwe lingwa oħra miftiehma bejn il-partijiet.***
L-awtorizzazzjoni tkun tippermetti lill-konsumatur jipprovdi *jew jirrifjuta* kunsens speċifiku għas-servizz tal-ħlas li jittrasferixxi sabiex iwettaq kull wieħed mill-kompiti indikati fil-paragrafi 3(e) u 3(f) u jipprovdi *jew jirrifjuta* kunsens speċifiku

lill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatariju sabiex iwettaq kull wieħed mill-kompiti indikati fil-paragrafi 4(c), 4(d) u 5. L-awtorizzazzjoni tkun tippermetti lill-konsumatur jitlob speċifikament it-trażmissjoni mill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi l-informazzjoni indikata fil-paragrafi 3(a) u 3(b).

L-awtorizzazzjoni tkun tispeċifika wkoll id-data minn meta l-ħlasijiet rikorrenti jiġu operati mill-kont miftuħ ma' fornitur tas-servizz tal-ħlas destinatariju. ***Din id-data tkun mill-inqas sebat ijiem ta' xogħol wara d-data li fiha l-fornitur tas-servizz tal-ħlas li qed jittrasferixxi jirċievi t-talba biex iwettaq il-bidla mingħand il-fornitur tas-servizz tal-ħlas destinatariju skont l-Artikolu 10(6).***

3. Fi żmien ***jumejn*** ta' xogħol minn meta jirċievi l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatariju jitlob lill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi sabiex iwettaq id-dmirijiet segwenti:
 - (a) jibgħat lill-fornitur tas-servizz tal-ħlas destinatariju u, jekk speċifikament mitlub mill-konsumatur skont il-paragrafu 2, lill-konsumatur lista tal-istanding orders kollha eżistenti għal trasferimenti ta' kreditu u l-mandati ta' debitu dirett inizjati mid-debitur, ***jekk tkun disponibbli***;
 - (b) jibgħat lill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatariju u, jekk speċifikament mitlub mill-konsumatur skont il-paragrafu 2, lill-konsumatur l-informazzjoni disponibbli dwar trasferimenti 'l ġewwa ta' kreditu u d-debiti diretti inizjati mid-debitur eżegwiti fuq il-kont tal-konsumatur fit-13-il xahar preċedenti;
 - (c) jittrażmetti lill-fornitur tas-servizz tal-ħlas destinatariju ***dik l-informazzjoni*** l-oħra ***kif meħtieġ biex il-fornitur tas-servizz tal-ħlas destinatariju jwettaq il-bdil***;
 - (d) fejn il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi ma jipprovdi sistema għar-ridirezzjoni awtomatizzata ***tat-trasferimenti 'l ġewwa ta' kreditu*** u d-debiti diretti lejn il-kont li l-konsumatur ikollu mal-fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatariju, jiegħaf jaċċetta debiti diretti ***u trasferimenti 'l ġewwa ta' kreditu mid-data*** speċifikata fl-awtorizzazzjoni;
 - (e) fejn il-konsumatur ikun ta l-kunsens tiegħu skont il-paragrafu 2, jittrasferixxi kwalunkwe bilanċ pożittiv li jibqa' lejn il-kont miftuħ jew miżmum mal-fornitur tas-servizz tal-ħlas destinatariju fid-data speċifikata mill-konsumatur; kif ukoll
 - (f) fejn il-konsumatur ikun ta l-kunsens tiegħu skont il-paragrafu 2, jagħlaq il-kont miżmum mal-fornitur tas-servizz tal-ħlas li jittrasferixxi fid-data speċifikata mill-konsumatur;
 - (fa) ***jikkanċella l-istanding orders u t-trasferimenti ta' kreditu b'data ta' eżekuzzjoni mid-data speċifikata fl-awtorizzazzjoni.***
4. Malli jirċievi l-informazzjoni mitluba mingħand il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi msemmi fil-paragrafu 3, il-fornitur tas-servizz tal-ħlas destinatariju jwettaq il-kompiti segwenti:
 - (a) jistabbilixxi fi żmien sebat ijiem ***ta' xogħol***, l-istanding orders għat-trasferimenti ta' kreditu mitluba mill-konsumatur u jeżegwihom mid-data speċifikata fl-awtorizzazzjoni;
 - (b) jaċċetta debiti diretti mid-data speċifikata fl-awtorizzazzjoni;
 - (ba) ***fejn rilevanti, jinforma lill-konsumaturi dwar id-drittijiet tagħhom fir-rigward tad-debiti diretti tas-SEPA skont l-Artikolu 5(3)(d) tar-Regolament (UE) Nru 260/2012***;

- (c) fejn il-konsumatur ikun ta l-kunsens tiegħu skont il-paragrafu 2, jinforma lil dawk li jħallsu li jagħmlu trasferimenti ta' kreditu rikorrenti fil-kont tal-ħlas tal-konsumatur bid-dettalji tal-kont tal-konsumatur mal-fornitur tal-ħlas destinatarju. Jekk il-fornitur tas-servizz tal-ħlas destinatarju ma jkollux l-informazzjoni kollha li jeħtieġ biex jinforma lill min iħallas, **fi żmien jumejn** jistaqsi lill-konsumatur jew, **jekk ikun hemm bżonn**, lill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi, **wara li jitlob permess mingħand il-konsumatur**, biex jipprovdi l-informazzjoni nieqsa;
- (d) fejn il-konsumatur ikun ta l-kunsens tiegħu skont il-paragrafu 2, jinforma lill-benefiċjarji li jużaw debitu dirett biex jiġbru l-fondi mill-kont tal-konsumatur bid-dettalji tal-kont tal-konsumatur mal-fornitur tas-servizz tal-ħlas destinatarju u d-data li minnha d-debiti diretti jinġabru minn dak il-kont. Jekk il-fornitur tas-servizz tal-ħlas destinatarju ma jkollux l-informazzjoni kollha li jeħtieġ biex jinforma lill min iħallas, **fi żmien jumejn** jistaqsi lill-konsumatur jew, **jekk ikun hemm bżonn**, lill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi, **wara li jitlob il-permess tal-konsumatur**, biex jipprovdi l-informazzjoni nieqsa;
- (e) **fejn il-konsumatur jintalab jipprovdi l-informazzjoni nieqsa għall-finijiet tal-punti (c) u (d)**, jipprovdi lill-konsumatur b'ittri standard li jipprovdu dettalji dwar il-kont il-ġdid u d-data tal-bidu indikata fl-awtorizzazzjoni. **L-ittra standard issir b'lingwa uffiċjali tal-Istat Membru fejn is-servizz ta' bdil qed jiġi inizjat jew bi kwalunkwe lingwa oħra miftiehma bejn il-partijiet.**
- 4a. L-Istati Membru jiżguraw li jiġu stipulati skadenzi fuq livell nazzjonali kemm għal min iħallas kif ukoll għall-benefiċjarji sabiex ikunu kkunsidrati d-dettalji tal-kont il-ġdid tal-konsumatur mibgħuta mill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatarju. L-Istati Membri jiżguraw ukoll li l-konsumaturi jkun konxji minn tali skadenzi u obbligazzjonijiet implikati.**
5. Fejn il-konsumatur ikun ta l-kunsens speċifiku tiegħu skont il-paragrafu 2, il-fornitur tas-servizz tal-ħlas destinatarju jista' jwettaq kull kompitu addizzjonali meħtieġ għat-twettiq ta' dan il-bdil.
6. Malli jirċievi talba mingħand il-fornitur tas-servizz tal-ħlas destinatarju, il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi jwettaq il-kompiti li ġejjin:
- (a) jibgħat lill-fornitur tas-servizz tal-ħlas destinatarju l-informazzjoni indikata fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 3, fi żmien sebat ijiem **ta' xogħol** minn meta jirċievi t-talba;
- (b) fejn il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi ma jipprovdi sistema għar-ridirezzjoni awtomatizzata **tat-trasferimenti 'l ġewwa ta' kreditu** u d-debiti diretti lejn il-kont li l-konsumatur ikollu mal-fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatarju, **iwaqqaf it-trasferimenti 'l ġewwa ta' kreditu** u jjeqaf jaċċetta debiti diretti fuq il-kont tal-ħlas mid-data mitluba mill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatarju;
- (c) jittrasferixxi **kwalunkwe** bilanċ pożittiv **li jibqa'** mill-kont tal-ħlas lejn il-kont miżmum mal-fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatarju;
- (d) **ladarba l-passi elenkati fil-punti (a), (b) u (c) jkun twettqu**, jagħlaq il-kont tal-ħlas;
- (e) iwettaq kull kompitu addizzjonali meħtieġ biex isir il-bdil, skont il-paragrafu 5.
- 6a. Il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi ma jkunx mitlub jagħlaq il-kont tal-ħlas skont il-punt (d) tal-paragrafu 6 jekk il-konsumatur ikollu obbligi pendenti**

lejn il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas. Il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas jinforma minnufih lill-konsumatur meta dawn l-obbligi pendenti ma jippermettux li l-kont tal-ħlas tiegħu jingħalaq.

7. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 55(2) tad-Direttiva 2007/64/KE, il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas ma jibblokkax strumenti tal-ħlas qabel id-data miftehma mal-fornitur tas-servizz tal-ħlas destinatarju ***sabiex il-forniment tas-servizzi tal-ħlas lill-konsumatur ma jkunx interrott matul il-proċess tal-bdil.***
8. L-Istati Membri jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ***kollha*** li jinsabu fil-paragrafi 1 sa 7 ***ħlief għal dawk li jinsabu fil-paragrafu 4(c) u (d)*** japplikaw ukoll meta s-servizz ta' bdil ikun inizjat minn fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jinsab fi Stat Membru ieħor.
9. Fil-każ indikat fil-paragrafu 8, l-iskadenzi indikati fil-paragrafi 3, 4 u 6 jiġu rdoppjati ***ħlief fir-rigward ta' tranżazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 260/2012 meta kemm il-kont tal-ħlas li jittrasferixxi kif ukoll dak destinatarju jkunu denominati f'euro.*** Din id-dispożizzjoni tkun soġġetta għal reviżjoni skont l-Artikolu 27.

Artikolu 11

Tariffi konnessi mas-servizz tal-bdil

1. L-Istati Membri jiżguraw li l-konsumaturi jkunu jistgħu jaċċessaw mingħajr ħlas l-informazzjoni personali tagħhom dwar standing orders u debiti diretti eżistenti miżmuma jew mill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi jew minn dak destinatarju.
2. L-Istati Membri jiżguraw li l-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi jipprovdi l-informazzjoni mitluba mill-fornitur tas-servizz tal-ħlas destinatarju skont il-paragrafu 6 (a) tal-Artikolu 10 mingħajr ma jżomm tariffa mingħand il-konsumatur jew il-fornitur tas-servizz tal-ħlas destinatarju.
3. L-Istati Membri jiżguraw li t-tariffi, jekk ikun hemm, li jkunu applikati mill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi lill-konsumatur għat-terminazzjoni ta' kont tal-ħlas miżmum miegħu jiġu determinati b'konformità mal-Artikolu 45(2) tad-Direttiva 2007/64/KE.
4. L-Istati Membri jiżguraw li t-tariffi, jekk ikun hemm, applikati mill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi jew dak destinatarju lill-konsumatur għal kwalunkwe servizz mogħti skont l-Artikolu 10, għajr dawk imsemmija fil-paragrafi 1 sa 3, ikunu ***raġonevoli.***

Artikolu 11a

Ridirezzjoni awtomatizzata

Sakemm, wara li twettaq valutazzjoni tal-impatt regolatorju, il-Kummissjoni ma tiddeċidix mod ieħor, l-Istati Membri jiżguraw li sa ... * [sitt snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], tiġi stabbilita faċilità li ttiprovdi ridirezzjoni awtomatizzata tal-ħlasijiet minn kont tal-ħlas għal kont tal-ħlas ieħor fl-istess Stat Membru flimkien ma' notifiki awtomatizzati lill-benefiċjarji jew lil min iħallas meta t-trasferimenti tagħhom jiġu ridiretti.

Artikolu 12

Telf finanzjarju għall-konsumaturi

1. L-Istati Membri jiżguraw li kwalunkwe *tariffa jew* telf finanzjarju *ieħor* li jġarrbu l-konsumaturi li jirriżulta minn nuqqas ta' konformità ta' fornitur tas-servizzi tal-ħlas involut fil-proċess ta' bdil mal-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 10 jitħallas lura minn dak il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas *fi żmien tlett ijiem ta' xogħol minn meta jkun stabbilit in-nuqqas ta' konformità. L-oneru tal-provi jkun fuq il-fornitur tas-servizz tal-ħlas, li għandu juri li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10 jkunu ġew rispettati.*
2. Il-konsumaturi ma jgħorru l-ebda telf finanzjarju li jirriżulta minn żbalji jew dewmien fl-aġġornament tad-dettalji tal-kont tal-ħlas tagħhom minn min iħallas jew mill-benefiċjarju. *L-Istati Membri jiżguraw li min iħallas u l-benefiċjarji jinżammu responsabbli meta ma jirrispettawx l-iskadenzi stipulati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 10(4a).*

Artikolu 13

Informazzjoni dwar is-servizz tal-bdil

1. L-Istati Membri jiżguraw li fornituri ta' servizzi tal-ħlas iquieghdu għad-dispożizzjoni tal-konsumaturi l-informazzjoni li ġejja dwar is-servizz tal-bdil:
 - (a) ir-rwoli tal-fornituri tas-servizz li jkunu qed jittrasferixxu u dawk destinatariji għal kull pass tal-proċess ta' bdil, kif indikat fl-Artikolu 10;
 - (b) il-perjodu ta' żmien għat-tlestija tal-passi rispettivi;
 - (c) it-tariffi, jekk ikun hemm, imposti għall-proċess ta' bdil tal-fornitur;
 - (d) kull informazzjoni li l-konsumaturi jintalbu jipprovdu;
 - (e) il-proċeduri alternattivi ta' riżoluzzjoni ta' tilwim tal-iskema msemmija fl-Artikolu 21.
3. L-informazzjoni tiġi pprovduta mingħajr ħlas fuq mezz li jservi fit-tul fil-fergħat kollha tal-fornituri tas-servizzi tal-ħlas aċċessibbli għall-konsumaturi u tkun disponibbli f'forma elettronika fuq is-siti tal-internet tagħhom f'kull ħin.

(4) KAPITOLU IV

AĊĊESS GĦAL KONTIJET TAL-ĦLAS

Artikolu 14

Nonndiskriminazzjoni

L-Istati Membri jiżguraw li l-konsumaturi legalment residenti fl-Unjoni ma jkunux diskriminati minħabba n-nazzjonalità jew il-post ta' residenza tagħhom, *jew kwalunkwe bażi oħra msemmija fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea*, meta japplikaw għal jew jaċċessaw kont tal-ħlas fl-Unjoni. *Il-pussess ta' kont tal-ħlas bażiku ma jkun bl-ebda mod diskriminatorju. Ma hi permessa l-ebda forma ta' diskriminazzjoni viżibbli permezz ta', pereżempju, dehra differenti tal-kard jew numru tal-kont jew tal-kard differenti.*

Artikolu 15

Dritt ta' aċċess għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi

1. L-Istati Membri jiżguraw li █ kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi *jkun offrut lill-konsumaturi mill-fornituri kollha* tas-servizzi tal-ħlas *li joperaw servizzi tal-ħlas bl-innut b'mod ġenerali u li joffru kontijiet tal-ħlas bħala parti integrali tan-negozju regolari tagħhom*. L-Istati Membri jiżguraw li

kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi ma jgħux offruti biss minn fornituri ta' servizzi tal-ħlas li jipprovdu l-kont biss *permezz ta' faċilitajiet* **■** onlajn.

1a. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu eżenzjoni mill-obbligu skont il-paragrafu 1 meta l-fornituri tas-servizzi tal-ħlas:

(a) ikunu elenkati fl-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2013/26/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹,

(b) joperaw mingħajr skop ta' qligħ;

(c) jeħtieġu sħubija abbażi ta' kriterji definiti, bħall-professjoni.

Kwalunkwe eżenzjoni bħal din ma taffettwax id-dritt ta' aċċess għall-konsumaturi.

2. L-Istati Membri jiżguraw li *fit-territorju tagħhom ikun hemm sistema li tiżgura d-dritt tal-konsumaturi li jifih u jużaw kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi kif stabbilit fl-Artikolu 14, li tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:*

(a) dan id-dritt japplika irrispettivament mill-post tar-residenza tal-konsumatur, *mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2a;*

(aa) *ikun hemm mekkaniżmu fis-seħħ li jgħin lill-konsumaturi mingħajr indirizz fiss, dawk li jfittxu l-ażil u konsumaturi li mhumiex mogħtija permess għal residenza iżda li t-tkeċċija tagħhom hija impossibbli minħabba raġunijiet legali biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-Kapitolu II tad-Direttiva 2005/60/KE;*

(b) l-eżerċizzju tad-dritt ma *jkunx magħmul* diffiċli jew oneruż iżżejjed fuq il-konsumatur;

(ba) *ikun hemm mekkaniżmu fis-seħħ li jiżgura li l-konsumaturi vulnerabbli li huma bla bank, kif ukoll il-konsumaturi mobbli jiġu infurmati dwar id-disponibbiltà ta' kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi;*

(bb) *is-servizz ta' bdil previst fl-Artikoli 10 u 11 ta' din id-Direttiva japplika wkoll meta l-konsumatur ikun jixtieq jibdel għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi minn kont tal-ħlas ieħor fil-kamp ta' applikazzjoni tas-servizz ta' bdil.*

2a. *Sabiex jeżerċitaw id-dritt stabbilit fil-paragrafu 2, l-Istati Membri jeżiġu li l-konsumaturi jkollhom rabta ġenwina mal-Istat Membru fejn jixtiequ jifihu u jużaw kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi.*

Meta l-konsumatur jintalab juri tali rabta, l-Istati Membri jiżguraw li ma jkunx ta' piż żejjed għall-konsumatur biex jagħmel hekk. Għal dan il-għan, l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu lista li tistipula s-sura li tali rabta jista' jkollha. Dik il-lista tinkludi tal-inqas iċ-ċittadinanza, ir-rabti familjari, iċ-

¹ Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

ċentru tal-interessi, il-post tax-xogħol, tal-apprendistat jew tat-taħriġ, it-tiftix ta' opportunitajiet ta' xogħol jew rabtiet professjonali oħra, il-post tal-istudju jew tat-taħriġ vokazzjonali, ir-residenza, il-proprjetà u kwalunkwe applikazzjoni pendenti għall-ażil jew għall-migrazzjoni.

L-ABE tiżviluppa linji gwida skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 biex tgħin lill-awtoritajiet kompetenti.

Il-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jikkunsidraw l-informazzjoni mogħtija mill-konsumatur u jistgħu jeżiġu li l-konsumatur ikun preżenti fiżikament jew rappreżentat legalment minn terza persuna fl-eqreb ferġha disponibbli biex jinfetaħ il-kont.

L-Istati Membri jiżguraw li jkun possibbli għall-konsumaturi li jagħtu prova tal-eżistenza ta' rabta ġenwina fi żmien xahar wara li l-kont ikun infetaħ mill-bogħod minn qabel. Qabel issir tali verifika, inkluża l-attenzenza personali meta din tkun meħtieġa, il-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jitħallew jillimitaw l-użu tal-kont.

- 2b. *Qabel jinfetaħ kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu dispożizzjonijiet biex il-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jivverifikaw jekk il-konsumatur għandux kont tal-ħlas attiv u ekwivalenti fit-territorju ta' dak l-Istat Membru u jeżiġu li l-konsumatur jiffirma dikjarazzjoni fuq l-unur f'dak is-sens.*
3. Fornitur tas-servizzi tal-ħlas ma jistax jirrifjuta applikazzjoni għall-aċċess għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi għajr fil-każijiet li ġejjin:
 - (a) fejn *id-diliġenza dovuta tal-konsumatur imwettqa skont il-Kapitolu II* tad-Direttiva 2005/60/KE *tidentifika riskju sinifikanti li l-kont se jintuża bi ksur tal-liġi tal-Unjoni;*
 - (b) *f'każijiet fejn l-Istat Membru jkun eżerċita l-għażla msemmija fil-paragrafu 2b ta' dan l-Artikolu, meta konsumatur ikollu kont tal-ħlas ma' fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jinsab fit-territorju tiegħu, li jippermettilu juża s-servizzi tal-ħlas imsemmija fl-Artikolu 17(1).*
4. *L-Istati Membri jiżguraw li l-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jipproċessaw l-applikazzjonijiet għall-aċċess għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi fi żmien sebat ijiem ta' xogħol minn meta tasal applikazzjoni kompluta, inkluża prova tal-identità.* L-Istati Membri jiżguraw li, fil-każijiet indikati fil-paragrafu 3, il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas jinforma minnufih lill-konsumatur ■, bil-miktub u mingħajr ħlas, *dwar ir-rifjut u r-raġunijiet speċifiċi għalih*, sakemm tali żvelar ma jmurx kontra l-għanijiet tas-sigurtà nazzjonali jew tal-politika pubblika. *Barra minn hekk, il-konsumatur ikun infurmat dwar, tal-inqas, mezz wieħed ta' appell jew servizz ta' konsultazzjoni disponibbli għalih mingħajr ħlas jew bi prezz raġonevoli u dwar il-mekkaniżmi ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim disponibbli.*
5. L-Istati Membri jiżguraw li, fil-każijiet indikati fil-paragrafu 3(b), il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas jadotta miżuri xierqa skont il-Kapitolu III tad-Direttiva 2005/60.

6. L-Istati Membri jiżguraw li l-aċċess għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi ma jsirx kundizzjonali fuq l-akkwist ta' servizzi addizzjonali ***jew ta' ishma tal-fornitur tas-servizzi tal-ħlas.***

Artikolu 16

Karatteristiċi ta' kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi

1. L-Istati Membri jiżguraw li kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi jkun jinkludi s-servizzi li ġejjin:
- (a) servizzi li jippermettu li jsiru l-operazzjonijiet kollha meħtieġa għall-ftuħ, it-tħaddim u l-għeluq ta' kont tal-ħlas.
 - (b) servizzi li jippermettu li jitqiegħdu flus f'kont tal-ħlas.
 - (c) servizzi li jippermettu għid ta' flus kontanti fl-Unjoni minn kont tal-ħlas, ***mill-bank u minn ATMs fil-ħinjiet u barra l-ħinjiet tal-ftuħ tal-bank;***
 - (d) l-eżekuzzjoni tat-tranżazzjonijiet tal-ħlas li ġejjin fl-Unjoni:
 - (1) debiti diretti ***SEPA u mhux fl-euro;***
 - (2) tranżazzjonijiet tal-ħlas ***SEPA u mhux fl-euro*** permezz ta' ***għodda*** tal-ħlas (***eż. kard tal-ħlas, prodott tas-softwer***), inkluż ħlasijiet online;
 - (3) trasferimenti ta' kreditu ***SEPA u mhux fl-euro, inklużi standing orders, fit-terminals, fil-banek u permezz tal-faċilitajiet online tal-fornitur tas-servizzi tal-ħlas.***

L-Istati Membri jiżguraw li, sakemm kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi huwa mħaddem mill-konsumatur għall-użu personali, ma hemmx limitu għan-numru ta' operazzjonijiet ipprovduti għall-konsumatur skont ir-regoli tal-ipprezzar speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 17. Meta jiddeterminaw x'għandu jitqies bħala użu personali, l-Istati Membri jqisu l-imġiba eżistenti tal-konsumaturi u l-prattika kummerċjali komuni.

3. L-Istati Membri jiżguraw li l-konsumatur ikun kapaċi jamministra u jibda tranżazzjonijiet tal-ħlas mill-kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi tal-konsumatur ***fil-fergħat tal-fornitur tas-servizz tal-ħlas jew*** permezz tal-faċilitajiet tal-ibbankjar onlajn , fejn disponibbli.
4. L-Istati Membri jiżguraw li ***kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi ma jinkludix faċilitajiet ta' self kurrenti ħliet, fejn ikun meqjus xieraq, faċilità ta' lqugħ temporanju għal ammonti żgħar. L-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-fornituri tas-servizzi tal-ħlas joffru faċilitajiet ta' self kurrenti u prodotti ta' kreditu oħra bħala servizzi separati biċ-ċar għall-klijenti li jkollhom kont tal-ħlas bażiku. L-aċċess għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażi jew l-użu tiegħu ma jkunx ristrett għax-xiri ta' tali servizzi jew prodotti ta' kreditu, u ma jkunx kundizzjonali għalihom. It-tariffi imposti għal dawg is-servizzi jkun trasparenti u favorevoli tal-inqas daqs il-politika ta' pprezzar normali tal-fornitur.***
- 4a. ***Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 24 sabiex taġġorna l-lista tas-servizzi li jagħmlu parti mill-kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi, wara li tikkunsidra l-evoluzzjoni tal-mezzi tal-ħlas u tat-teknoloġija.***

Artikolu 17

Tariffi assoċjati

1. L-Istati Membri jiżguraw li s-servizzi indikati fl-Artikolu 16 jiġu offruti mill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas b'xejn jew b'tariffa raġonevoli. ***L-Istati Membri jeżiġu li l-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jiżguraw li fost il-prodotti li joffru, il-kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi jkun dejjem il-kont tal-ħlas bl-irħas tariffa għall-forniment tal-pakkett minimu ta' servizzi tal-ħlas speċifikat fl-Istat Membru skont l-Artikolu 16(1) u (2).***
2. L-Istati Membri jiżguraw li t-tariffi ddebitati lill-konsumatur għal nuqqas ta' konformità mal-impenji tal-konsumatur stipulati fil-kuntratt ta' qafas huma raġonevoli u ***qatt ogħla mill-politika tal-prezzijiet normali tal-fornitur.***

Artikolu 18

Kuntratt ta' qafas u terminazzjoni

1. Kuntratti ta' qafas li jipprovdu aċċess għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi jkunu suġġetti għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2007/64/KE sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-paragrafi 2 u 3.
2. Il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas jista', esklussivament, itemm il-kuntratt qafas b'mod unilaterali fejn tkun issodisfata mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) il-konsumatur ikun uża l-kont apposta għal ***skopijiet illegali;***
 - (b) ma kien hemm l-ebda tranżazzjoni fuq il-kont għal aktar minn ***24 xahar*** konsekuttiv ***u l-ħlasijiet dovuti lill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas ma kinux saru;***
 - (c) il-konsumatur ikun konxjament ipprova informazzjoni żbaljata sabiex jikseb il-kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi fejn l-informazzjoni korretta kienet tirriżulta ***fir-rifjut tal-applikazzjoni;***

(ca) ***il-konsumatur ma jkunx kapaċi jiġġustifika l-eżistenza ta' rabta ġenwina mal-Istat Membru kkonċernat, kif imsemmi fl-Artikolu 15(2a), fi żmien xahar wara li l-kont ikun infetaħ mill-bogħod minn qabel;***

 - (d) il-konsumatur ma jkunx għadu legalment residenti fl-Unjoni jew ikun sussegwentement fetaħ it-tieni kont tal-ħlas fl-Istat Membru fejn huwa diġà jkollu kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi.
3. L-Istati Membri jiżguraw li fejn il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas itemm il-kuntratt ta' kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi, huwa jinforma lill-konsumatur bir-raġunijiet u l-ġustifikazzjoni għat-terminazzjoni, ***dwar tal-inqas mezz wieħed ta' appell jew servizz ta' konsultazzjoni disponibbli għalih mingħajr ħlas jew bi prezz raġonevoli u dwar il-mekkaniżmi ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim disponibbli,*** mill-inqas ***xahar*** qabel it-terminazzjoni tidħol fis-seħħ, bil-miktub u mingħajr ħlas, ***sakemm tali żvelar ma jmurx kontra l-għanijiet tas-sigurtà nazzjonali.***

Artikolu 19

Informazzjoni ġenerali dwar kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi

1. L-Istati Membri jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ miżuri **adegwati** sabiex titqajjem kuxjenza dwar id-disponibbiltà ta' kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi, il-kundizzjonijiet ta' pprezzar tagħhom, il-proċeduri li jridu jiġu segwiti sabiex jiġi eżerċitat id-dritt ta' aċċess għal kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi u l-metodi biex jinkiseb aċċess għal mezzi ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim. ***L-Istati Membri jiżguraw li l-miżuri tal-komunikazzjoni jkunu biżżejjed u mmirati sew, u li b'mod partikolari jilħqu lill-konsumaturi bla bank, vulnerabbli u mobbli.***
2. L-Istati Membri jiżguraw li fornituri ta' servizzi tal-ħlas iqiegħdu ***b'mod attiv*** għad-dispożizzjoni tal-konsumaturi informazzjoni ***aċċessibbli u assistenza adegwata*** dwar il-karatteristiċi speċifiċi tal-kontijiet tal-ħlas bażiċi offruti, it-tariffi assoċjati tagħhom u l-kundizzjonijiet għall-użu tagħhom. L-Istati Membri jiżguraw ukoll li l-konsumatur jiġi infurmat li mhux obligat jakkwista servizzi addizzjonali biex jikseb aċċess għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi.
 - 2a. ***L-Istati Membri jeżiġu li l-istituzzjonijiet edukattivi u s-servizzi ta' konsultazzjoni sabiex jiżviluppaw servizzi għall-aktar konsumaturi vulnerabbli biex jipprovdulhom gwida u assistenza fil-ġestjoni responsabbli tal-finanzi tagħhom. L-Istati Membri jinkoraġġixxu inizzjattivi biex jinkiseb dan u jtejbu l-edukazzjoni finanzjarja fl-iskejjel u f'postijiet oħra. Ir-riskju ta' esklużjoni finanzjarja jkun minimizzat għall-konsumaturi kollha. Barra minn hekk, jingħata inkoraġġiment lill-inizzjattivi ta' fornituri tas-servizzi tal-ħlas li jfitxxu t-tiżib tal-forniment ta' kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi ma' servizzi ta' edukazzjoni finanzjarja indipendenti.***
 - 2b. ***L-Istati Membri jiżguraw li l-fornituri tas-servizzi tal-ħlas mitluba biex joffru kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi jippubblikaw, kull sena, dejta dwar l-għadd ta' kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi li saru applikazzjonijiet għalihom, ġew rifjutati, infetħu u nġhalqu matul is-sena rilevanti. Id-dejta rilevanti tinġabar u tiġi ppubblikata fil-livell ta' ferġhat u f'dak korporattiv.***
 - 2b. ***L-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jippubblikaw, inkluż fuq is-sit tal-internet tagħhom, awditu tal-prestazzjoni ta' kull fornitur tas-servizzi tal-ħlas f'termini tal-konformità tiegħu mar-rekwiżit tad-dritt ta' aċċess. Għal dan il-għan, il-fornituri tal-ħlas rilevanti jiġu klassifikati indipendentement skont il-prestazzjoni tagħhom fil-forniment ta' kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi u klassifika tal-aqwa għaxar banek skont is-sehem mis-suq tiġi ppubblikata kull sena. Id-dejta rilevanti kollha tingħadda lill-Kummissjoni u lill-ABE.***

(5) KAPITOLU V

(6) AWTORITAJIET KOMPETENTI U SOLUZZJONI ALTERNATTIVA TAT-TILWIM

Artikolu 20

Awtoritajiet kompetenti

1. L-Istati Membri jaħtru l-awtoritajiet kompetenti biex jiżguraw u jissorveljaw il-

konformità effettiva ma' din id-Direttiva. Dawk l-awtoritajiet kompetenti jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw din il-konformità. Huma jkunu indipendenti mill-fornituri ta' servizzi ta' ħlas. Dawn ikunu awtoritajiet kompetenti skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament 1093/2010.

2. L-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 **ikunu indipendenti mill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas u jkollhom** il-poteri **u r-riżorsi** kollha meħtieġa biex iwettqu dmirijiethom. Meta jkun hemm iktar minn awtorità waħda kompetenti sabiex tiżgura u tissorvelja l-konformità effettiva ma' din id-Direttiva, l-Istati Membri jiżguraw li dawk l-awtoritajiet jikkollaboraw mill-qrib sabiex ikunu jistgħu jwettqu b'mod effettiv id-dmirijiet rispettivi tagħhom. **Dawk l-awtoritajiet jikkooperaw mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħrajn biex tkun żgurata l-applikazzjoni korretta u sħiħa tal-miżuri stabbiliti f'din id-Direttiva.**
- 2a. **L-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 jikkonsultaw regolarment il-partijiet interessati rilevanti, inklużi r-rappreżentanti tal-konsumaturi, sabiex jiżguraw u jissorveljaw konformità effettiva ma' din id-Direttiva, mingħajr preġudizzju għall-klawżola ta' indipendenza msemmija fil-paragrafu 1.**
3. L-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-korpi msemmija fil-paragrafu 1 sa sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. Huma jgħarrfu lill-Kummissjoni bi kwalunkwe diviżjoni ta' dmirijiet ta' dawk l-awtoritajiet. Huma jinnotifikaw minnufih lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bdil sussegwenti li jikkonċerna n-nomina u l-kompetenzi rispettivi ta' dawk l-awtoritajiet.

Artikolu 21

Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim

1. L-Istati Membri **jistabilixxu** proċeduri ta' **lment u** rimedju bonarju **adegwati u** effettivi għas-soluzzjoni ta' tilwim **bejn il-konsumaturi u l-fornituri tas-servizzi tal-ħlas** li jirrigwarda d-drittijiet u l-obbligi stabbiliti skont din id-Direttiva. **Għal dawn il-finijiet, l-Istati Membri jinnominaw korpi eżistenti u, fejn xieraq, jistabilixxu korpi ġodda.**
- 1a. **L-Istati Membri jiżguraw li l-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jaderixxu ma' korp wieħed jew aktar għas-soluzzjoni alternattiva tat-tilwim li jissodisfa l-kriterji li ġejjin:**
 - (a) **il-perjodu ta' limitazzjoni biex it-tilwima tinġieb quddiem qorti jkun sospiż għat-tul tal-proċedura għal soluzzjoni alternattiva tat-tilwim;**
 - (b) **il-proċedura tkun mingħajr ħlas jew bi spiża moderata, kif speċifikat fil-leġiżlazzjoni nazzjonali;**
 - (c) **mezzi elettroniċi ma jkunx l-uniċi mezzi li bih il-partijiet jistgħu jiksbu aċċess għall-proċedura;**
 - (d) **ikun hemm rappreżentazzjoni ndaqs ta' fornituri, konsumaturi u utenti oħra.**

- 1b. L-Istati Membri jiżguraw li l-fornituri tal-kontijiet tal-ħlas jimpenjaw ruħhom ma' korp ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim wieħed jew aktar.*
- 1c. L-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-ABE bil-korpi msemmija fil-paragrafu 1 sa ...* [sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Huma jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien bi kwalunkwe bidla sussegwenti li tkun tikkonċerna lil dawn il-korpi.*
- 1d. L-Istati Membri jiżguraw li l-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jinfurmaw lill-konsumatur rigward il-korpi ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim li jkopruhom u li huma kompetenti biex jittrattaw tilwim potenzjali bejniethom u l-konsumatur. Huma jispeċifikaw ukoll jekk jimpenjawx ruħhom jew humiex obbligati jew le li jużaw dawk il-korpi għas-soluzzjoni tat-tilwim mal-konsumaturi.*
- 1c. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1b tingħata b'mod ċar, li jinftiehem u faċilment aċċessibbli fis-sit tal-internet tal-fornituri, jekk dan ikun jeżisti u fit-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratti ta' bejgħ jew ta' servizz bejn il-fornitur u l-konsumatur.*

(7) KAPITOLU VI

(8) SANZJONIJIET

Artikolu 22

Miżuri amministrattivi u *l-applikazzjoni ta' penali amministrattivi u miżuri amministrattivi oħra*

*1. L-Istati Membri jistabbilixxu r-regoli dwar **il-penali** amministrattivi u **miżuri amministrattivi oħra** applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Tali **penali** amministrattivi u **miżuri amministrattivi oħra jkunu** effettivi, proporzjonati u dissważivi.*

Kwalunkwe penali pekunarja kemm jista' jkun tiġi kkwantifikata fil-livell tal-Unjoni, sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jūtrasponu din id-Direttiva.

2. L-ABE toħroġ linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, dwar it-tipi ta' penali amministrattivi u miżuri amministrattivi oħra u l-livell ta' multi amministrattivi.

3. L-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jipubblikaw kwalunkwe penali jew miżura oħra imposta għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jūtrasponu din id-Direttiva mingħajr dewmien żejjed, inkluża l-informazzjoni dwar it-tip u n-natura tal-ksur.

L-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-dispożizzjonijiet relatati mal-penali sa ... [18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u bi kwalunkwe emenda sussegwenti fihom.*

(9) KAPITOLU VII
(10) DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 23

Atti delegati

Il-Kummissjoni jkollha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 24 rigward l-Artikolu 3(4).

Artikolu 24

L-eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 23 hija mogħtija għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.
3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 23 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din issir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 23 jidhul fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' **tliet xhur** min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu jiġi estiż **bi tliet xhur** fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.



Artikolu 26

Evalwazzjoni

1. Fuq bażi annwali u għall-ewwel darba sa ...* [3 snin **wara d-dħul** fis-seħħ ta' din id-Direttiva], ***l-Istati Membri jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:***

- (a) konformità mill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas mad-dispożizzjonijiet fl-Artikoli 3 sa 6;
- (b) l-għadd ta' siti tal-internet tat-tqabbil akkreditati stabbiliti skont l-Artikolu 7 ***u l-aħjar Prattiki rigward is-sodisfazzjon tal-utent fir-rigward tas-siti tal-internet tat-tqabbil;***

- (c) l-għadd ta' kontijiet tal-ħlas li ġew mibdula, *iż-żmien medju li jittieħed biex jitlestha l-proċess tal-bdil*, it-tariffa medja *totali* miżmuma għall-bdil, in-numru ta' rifjuti ta' bdil, *l-iżjed problemi komuni li jiltaqgħu magħhom il-konsumaturi matul il-proċess tal-bdil*;
- (d) l-għadd ta' kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi miftuħa, *it-tul ta' żmien li dawn il-kontijiet jinżammu miftuħa*, l-għadd ta' rifjuti *u ta' għeluq tal-kont* u r-raġunijiet għalihom u l-imposti assoċjati;
- (da) *il-miżuri meħuda biex jgħinu lill-membri vulnerabbli tas-soċjetà fir-rigward ta' kwistjonijiet li jikkonċernaw il-baġitjar u d-dejn eċċessiv.*

2. Il-Kummissjoni ttiprovdi rapport annwali abbażi tal-informazzjoni li tirċievi mill-Istati Membri.

Artikolu 27

Klawżola ta' rieżami

- 1. Il-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, fi żmien *erba'* snin mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva flimkien ma' proposta, jekk ikun xieraq.

Ir-rapport jinkludi:

(a) lista tal-proċeduri kollha ta' ksur imressqa mill-Kummissjoni minħabba l-implimentazzjoni ħażina jew mhux kompluta ta' din id-Direttiva;

(b) valutazzjoni tal-impatt ta' din id-Direttiva fuq l-armonizzazzjoni u l-integrazzjoni tal-attivitajiet bankarji bl-implimentazzjoni ta' fl-Unjoni u fuq il-kompetizzjoni u l-livelli medji tat-tariffi fl-Istati Membri;

(c) strateġiji sabiex madwar l-Unjoni tiżdied it-trasparenza u l-komparabbiltà fil-kwalità għall-forniment ta' servizzi tal-ħlas inkluża t-trasparenza fil-mudelli tan-negozju u fl-istrateġiji tal-investment u r-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji;

(d) valutazzjoni tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-implimentazzjoni tal-portabbiltà sħiħa fl-Unjoni kollha tan-numri tal-kontijiet tal-ħlas inkluż pjan direzzjonali b'passi konkreti meħtieġa għal din l-implimentazzjoni;

(e) valutazzjoni tal-karatteristiċi tal-konsumaturi li jkunu fetħu kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi sa mit-traspożizzjoni tad-Direttiva;

(f) eżempji tal-aħjar Prattiki fost l-Istati Membri sabiex titnaqqas l-esklużjoni tal-konsumaturi mill-aċċess għas-servizzi tal-ħlas;

(g) valutazzjoni tal-imposti fuq il-kontijiet tal-ħlas bażiċi, billi jitqiesu l-kriterji elenkati fl-Artikolu 17(3);

(h) valutazzjoni tal-għażliet biex jiġi stabbilit limitu massimu fl-Unjoni kollha għat-tariffi annwali totali relatati mal-ftuħ u l-użu ta' kont tal-ħlas b'karatteristiċi

bażiċi u modi ta' kif jiġi adattat dan il-limitu għaċ-ċirkostanzi nazzjonali;

(i) valutazzjoni tal-impatt tal-forniment ta' kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi fuq is-suq għal kontijiet tal-ħlas oħra li joffru servizzi simili.

2. Ir-reviżjoni tivvaluta, fuq il-bażi wkoll tal-informazzjoni riċevuta mill-Istati Membri skont l-Artikolu 26, jekk għandhiex temenda u taġġorna l-lista ta' servizzi li huma parti minn kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi, wara li tikkunsidra l-evoluzzjoni tal-mezzi tal-ħlas u t-teknoloġija.
3. Ir-reviżjoni tivvaluta wkoll jekk il-miżuri addizzjonali flimkien ma' dawk adottati skont l-Artikoli 7 u 8 fir-rigward ta' siti tal-internet tat-tqabbil u offerti f'pakkett humiex meħtieġa.

Artikolu 28

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri jadottaw u jipubblikaw, sa mhux aktar tard minn [sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta d-dokumenti li jakkumpanjaw in-notifika tat-traspożizzjoni tal-miżuri pprovduti mill-Istati Membri ma jkunux suffiċjenti għal valutazzjoni sħiħa tal-konformità ta' dawk il-miżuri ma' ċerti dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni tista', fuq talba tal-ABE bil-ħsieb li twettaq il-kompiti tagħha skont ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010, jew fuq inizzjattiva tagħha stess, teżiġi li l-Istati Membri jipprovdu aktar informazzjoni dettaljata dwar it-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva u l-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri.

2. Huma japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri japplikaw il-Kapitolu III minn ... [18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] fir-rigward tas-servizzi tal-bdil bejn fornituri tas-servizzi tal-ħlas li jinsabu fl-istess Stat Membru u, għal kontijiet tal-ħlas denominati f'euro, bejn fornituri tas-servizzi tal-ħlas li jinsabu fl-Unjoni fir-rigward ta' servizzi tal-ħlas denominati f'euro.*

B'deroga mill-ewwel subparagrafu u sakemm il-Kummissjoni ma tiddeċidix mod ieħor permezz ta' abbozz ta' valutazzjoni tal-impatt regolatorju, l-Istati Membri japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III minn ... [48 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] fir-rigward ta' servizz ta' bdil bejn fornituri tas-servizzi tal-ħlas li jinsabu fl-Unjoni għal kontijiet tal-ħlas denominati f'munita li mhijiex l-euro.*

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri japplikaw l-Artikolu 4(1) sa (6), l-Artikolu 5(1) u (2) u l-Artikolu 6(1) u (2) fi żmien 18-il xahar mill-pubblikazzjoni tal-lista msemmija fl-Artikolu 3(5).

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri li, sal-1 ta' Jannar 2014, ikollhom sistema leġislattiva nazzjonali li tiggarrantixxi aċċess għal kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi lil konsumaturi residenti legalment fit-territorju tagħhom, japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu IV minn ... [48 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].*

3. Meta l-Istati Membri jadottaw daww id-dispożizzjonijiet, dawn jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn din ir-referenza meta jiġu ppubblikati ufficialment. L-Istati Membri jiddeċiedu kif għandha ssir din ir-referenza.
4. L-Istati Membri jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin fil-liġijiet nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 29

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 30

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri b'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell,
Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

7.11.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-komparabbiltà tat-tariffi relatati mal-kontijiet tal-ħlas, il-bdil tal-kontijiet tal-ħlas u l-aċċess għal kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi
(COM(2013)0266 – C7-0125/2013 – 2013/0139(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Evelyne Gebhardt

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Illum il-ġurnata, għall-maġġoranza tan-nies, hija ħaġa kważi inimmaġinabbli li tgħix mingħajr kont bankarju. Il-kont bankarju huwa rekwiżit reali biex wieħed ikun jista' jipparteċipa fil-ħajja soċjetali u ekonomika. Mingħajr l-aċċess għal servizzi bankarji bażiċi, il-ħajja ta' kuljum hija diffiċli u għalja. Il-vantaġġi tat-tranżazzjonijiet mingħajr flus kontanti qed isiru dejjem iktar tanġibbli u qed joħolqu benefiċċji konkreti kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għall-amministrazzjoni pubblika. It-trasferimenti bankarji tal-pagi u l-ħlas tal-kontijiet tal-elettriku, tal-gass u tal-ilma qed isiru sfida reali għal min jinsab mingħajr kont bankarju.

Skont stimi tal-Bank Dinji hemm madwar 58 miljun ċittadin fl-UE li ma għandhomx kont tal-ħlas. Ħafna nies jaffaċċaw diffikultajiet biex jiftħu kont tal-ħlas. Ir-raġunijiet għar-rifjut ta' kont bankarju huma diversi. L-aċċess fuq żona sħiħa għal fergħat tal-bank jew ATMs ("automatic teller machines") mhuwiex garantit fl-Istati Membri kollha u dan qed iwaqqaf liċ-ċittadini Ewropej milli jkollhom il-possibbiltà li jgawdu l-benefiċċji tas-servizzi finazjarji. Barra minn hekk, l-insolvenza tista' tkun raġuni għalfejn il-banek jirrifjutaw li jagħtu lill-konsumaturi aċċess għal kont tal-ħlas bażiku. Barra minn hekk, ir-residenti tal-UE li huma mobbli ħafna minħabba x-xogħlijiet u l-attivitajiet tagħhom bħala ħaddiema studenti, staġjonali jew stazzjonati kif ukoll ħaddiema ta' intrapriżi żgħar u medji jistgħu jsibu problemi biex jiftħu kont bankarju minħabba li ma jkollhomx indirizz permanenti fl-Istat Membru fejn ikun jinsab il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas. Il-garanzija tal-mobilità fl-Unjoni Ewropea għandha tibqa' objettiv komuni tal-Istati Membri. L-aċċess għal kont bankarju bħala dritt universali għaċ-ċittadini kollha fl-Unjoni Ewropea, inklużi l-gruppi vulnerabbli, jikkostitwixxi kontribuzzjoni kruċjali għal dan l-għan.

Il-konsumaturi mingħajr bank huma sempliċement esklużi mill-benefiċċji tas-suq intern. In-

nuqqas ta' aċċess għal kont tal-ħlas ixekkel lill-konsumaturi fix-xiri transfruntier jew online ta' merkanzija. Is-soluzzjonijiet adegwati sabiex ma jiġux esklużi konsumaturi mill-ħajja ta' kuljum u mill-iżviluppi teknoloġiċi ġodda huma ta' importanza vitali. Diġà ġie ddikjarat, fir-Rapport ta' Mario Monti fl-2010 u fl-Att dwar is-Suq Uniku I, adottat mill-Kummissjoni fl-2011, li l-aċċess għal kont bankarju huwa rekwiżit importanti għall-funzjonament bla xkiel tas-Suq Intern Ewropew. Il-konsumaturi għandhom ikunu jistgħu japprofittaw mis-swieq online, mill-invenzjonijiet teknoloġiċi ġodda u minn servizzi u prezzijiet orħos. Finalment wara l-intervent tal-Parlament Ewropew permezz ta' rapport ta' inizjattiva fl-2012 (2012/2055(INI)), il-Kummissjoni Ewropea ressqet proposta leġiżlattiva.

Din mhux biss hija essenzjali biex titwitta t-triq għall-kapaċità li wieħed iħaddem kont. Din hija wkoll prijorità ewlenija biex it-tariffi tal-banek isiru trasparenti u jkunu jistgħu jinftiehem sabiex il-konsumaturi jkollhom il-possibbiltà li jagħmlu tqabbil u għażla infurmata fir-rigward tal-fornitur tas-servizzi bankarji tagħhom. Fl-istess ħin huwa importanti ħafna li l-konsumaturi jitħallew ibiddu l-kont bankarju tagħhom bl-għan li jiġi protett l-aħjar interess ekonomiku tal-konsumatur u titrawwem kompetizzjoni soda fost il-fornituri tas-servizzi bankarji f'Suq Uniku reali. Inizjattivi preċedenti fil-livell Ewropew bħalma huma d-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Ħlas (2007/64/KE) jew ir-Regolament reċenti dwar iż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro (SEPA / 260/2012) diġà tejbu l-kapaċità tal-fornituri tas-servizzi ta' ħlas fl-operazzjonijiet transfruntieri. Bosta konsumaturi Ewropej japprofittaw permezz ta' ħlasijiet iktar rapidi u tranżazzjonijiet irħas. Pass ieħor huwa l-komparabilità tas-servizzi finanzjarji li għandhom jagħmluha eħfef għall-konsumaturi biex jieħdu deċiżjonijiet infurmata u profondi. Proċess ta' bdil rapidu għandu jipromwovi prezzijiet orħos u żieda fil-kwalità tal-prodotti finanzjarji pprovduti lill-konsumatur. L-appoġġ tal-għażla ħielsa u infurmata tal-konsumaturi u l-iffaċilitar tal-mobilità tal-konsumatur huma ta' importanza vitali għall-funzjonament u l-ikkompletar tas-suq uniku.

EMENDI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarij, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal direttiva

Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) It-terminoloġija tat-tariffi għandha tiġi determinata mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, filwaqt li wieħed jagħti każ tal-ispeċifitàjiet tas-swieq lokali. Biex jitqiesu rappreżentattivi, is-servizzi għandhom ikunu suġġetti għal tariffa

Emenda

(13) It-terminoloġija tat-tariffi għandha tiġi determinata mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, filwaqt li wieħed jagħti każ tal-ispeċifitàjiet tas-swieq lokali. Biex jitqiesu rappreżentattivi, is-servizzi għandhom ikunu suġġetti għal tariffa **jew**

f'minimu ta' fornitur wieħed ta' servizz tal-ħlas fl-Istati Membri. Barra minn hekk, fejn hu possibbli, it-terminoloġija tat-tariffi għandha tiġi standardizzata fil-livell tal-UE, u b'hekk ikun possibbli t-tqabbil madwar l-Unjoni. L-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) għandha tistabbilixxi linji gwida biex tgħin lill-Istati Membri biex jiddeterminaw l-aktar servizzi tal-ħlas rappreżentattivi suġġetti għal ħlas fuq livell nazzjonali.

offruti mingħajr ħlas f'minimu ta' fornitur wieħed ta' servizz tal-ħlas fl-Istati Membri. Barra minn hekk, fejn hu possibbli, it-terminoloġija tat-tariffi għandha tiġi standardizzata fil-livell tal-UE, u b'hekk ikun possibbli t-tqabbil madwar l-Unjoni. L-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) għandha tistabbilixxi linji gwida biex tgħin lill-Istati Membri biex jiddeterminaw l-aktar servizzi tal-ħlas rappreżentattivi suġġetti għal ħlas **jew offruti mingħajr ħlas**, fuq livell nazzjonali.

Emenda 2

Proposta għal direttiva Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Ladarba l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkunu ddeterminaw lista proviżorja tal-aktar servizzi rappreżentattivi suġġetti għal ħlas fuq livell nazzjonali flimkien ma' termini u definizzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tanalizzahom sabiex tidentifika, permezz ta' atti delegati, is-servizzi li huma komuni għall-maġġoranza tal-Istati Membri u tipproponi termini u definizzjonijiet standardizzati fil-livell tal-UE għalihom.

Emenda

(14) Ladarba l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkunu ddeterminaw lista proviżorja tal-aktar servizzi rappreżentattivi suġġetti għal ħlas **jew offruti mingħajr ħlas** fuq livell nazzjonali flimkien ma' termini u definizzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tanalizzahom sabiex tidentifika, permezz ta' atti delegati, is-servizzi li huma komuni għall-maġġoranza tal-Istati Membri u tipproponi termini u definizzjonijiet standardizzati fil-livell tal-UE għalihom.

Emenda 3

Proposta għal direttiva Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Sabiex jgħinu lill-konsumaturi jqabblu b'mod faċli t-tariffi tal-kontijiet tal-ħlas fis-suq uniku, il-fornituri tas-servizzi tal-ħlas għandhom jipprovdu lill-konsumaturi b'lista ta' tariffi li jintalbu għas-servizzi elenkati fit-terminoloġija standardizzata.

Emenda

(15) Sabiex jgħinu lill-konsumaturi jqabblu b'mod faċli t-tariffi tal-kontijiet tal-ħlas fis-suq uniku, il-fornituri tas-servizzi tal-ħlas għandhom jipprovdu lill-konsumaturi b'lista ta' tariffi li jintalbu għas-servizzi elenkati fit-terminoloġija standardizzata.

Dan se jikkontribwixxi wkoll biex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwi bejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jikkompetu fis-suq tal-kontijiet tal-ħlas. Id-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi għandu jkun fih biss informazzjoni dwar l-aktar servizzi tal-ħlas rappreżentattivi f'kull Stat Membru, u juża dawn it-termini u definizzjonijiet stabbiliti fil-livell tal-UE fejn rilevanti. Sabiex jgħinu lill-konsumaturi jifhmu t-tariffi li jridu jħallsu għall-kont tal-ħlas tagħhom, glossarju li jipprovdi spjegazzjonijiet għal tal-inqas it-tariffi u servizzi li jkunu jinsabu fil-lista għandu jkun disponibbli għalihom. Il-glossarju għandu jservi bħala għodda utli biex jinkoraġġixxi fehim aħjar tat-tifsira tat-tariffi, u jikkontribwixxi sabiex tingħata s-setgħa lill-konsumatur sabiex jagħżel minn għażla usa' ta' offerti ta' kontijiet tal-ħlas. Għandu jiġi introdott ukoll obbligu għall-fornituri ta' servizzi tal-ħlas biex jinfurmaw lill-konsumaturi, mill-inqas darba fis-sena, dwar it-tariffi kollha li jinżammulhom fuq il-kont tagħhom. L-informazzjoni ex-post għandha tiġi pprovduta f'sommarju apposta. Huwa għandu jipprovdi stampa sħiħa tat-tariffi mġarrba biex jippermetti lill-konsumaturi biex jifhmu ma' xiex inhu konness l-infiq tat-tariffi, u jivvalutaw il-ħtieġa li jew jimmodifikaw ix-xejriet tal-konsum jew imorru għand fornitur ieħor. Dan il-benefiċċju jkun immassimizzat mill-informazzjoni ex-post dwar it-tariffi li tkopri l-istess servizzi bħall-informazzjoni ex-ante.

Dan se jikkontribwixxi wkoll biex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwi bejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jikkompetu fis-suq tal-kontijiet tal-ħlas. Id-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi għandu jkun fih biss informazzjoni dwar l-aktar servizzi tal-ħlas rappreżentattivi f'kull Stat Membru, u juża dawn it-termini u definizzjonijiet stabbiliti fil-livell tal-UE fejn rilevanti. Sabiex jgħinu lill-konsumaturi jifhmu t-tariffi li jridu jħallsu għall-kont tal-ħlas tagħhom, glossarju li jipprovdi spjegazzjonijiet għal tal-inqas it-tariffi u servizzi li jkunu jinsabu fil-lista għandu jkun disponibbli għalihom. Il-glossarju għandu jservi bħala għodda utli biex jinkoraġġixxi fehim aħjar tat-tifsira tat-tariffi, u jikkontribwixxi sabiex tingħata s-setgħa lill-konsumatur sabiex jagħżel minn għażla usa' ta' offerti ta' kontijiet tal-ħlas. Għandu jiġi introdott ukoll obbligu għall-fornituri ta' servizzi tal-ħlas biex jinfurmaw lill-konsumaturi, mill-inqas darba fis-sena, dwar it-tariffi kollha li jinżammulhom fuq il-kont tagħhom. ***L-implimentazzjoni Prattika ta' Tali Obbligu għall-fornituri ta' servizzi tal-ħlas għandha tqis il-fatt li ċerti konsumaturi jaf ma jkollhomx indirizz fiss. Għal dawk il-konsumaturi l-informazzjoni stampata ma taslilhomx.*** L-informazzjoni ex-post għandha tiġi pprovduta f'sommarju apposta. Huwa għandu jipprovdi stampa sħiħa tat-tariffi mġarrba biex jippermetti lill-konsumaturi biex jifhmu ma' xiex inhu konness l-infiq tat-tariffi, u jivvalutaw il-ħtieġa li jew jimmodifikaw ix-xejriet tal-konsum jew imorru għand fornitur ieħor. Dan il-benefiċċju jkun immassimizzat mill-informazzjoni ex-post dwar it-tariffi li tkopri l-istess servizzi bħall-informazzjoni ex-ante.

Emenda 4

Proposta għal direttiva Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) Sabiex jiksbu informazzjoni imparzjali dwar it-tariffi tal-banek, il-konsumaturi għandhom ikunu jistgħu jaċċessaw siti tal-internet tat-tqabbil li jkunu operazzjonalment indipendenti mill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas. L-Istati Membri għandhom għalhekk jaraw li mill-anqas sit tal-internet wieħed bħal dan ikun disponibbli għall-konsumaturi fit-territorji rispettivi tagħhom. Dawn is-siti tal-internet tat-tqabbil jistgħu jitħaddmu mill-awtoritajiet kompetenti, jew minn awtoritajiet pubbliċi oħra u/jew minn operaturi privati akkreditati. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu skema volontarja ta' akkreditazzjoni li tippermetti lill-operaturi privati ta' siti tal-internet tat-tqabbil sabiex japplikaw għall-akkreditazzjoni skont kriterji tal-kwalità speċifikati. Sit tal-internet tat-tqabbil operat minn awtorità kompetenti jew awtorità pubblika oħra għandu jiġi stabbilit fejn ma jkunx ġie akkreditat sit tal-internet operat privatament. Dawn is-siti tal-internet għandhom huma wkoll jikkonformaw mal-kriterji tal-kwalità.

Emenda

(19) Sabiex jiksbu informazzjoni imparzjali dwar it-tariffi tal-banek, il-konsumaturi għandhom ikunu jistgħu jaċċessaw siti tal-internet tat-tqabbil li jkunu operazzjonalment indipendenti mill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas. L-Istati Membri għandhom għalhekk jaraw li mill-anqas sit tal-internet wieħed bħal dan ikun disponibbli għall-konsumaturi fit-territorji rispettivi tagħhom. Dawn is-siti tal-internet tat-tqabbil jistgħu jitħaddmu mill-awtoritajiet kompetenti, jew minn awtoritajiet pubbliċi oħra u/jew minn operaturi privati akkreditati. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu skema volontarja ta' akkreditazzjoni li tippermetti lill-operaturi privati ta' siti tal-internet tat-tqabbil sabiex japplikaw għall-akkreditazzjoni skont kriterji tal-kwalità speċifikati. Sit tal-internet tat-tqabbil operat minn awtorità kompetenti jew awtorità pubblika oħra għandu jiġi stabbilit fejn ma jkunx ġie akkreditat sit tal-internet operat privatament. Dawn is-siti tal-internet għandhom huma wkoll jikkonformaw mal-kriterji tal-kwalità.

Sabiex tiġi ffaċilitata l-ħarsa ġenerali lejn it-tariffi imposti mill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas fl-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi portal aġġornat, indipendenti, preċiż, affidabbli u faċli għall-konsumatur li jipprovdi l-links kollha għas-siti tal-internet tat-tqabbil akkreditati fl-Istati Membri rispettivi.

Emenda 5

Proposta għal direttiva Premessa 20

(20) Hija l-prattika kurrenti li l-fornituri ta' servizzi tal-ħlas joffru kont tal-ħlas f'pakkett ma' prodotti jew servizzi finanzjarji oħra. Din il-prattika tista' tkun mezz sabiex il-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jiddiversifikaw l-offerta tagħhom u jikkompetu kontra xulxin, u fl-aħħar mill-aħħar tista' tkun ta' benefiċċju għall-konsumaturi. Madankollu l-istudju tal-Kummissjoni dwar Prattiki ta' Abbinar fis-settur Finanzjarju mwettaq fl-2009 kif ukoll il-konsultazzjonijiet rilevanti u l-ilmenti tal-konsumaturi wrew li l-fornituri ta' servizzi tal-ħlas jistgħu joffru kontijiet bankarji marbuta f'pakkett ma' prodotti mhux mitluba mill-konsumaturi u li mhumiessenzjali għal kontijiet tal-ħlas, bħal assigurazzjoni tad-djar. Barra minn hekk, ġie osservat li dawn il-prattiki jistgħu jnaqqsu t-trasparenza u l-komparabbiltà tal-prezzijiet, jillimitaw l-għażliet tax-xiri għall-konsumaturi u jkollhom impatt negattiv fuq il-mobbiltà tagħhom. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jaraw li meta l-fornituri tas-servizzi tal-ħlas joffru kontijiet tal-ħlas **marbuta f'pakketti l-konsumaturi jkunu pprovduti b'informazzjoni dwar tariffi applikabbli għall-kont tal-ħlas u għal kull servizz finanzjarju ieħor inkluż fil-pakkett separatament. Dawn l-obbligi ma għandhomx japplikaw għal servizzi li huma naturalment konnessi mal-użu tal-kont tal-ħlas, bħall-irtirar, it-trasferimenti elettroniċi jew kards tal-ħlas. Għaldaqstant, dawn is-servizzi għandhom ikunu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.**

Emenda 6

Proposta għal direttiva Premessa 21

(20) Hija l-prattika kurrenti li l-fornituri ta' servizzi tal-ħlas joffru kont tal-ħlas f'pakkett ma' prodotti jew servizzi finanzjarji oħra. Din il-prattika tista' tkun mezz sabiex il-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jiddiversifikaw l-offerta tagħhom u jikkompetu kontra xulxin, u fl-aħħar mill-aħħar tista' tkun ta' benefiċċju għall-konsumaturi. Madankollu l-istudju tal-Kummissjoni dwar Prattiki ta' Abbinar fis-settur Finanzjarju mwettaq fl-2009 kif ukoll il-konsultazzjonijiet rilevanti u l-ilmenti tal-konsumaturi wrew li l-fornituri ta' servizzi tal-ħlas jistgħu joffru kontijiet bankarji marbuta f'pakkett ma' prodotti mhux mitluba mill-konsumaturi u li mhumiessenzjali għal kontijiet tal-ħlas, bħal assigurazzjoni tad-djar. Barra minn hekk, ġie osservat li dawn il-prattiki jistgħu jnaqqsu t-trasparenza u l-komparabbiltà tal-prezzijiet, jillimitaw l-għażliet tax-xiri għall-konsumaturi u jkollhom impatt negattiv fuq il-mobbiltà tagħhom. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jaraw li meta l-fornituri tas-servizzi tal-ħlas joffru kontijiet tal-ħlas **magħquda ma' servizzi finanzjarji oħrajn il-konsumaturi jiġu pprovduti b'informazzjoni dwar jekk huwiex possibbli li l-komponenti tal-pakkett jinxtrow separatament u, jekk iva, dwar jekk tali servizzi għandhomx jiġu pprovduti bl-informazzjoni dwar l-ispejjeż u l-imposti ta' kull servizz finanzjarju inkluż fil-pakkett separatament, elettronikament jew stampata.**

(21) Il-konsumaturi huma biss incensivati biex ibiddlu l-kontijiet jekk il-proċess ma jinvolvi piż amministrattiv u finanzjarju eċċessiv. Il-proċedura biex wieħed jaqleb il-kont tal-ħlas għal fornitur ieħor ta' servizzi tal-ħlas għandha tkun ċara u rapida. ***It-tariffi, jekk ikun hemm, imposti mill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas fir-rigward tas-servizz ta' bdil għandhom ikunu skont l-ispiża attwali mġarrba mill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas. Sabiex ikun hemm impatt pożittiv fuq il-kompetizzjoni, il-bdil għandu jkun iffaċilitat f'livell transfruntier. Peress li l-bdil transfruntier jista' jkun iktar kumpless mill-bdil fil-livell nazzjonali u jista' jirrikjedi li l-fornituri ta' servizzi tal-ħlas jadattaw u jirfinaw il-proċeduri interni tagħhom, għandhom jiġu previsti skadenzi itwal għall-bdil transfruntier. Il-bżonn li jinżammu skadenzi differenti għandu jkun evalwat fil-kuntest tal-eżami tad-Direttiva proposta.***

Emenda 7

Proposta għal direttiva Premessa 27

(27) Konsumaturi li huma legalment residenti fl-Unjoni u li ma għandhomx kont tal-ħlas f'ċertu Stat Membru għandhom ikunu f'pożizzjoni li jifih u jużaw kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi f'dak l-Istat Membru. Sabiex ikun żgurat l-aktar aċċess

(21) Il-konsumaturi huma biss incensivati biex ibiddlu l-kontijiet jekk il-proċess ma jinvolvi piż amministrattiv u finanzjarju eċċessiv. Il-proċedura biex wieħed jaqleb il-kont tal-ħlas għal fornitur ieħor ta' servizzi tal-ħlas għandha tkun ċara u rapida. ***Sabiex ikun hemm impatt pożittiv fuq il-kompetizzjoni, il-bdil għandu jkun iffaċilitat f'livell transfruntier. Madankollu għandu jiġi pprovdut perjodu ta' traspożizzjoni itwal fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li jittrattaw servizzi ta' bdil. L-Istati Membri għandhom jiġu pprovduti b'perjodi ta' taspożizzjoni differenti għall-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet relatati ma' servizzi ta' bdil billi jagħmlu distinzjoni bejn servizzi ta' bdil iprovduti minn fornituri tas-servizzi tal-ħlas li jkunu jinsabu fl-istess Stat Membru u daww iprovduti minn fornituri ta' servizzi li jkunu jinsabu fl-Unjoni. Għandhom jiġu introdotti servizzi ta' ridirezzjoni, fil-każ ta' bdil, fl-Istati Membri kollha. L-Istati Membri għandhom jipprovdut mekkaniżmu għar-ridirezzjoni tal-istanding orders u d-debiti diretti għall-kont miżmum mill-konsumatur mal-fornitur tas-servizz tal-ħlas destinatariju matul perjodu ta' mill-inqas sena.***

(27) Konsumaturi li huma legalment residenti fl-Unjoni u li ma għandhomx kont tal-ħlas f'ċertu Stat Membru għandhom ikunu f'pożizzjoni li jifih u jużaw kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi f'dak l-Istat Membru. Sabiex ikun żgurat l-aktar aċċess

wiesa' possibbli għal dawn il-kontijiet, il-konsumaturi għandu jkollhom aċċess għalihom irrispettivament miċ-ċirkostanzi finanzjarji tagħhom, **bħall-qgħad jew** il-falliment personali, u l-post ta' residenza tagħhom. Minbarra dan, id-dritt tal-aċċess għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi fi kwalunkwe Stat Membru għandu jingħata f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu¹⁶, partikolarment fir-rigward tal-proċeduri tad-diliġenza dovuta mal-konsumatur.

wiesa' possibbli għal dawn il-kontijiet, il-konsumaturi għandu jkollhom aċċess għalihom irrispettivament miċ-ċirkostanzi finanzjarji tagħhom, **bħal b'mod partikolari l-istat tal-impjeg, il-livell u r-regolarità tal-introjtu**, il-falliment personali, **l-istorja tal-kreditu jew l-istorja personali**, u l-post ta' residenza tagħhom. **Illum, huwa neċessarju li l-konsumaturi jkollhom aċċess għal kont bankarju biex ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod effikaċi u sħiħ fil-komunità finanzjarja u soċjali. Il-konsumaturi mingħajr kont bankarju huma sfurzati jużaw flus kontanti u dan mhux biss jillimita l-għażla tagħhom tal-metodi ta' ħlas u jservi biex jeskludihom mit-tranżazzjonijiet elettroniċi, iżda huwa wkoll iktar għali.** Minbarra dan, id-dritt tal-aċċess għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi fi kwalunkwe Stat Membru għandu jingħata f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu¹⁶, partikolarment fir-rigward tal-proċeduri tad-diliġenza dovuta mal-konsumatur.

¹⁶ ĠU L 309, 25.11.2005, p. 15.

¹⁶ ĠU L 309, 25.11.2005, p. 15.

Emenda 8

Proposta għal direttiva Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni

(28) ***L-Istati*** Membri għandhom jiżguraw li, ***mill-inqas, fornitur wieħed*** tas-servizzi tal-ħlas ***joffri kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi lill-konsumaturi.*** L-aċċess ma għandux ikun diffiċli wisq u ***ma għandux jinvolvi spejjeż eċċessivi*** għall-

Emenda

(28) ***L-Istati*** Membri għandhom jiżguraw li ***jiġu offruti kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi lill-konsumaturi mill-fornituri*** tas-servizzi tal-ħlas ***kollha fit-territorju tagħhom li joperaw servizzi ġenerali ta' pagamenti żgħar u li joffru***

konsumaturi. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw fatturi bħall-post fejn jinsabu l-fornituri tas-servizzi tal-ħlas maħtura fit-territorju tagħhom. Sabiex jiġi mminimizzat ir-riskju li l-konsumatur jiġu esklużi finanzjarjament, l-Istati Membri għandhom itejbu l-edukazzjoni finanzjarja, inkluż fl-iskejjel u jiġġieldu kontra d-dejn żejjed. Minbarra dan, l-Istati Membri għandhom jippromwovu inizjattivi ta' fornituri tas-servizzi tal-ħlas sabiex jiffaċilitaw it-tiżib tal-forniment ta' kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi mal-edukazzjoni finanzjarja.

kontijiet tal-ħlas bħala parti integrali min-negożju regolari tagħhom. Għandu jiġi pprovdut aċċess għal servizzi ta' pagament b'karatteristiċi bażiċi madwar l-Unjoni għall-konsumaturi kollha li jkunu qed joqogħdu legalment fl-Unjoni, fosthom studenti, ħaddiema u nies mingħajr dar bla indirizz fiss. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi ma jiġux offruti biss minn fornituri ta' servizzi tal-ħlas li jipprovdu l-kont biss b'faċilitajiet tal-ibbankjar onlajn. L-aċċess ma għandux ikun diffiċli wisq u għandu **jkun mingħajr ħlas jew ikun jinvolvi biss tariffa nominali** għall-konsumaturi. **Il-kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi għandhom jiġu offruti mingħajr ħlas jew b'tariffa nominali, li tkopri biss l-ispiża proprja mġarrba mill-operatur tas-servizzi tal-ħlas.** F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw fatturi bħall-post fejn jinsabu l-fornituri tas-servizzi tal-ħlas maħtura fit-territorju tagħhom. **L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-eżenzjonijiet ikunu bbażati biss fuq ir-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva 2005/60/KE.** Sabiex jiġi mminimizzat ir-riskju li l-konsumatur jiġu esklużi finanzjarjament, l-Istati Membri għandhom itejbu l-edukazzjoni finanzjarja, inkluż fl-iskejjel u jiġġieldu kontra d-dejn żejjed. Minbarra dan, l-Istati Membri għandhom jippromwovu inizjattivi ta' fornituri tas-servizzi tal-ħlas sabiex jiffaċilitaw it-tiżib tal-forniment ta' kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi mal-edukazzjoni finanzjarja.

Emenda 9

Proposta għal direttiva Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni

(30) Il-konsumaturi għandhom ikunu garantiti aċċess għal firxa ta' servizzi bażiċi

Emenda

(30) Il-konsumaturi għandhom ikunu garantiti aċċess għal firxa ta' servizzi

tal-ħlas, *li għalihom għadd minimu ta' operazzjonijiet għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri b'mod li għandu jkollu sew il-ħtiġijiet tal-konsumaturi u l-prattika kummerċjali fl-Istat Membru kkonċernat*. Lil hinn minn din il-lista ta' servizzi *minimi*, il-banek jistgħu japplikaw it-tariffi normali tagħhom. Servizzi marbuta mal-kontijiet tal-ħlas bażiċi għandhom jinkludu l-faċilità li jiġu depożitati u jinġibdu l-flus. Il-konsumaturi għandhom ikunu jistgħu jagħmlu tranżazzjonijiet tal-ħlas essenzjali bħal li jirċievu introjtu jew benefiċċji, iħallsu l-kontijiet jew it-taxxi u jixtru oġġetti u servizzi, fosthom permezz ta' debitu dirett, trasferiment ta' kreditu u l-użu ta' kard tal-ħlas. Dawn is-servizzi għandhom jippermettu x-xiri ta' oġġetti u servizzi onlajn u għandhom jagħtu lill-konsumaturi l-opportunità biex iniedu ordnijiet tal-ħlas permezz tal-faċilità tas-servizzi bankarji onlajn tal-fornitur tas-servizz tal-ħlas, fejn disponibbli. Madankollu, kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi ma għandux ikun ristrett għal użu online għaliex dan joħloq ostaklu għall-konsumaturi mingħajr aċċess għall-internet. Il-konsumaturi ma għandhomx jingħataw aċċess għal faċilità ta' overdraft ma' kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas sabiex joffru faċilitajiet ta' lqugħ għal ammonti żgħar ħafna fir-rigward tal-kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi.

bażiċi tal-ħlas. Lil hinn minn din il-lista ta' servizzi *bażiċi*, il-banek jistgħu japplikaw it-tariffi normali tagħhom. Servizzi marbuta mal-kontijiet tal-ħlas bażiċi għandhom jinkludu l-faċilità li jiġu depożitati u jinġibdu l-flus. Il-konsumaturi għandhom ikunu jistgħu jagħmlu tranżazzjonijiet tal-ħlas essenzjali bħal li jirċievu introjtu jew benefiċċji, iħallsu l-kontijiet jew it-taxxi u jixtru oġġetti u servizzi, fosthom permezz ta' debitu dirett, trasferiment ta' kreditu u l-użu ta' kard tal-ħlas. Dawn is-servizzi għandhom jippermettu x-xiri ta' oġġetti u servizzi onlajn u għandhom jagħtu lill-konsumaturi l-opportunità biex iniedu ordnijiet tal-ħlas permezz tal-faċilità tas-servizzi bankarji onlajn tal-fornitur tas-servizz tal-ħlas, fejn disponibbli. Madankollu, kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi ma għandux ikun ristrett għal użu online għaliex dan joħloq ostaklu għall-konsumaturi mingħajr aċċess għall-internet. Il-konsumaturi ma għandhomx jingħataw aċċess għal faċilità ta' overdraft ma' kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas sabiex joffru faċilitajiet ta' lqugħ għal ammonti żgħar ħafna fir-rigward tal-kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi. *Sakemm kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi jkun operat mill-konsumatur għall-użu personali, ma għandu jkun hemm l-ebda limitu għandnumru ta' operazzjonijiet li għandhom ikunu pprovduti lill-konsumatur skont regoli ta' prezzar speċifiċi ta' dan il-kont.*

Emenda 10

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) "li jkunu qed joqogħdu legalment" tfisser kwalunkwe ċittadin tal-Unjoni jew persuna minn pajjiż terz li tkun qed toqgħod fit-territorju tal-Unjoni, fosthom studenti, ħaddiema u nies mingħajr dar bla indirizz fiss;

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) "servizzi li huma marbuta mal-kont tal-ħlas" tfisser is-servizzi kollha li huma marbuta ma' kont tal-ħlas, li jinkludu wkoll servizzi tal-ħlas;

Emenda 12

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) minkejja l-punt (e), għall-fini tal-Kapitolu IV ta' din id-Direttiva, "fornitur ta' servizz tal-ħlas" tfisser il-fornituri tas-servizzi tal-ħlas kollha li jinsabu fit-territorju tal-Istati Membri li joperaw servizzi ġenerali ta' pagamenti żgħar u li joffru kontijiet tal-ħlas bħala parti integrali min-negozju regolari tagħhom;

Emenda 13

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) "fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi" tfisser il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li mingħandu ***hija trasferita l-informazzjoni dwar il-ħlasijiet rikorrenti kollha, jew parti minnhom***;

Emenda

(g) "fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi" tfisser il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li ***l-konsumatur jittrasferixxi*** mingħandu ***l-kont tal-ħlas***;

Emenda 14

**Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt h**

Test propost mill-Kummissjoni

(h) "fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatarju" tfisser il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li ***lilu hija trasferita l-informazzjoni dwar il-ħlasijiet rikorrenti kollha, jew parti minnhom***;

Emenda

(h) "fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatarju" tfisser il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li ***l-konsumatur jittrasferixxi lilu l-kont tal-ħlas***;

Emenda 15

**Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt k**

Test propost mill-Kummissjoni

(k) "tariffi" tfisser ***l-imposti***, jekk hemm, li huma pagabbli mill-konsumatur lill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas għall-forniment ta' servizzi tal-ħlas jew għal tranżazzjonijiet operati fuq kont tal-ħlas;

Emenda

(k) "tariffi" tfisser ***l-ispejjeż kollha marbuta mal-kont tal-ħlas, inklużi faċilitajiet ta' overdraft, pieni u rati ta' imgħax għall-karti ta' kreditu***, jekk hemm, li huma pagabbli mill-konsumatur lill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas għall-forniment ta' servizzi tal-ħlas jew għal tranżazzjonijiet operati fuq kont tal-ħlas;

Emenda 16

**Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt m**

Test propost mill-Kummissjoni

(m) "bdil" tfisser, fuq talba tal-konsumatur, trasferiment minn fornitur tas-servizz tal-ħlas għal ieħor tat-tagħrif dwar dawn li ġejjin jew xi wħud minnhom: l-istanding orders għal trasferimenti ta' kreditu, debiti diretti rikorrenti u trasferimenti ta' kreditu l'ġewwa rikorrenti eżegwiti f'kont tal-ħlas, bi jew mingħajr trasferiment tal-bilanċ tal-kont pożittiv minn kont tal-ħlas wieħed lejn l-ieħor jew l-għeluq tal-kont preċedenti;

Emenda 17

**Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt o**

Test propost mill-Kummissjoni

(o) "trasferiment ta' kreditu" tfisser servizz tal-ħlas **nazzjonali jew transfruntier** għall-ikkreditjar tal-kont tal-ħlas ta' benefiċjarju bi tranżazzjoni tal-ħlas jew sensiliet ta' tranżazzjonijiet tal-ħlas mill-kont tal-ħlas ta' min iħallas mill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jżomm il-kont tal-ħlas ta' min iħallas, fuq il-bażi ta' struzzjoni mogħtija minn min iħallas;

Emenda 18

**Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ra (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(m) "bdil" tfisser, fuq talba tal-konsumatur, trasferiment minn fornitur tas-servizz tal-ħlas għal ieħor tat-tagħrif dwar dawn li ġejjin jew xi wħud minnhom: l-istanding orders għal trasferimenti ta' kreditu, debiti diretti rikorrenti u trasferimenti ta' kreditu l'ġewwa rikorrenti eżegwiti f'kont tal-ħlas, bi jew mingħajr trasferiment tal-bilanċ tal-kont pożittiv minn kont tal-ħlas wieħed lejn l-ieħor jew l-għeluq tal-kont preċedenti; **kont b'bilanċ pożittiv jew nil biss jista' jkun suġġett għal bdil;**

Emenda

(o) "trasferiment ta' kreditu" tfisser servizz tal-ħlas għall-ikkreditjar tal-kont tal-ħlas ta' benefiċjarju bi tranżazzjoni tal-ħlas jew sensiliet ta' tranżazzjonijiet tal-ħlas mill-kont tal-ħlas ta' min iħallas mill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jżomm il-kont tal-ħlas ta' min iħallas, fuq il-bażi ta' struzzjoni mogħtija minn min iħallas;

relevanti stipulati f'din id-Direttiva.

Emenda 19

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Lista tas-servizzi tal-**h**las ***l-aktar rappreżentattivi*** suġġetti għal tariffa fuq il-livell nazzjonali u terminoloġija standardizzata

Emenda

Lista tas-servizzi ***li huma marbuta mal-kont*** tal-**h**las suġġetti għal tariffa fuq il-livell nazzjonali u terminoloġija standardizzata

Emenda 20

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 20, jiddeterminaw lista proviżorja ta' ***mill-inqas 20 servizz tal-h***las ***li jirrappreżentaw mill-inqas 80%*** tas-servizzi ***tal-h***las l-aktar rappreżentattivi suġġetti għal **h**las fuq il-livell nazzjonali. Il-lista jkun fiha termini u definizzjonijiet għal kull wieħed mis-servizzi identifikati.

Emenda

1. L-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 20, jiddeterminaw lista proviżorja ta' 80 % tas-servizzi l-aktar rappreżentattivi ***marbuta mal-kont tal-h***las suġġetti għal **h**las fuq il-livell nazzjonali. ***Dik il-lista għandu jkun fiha termini u definizzjonijiet għal kull wieħed mis-servizzi identifikati. Wara t-trażmissjoni ta' dawk il-listi proviżorji mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tiddetermina lista ta' servizzi li jkopru 80 % tas-servizzi l-aktar rappreżentattivi marbuta mal-kontijiet tal-h***las suġġetti għal **tariffa fil-livell tal-Unjoni**. Il-lista għandu jkun fiha termini u definizzjonijiet ***standardizzati*** għal kull wieħed mis-servizzi identifikati. ***Għandu japplika isem uniku għal kull servizz.***

Emenda 21

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 24, dwar it-twaqqif, abbażi tal-listi proviżorji sottomessi skont il-paragrafu 3, ta' terminoloġija standardizzata tal-UE għal dawk is-servizzi tal-ħlas li huma komuni għall-anqas għall-maġġoranza tal-Istati Membri. It-terminoloġija standardizzata tal-UE se tinkludi termini u definizzjonijiet komuni għas-servizzi komuni.

Emenda

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 24, dwar it-twaqqif, abbażi tal-listi proviżorji sottomessi skont il-paragrafu 3, ***ta' lista ta' servizzi tal-UE li tkopri 80 % tas-servizzi l-aktar rappreżentattivi marbuta mal-kontijiet tal-ħlas suġġetti għal tariffa fil-livell tal-Unjoni u*** ta' terminoloġija standardizzata tal-UE għal dawk is-servizzi marbuta mal-kont tal-ħlas li huma komuni għall-anqas għall-maġġoranza tal-Istati Membri. It-terminoloġija standardizzata tal-UE se tinkludi termini u definizzjonijiet komuni għas-servizzi komuni.

Emenda 22

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri jiżguraw li qabel ma jidħlu f'kuntratt għal kont tal-ħlas ma' konsumatur, il-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jipprovdu lill-konsumatur b'dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi li fih lista ***tal-aktar servizzi rappreżentattivi msemmija fil-paragrafu 5 tal-Artikolu 3*** u t-tariffi li jikkorrispondu ma' kull servizz.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***f'ħin xieraq*** qabel ma jidħlu f'kuntratt għal kont tal-ħlas ma' konsumatur, il-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jipprovdu ***u jinfurmaw*** lill-konsumatur b'dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi li ***jkun*** fih lista ***tas-servizzi kollha marbuta mal-kont tal-ħlas*** u t-tariffi li jikkorrispondu ma' kull servizz. ***Fil-każ ta' bidliet, il-konsumatur għandu jkun infurmat b'mod komprensiv, elettronikament jew stampata.***

Emenda 23

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Fejn wieħed jew aktar mis-servizzi tal-**h**las imsemmija fil-paragrafu 1 huwa offrut **b**ħala parti minn pakkett ta' servizzi finanzjarji, id-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi jiżvela liema mis-servizzi msemija fil-paragrafu 1 huma inklużi fil-pakkett, **it-tariffa għall-pakkett kollu** u t-tariffa għal kull servizz li mhuwiex imsemmi fil-paragrafu 1.

Emenda

2. Fejn wieħed jew aktar mis-servizzi **marbuta mal-kont** tal-**h**las imsemmija fil-paragrafu 1 huwa offrut **b**ħala parti minn pakkett ta' servizzi finanzjarji, id-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi għandu jiżvela liema mis-servizzi msemija fil-paragrafu 1 huma inklużi fil-pakkett u, **jekk ikun possibbli li l-komponenti jinxtraw separatament**, it-tariffa għal kull servizz li mhuwiex imsemmi fil-paragrafu 1.

Emenda 24

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Il-fornituri tas-servizzi tal-h**las m'għandhom jimponu l-ebda tariffa li ma tkunx iddikjarata fid-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi li jkun għe pprovdut.**

Emenda 25

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. L-Istati Membri jiżguraw li fornituri ta' servizzi tal-**h**las iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-konsumaturi glossarju mill-inqas tal-lista ta' servizzi **tal-**h**las imsemmija** fil-paragrafu 1 u d-definizzjonijiet relatati.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fornituri ta' servizzi tal-**h**las iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-konsumaturi glossarju mill-inqas tal-lista ta' servizzi **msemmija** fil-paragrafu 1 u d-definizzjonijiet relatati.

Emenda 26

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri jiżguraw li l-fornituri ta' servizzi tal-ħlas jipprovdu lill-konsumatur b'dikjarazzjoni tat-tariffii kollha li jitħallsu fuq il-kont tal-ħlas tagħhom mill-inqas kull sena.

Emenda

1. L-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li l-fornituri ta' servizzi tal-ħlas jipprovdu lill-konsumatur, ***mingħajr ħlas***, b'dikjarazzjoni tat-tariffii kollha li jitħallsu fuq il-kont tal-ħlas tagħhom mill-inqas kull sena ***u fi kwalunkwe ħin fuq talba fi żmien raġonevoli. Din id-dikjarazzjoni tista' tiġi kkomunikata lill-konsumaturi elettronikament jew fuq karta skont kif jiftiehm u l-partijiet.***

Emenda 27

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-konsumaturi jiġu infurmati b'mod komprensiv u minn qabel sew bil-miktub jew elettronikament meta fornitur ta' servizz ikollu l-ħsieb li jżid xi tariffi qabel ma tiġi ppubblikata d-dikjarazzjoni annwali.

Emenda 28

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) il-ħlas għal kull unità mitlub għal kull servizz, l-għadd ta' drabi li ntuża s-servizz matul il-perjodu rilevanti u d-data li fiha s-servizz ġie użat;

(a) il-ħlas għal kull unità mitlub għal kull servizz, ***jew f'każ ta' pakkett, it-tariffa għall-pakkett sħiħ li jitqies bħala servizz uniku***, l-għadd ta' drabi li ntuża s-servizz

matul il-perjodu rilevanti u d-data li fiha s-servizz ġie użat;

Emenda 29

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-ammont totali ta' tariffi mħallsa għal kull servizz *ipprovdut* matul il-perjodu rilevanti;

Emenda

(b) l-ammont totali ta' tariffi mħallsa għal kull servizz *jew pakketti ta' servizzi pprovduti* matul il-perjodu rilevanti;

Emenda 30

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-ammont totali ta' tarriffi mħallsa għas-servizzi kollha pprovduti matul il-perjodu rilevanti.

Emenda

(c) l-ammont totali ta' tarriffi mħallsa għas-servizzi *jew għall-pakketti ta' servizzi* kollha pprovduti matul il-perjodu rilevanti.

Emenda 31

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) notifika minn qabel dwar il-bidliet jew iż-żidiet possibbli ta' tariffi li se jiġu imposti fil-perjodu li jmiss; in-numru ta' ġranet fejn il-kont kellu bilanċ negattiv, ir-rati tal-imgħax applikati u l-ammont totali ta' imgħax imħallas matul il-perjodu rilevanti;

Emenda 32

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumaturi jkunu mwissija minn qabel meta fornitur ta' servizz tal-ħlas ikollu l-ħsieb li jżid xi tariffi qabel ma tiġi ppubblikata d-dikjarazzjoni annwali.

Emenda 33

Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-Istati Membri jiżguraw li fl-informazzjoni kummerċjali u kuntrattwali tagħhom, il-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jużaw, **fejn rilevanti**, it-termini u d-definizzjonijiet li jinsabu fil-lista tas-servizzi tal-ħlas l-aktar rappreżentattivi msemmija fl-Artikolu 3, **il-paragrafu 5**.

1. L-Istati Membri **għandhom** jiżguraw li fl-informazzjoni kummerċjali u kuntrattwali tagħhom, il-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jużaw it-termini u d-definizzjonijiet li jinsabu fil-lista tas-servizzi **kollha marbuta mal-kont tal-ħlas** imsemmija fl-Artikolu 3, **paragrafu 1**.

Emenda 34

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) ikunu **operattivament** indipendenti minn kwalunkwe fornitur tas-servizzi tal-ħlas;

(a) ikunu indipendenti minn kwalunkwe fornitur tas-servizzi tal-ħlas; **l-informazzjoni dwar is-sid u l-fornitur tas-sit tal-internet għandha tkun disponibbli u viżibbli faċilment;**

Emenda 35

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) jiżvelaw b'mod ċar is-sidien u l-finanzjament tagħhom; ikunu imparzjali u jistabbilixxu biċ-ċar il-kriterji użati biex ikun determinat kont tal-ħlas rakkomandat għal utent ta' servizz tal-ħlas;

Emenda 36

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ab) ma jurux riklami minn fornituri tas-servizzi tal-ħlas, l-aġenti, l-affiljazzjonijiet jew id-ditti tagħhom fuq il-home page jew fuq is-siti tal-internet għat-tqabbil;

Emenda 37

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) jipprovdu informazzjoni aġġornata;

(c) jipprovdu informazzjoni aġġornata, preċiża, affidabbli u faċli għall-konsumatur;

Emenda 38

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri jiżguraw li meta kont tal-ħlas jiġi offrut flimkien ma' servizz jew prodott ieħor bħala parti minn pakkett, il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas jinforma lill-konsumatur ***dwar jekk huwiex*** possibbli li jixtri l-kont tal-ħlas separatament u jipprovi informazzjoni separata dwar l-ispejjeż u t-tariffi assoċjati ma' kull wieħed mill-prodotti u s-servizzi offruti fil-pakkett.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta kont tal-ħlas jiġi offrut flimkien ma' servizz jew prodott ***finanzjarju*** ieħor bħala parti minn pakkett, il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas jinforma lill-konsumatur ***f'ħin xieraq qabel jidħol f'kuntratt għal kont tal-ħlas li huwa*** possibbli li jixtri l-kont tal-ħlas separatament u ***jekk jagħmel hekk*** jipprovi informazzjoni separata dwar l-ispejjeż u t-tariffi assoċjati ma' kull wieħed mill-prodotti u s-servizzi ***finanzjarji*** offruti fil-pakkett, ***sakemm ikunu jistgħu jinxtraw ukoll separatament.***

Emenda 39

**Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-konsumatur għandu jkun jista' jixtri servizzi separatament li ma jkunux inklużi fil-kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi fis-sens tal-Artikolu 16.

Emenda 40

**Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. Il-fornituri għandhom, minbarra dan, ikunu liberi li joffru prodotti ta' kreditu, bħala servizzi separati, għal klijenti tal-kontijiet tal-ħlas bażiċi, fejn dan ikun xieraq. L-aċċess għal kont bażiku tal-ħlas jew l-użu tiegħu m'għandu bl-ebda mod ikun ristrett għax-xiri ta' tali servizzi jew prodotti, jew ikun jiddependi minnu.

Emenda 41

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-paragrafu 1 ma japplikax meta mal-kont tal-ħlas jiġu offruti biss servizzi tal-ħlas kif definiti fl-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2007/64/KE.

Emenda

imħassar

Emenda 42

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

2a. L-akkwist ta' sehem f'kooperattiva m'għandux jitqies bħala prodott jew servizz fis-sens tal-paragrafu 2.

Emenda

Emenda 43

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri jiżguraw li l-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jipprovdu servizz ta' bdil kif deskritt fl-Artikolu 10 lil kwalunkwe konsumatur li jkollu kont tal-ħlas ma' fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jinsab fl-Unjoni.

Emenda

L-Istati Membri jiżguraw li l-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jipprovdu servizz ta' bdil kif deskritt fl-Artikolu 10 lil kwalunkwe konsumatur li jkollu kont tal-ħlas ma' fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jinsab fl-Unjoni **b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' traspożizzjoni stipulati fl-Artikolu 28(2a).**

Għandhom jiġu introdotti servizzi ta' ridirezzjoni fil-każ ta' bdil fl-Istati Membri kollha. L-Istati Membri għandhom jipprovdu mekkaniżmu għal

ridirezzjoni awtomatika tal-istanding orders u d-debiti diretti għall-kont miżmum mill-konsumatur mal-fornitur tas-servizz tal-ħlas destinatarju matul perjodu ta' mill-inqas sena.

Emenda 44

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Rigward il-bdil bejn fornituri tas-servizzi tal-ħlas domestiċi, l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jistabbilixxu dispożizzjonijiet li jiddevjaw minn dawk deskritti fl-Artikolu 10 jekk dan ikun ifisser effiċjenzi li b'mod ċar ikunu fl-interess tal-konsumatur. Dan japplika b'mod partikolari għas-sistemi eżistenti ta' servizzi ta' bdil.

Emenda 45

Proposta għal direttiva Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) jibgħat lill-fornitur tas-servizz tal-ħlas destinatarju u, jekk speċifikament mitlub mill-konsumatur skont il-paragrafu 2, lill-konsumatur lista tal-istanding orders kollha eżistenti għal trasferimenti ta' kreditu u l-mandati ta' debitu dirett inizjati mid-debitur;

(a) jipprovdi lill-konsumatur lista sommarja komprensiva tal-istanding orders kollha eżistenti għal trasferimenti ta' kreditu u l-mandati ta' debitu dirett inizjati mid-debitur u jitlob konferma biex jibgħathom lill-fornitur tas-servizz tal-ħlas destinatarju;

Emenda 46

Proposta għal direttiva Artikolu 10 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) jistabbilixxi fi żmien sebat ijiem **kalendarji**, l-istanding orders għat-trasferimenti ta' kreditu mitluba mill-konsumatur u jeżegwihom mid-data speċifikata fl-awtorizzazzjoni;

Emenda 47

**Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 6 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

(a) jibgħat lill-fornitur tas-servizz tal-ħlas destinatariju l-informazzjoni indikata fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 3, fi żmien sebat ijiem **kalendarji** minn meta jirċievi t-talba;

Emenda 48

**Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 6 – punt d**

Test propost mill-Kummissjoni

(d) jagħlaq il-kont tal-ħlas;

Emenda 49

**Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 8**

Test propost mill-Kummissjoni

8. L-Istati Membri jiżguraw li d-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-paragrafi 1 sa 7 japplikaw ukoll meta s-servizz ta' bdil ikun inizjat minn fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jinsab fi Stat Membru ieħor.

Emenda

(a) jistabbilixxi fi żmien sebat ijiem **ta' xogħol**, l-istanding orders għat-trasferimenti ta' kreditu mitluba mill-konsumatur u jeżegwihom mid-data speċifikata fl-awtorizzazzjoni;

Emenda

(a) jibgħat lill-fornitur tas-servizz tal-ħlas destinatariju l-informazzjoni indikata fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 3, fi żmien sebat ijiem **ta' xogħol** minn meta jirċievi t-talba;

Emenda

(d) jagħlaq **mingħajr ħlas** il-kont tal-ħlas;

Emenda

8. L-Istati Membri **għandhom** jiżguraw li d-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-paragrafi 1 sa 7 japplikaw **b'konformità mal-Artikolu 28(2a)**.

Emenda 50

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri jiżguraw li ***t-tariffi, jekk ikun hemm, li jkunu applikati*** mill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi lill-konsumatur għat-terminazzjoni ta' kont tal-ħlas miżmum miegħu ***jiġu determinati b'konformità mal-Artikolu 45(2) tad-Direttiva 2007/64/KE.***

Emenda

3. L-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li ***ma tiġi applikata l-ebda tariffa*** mill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi lill-konsumatur għat-terminazzjoni ta' kont tal-ħlas miżmum miegħu.

Emenda 51

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Istati Membri jiżguraw li ***t-tariffi, jekk ikun hemm, applikati*** mill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi jew dak destinatarju lill-konsumatur għal kwalunkwe servizz mogħti taħt l-Artikolu 10, ***għajr dawk imsemmija fil-paragrafi 1 sa 3, ikunu adatti u konsistenti mal-ispejjeż attwali ta' dak il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas.***

Emenda

4. L-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li ***ma tiġi applikata l-ebda tariffa*** mill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi jew dak destinatarju lill-konsumatur għal kwalunkwe servizz mogħti taħt l-Artikolu 10.

Emenda 52

Proposta għal direttiva Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri jiżguraw li kwalunkwe telf finanzjarju li jġarrbu l-konsumaturi li jirriżulta minn nuqqas ta' konformità ta' fornitur tas-servizzi tal-ħlas involut fil-

Emenda

1. L-Istati Membri jiżguraw li kwalunkwe telf finanzjarju li jġarrbu l-konsumaturi li jirriżulta minn nuqqas ta' konformità ta' fornitur tas-servizzi tal-ħlas involut fil-

proċess ta' bdil mal-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 10 jitħallas lura minn dak il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas.

proċess ta' bdil mal-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 10 jitħallas lura **mingħajr dewmien bla bżonn** minn dak il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas. **L-oneru tal-provi għandu jkun fuq il-fornitur tas-servizz tal-ħlas, li għandu juri li l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 10 ġew rispettati.**

Emenda 53

Proposta għal direttiva Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) it-tariffi, jekk ikun hemm, imposti għall-proċess ta' bdil tal-fornitur;

Emenda

imħassar

Emenda 54

Proposta għal direttiva Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri jiżguraw li l-konsumaturi legalment **residenti** fl-Unjoni ma jkunux diskriminati minħabba n-nazzjonalità jew il-post ta' residenza tagħhom meta japplikaw għal jew jaċċessaw kont tal-ħlas fl-Unjoni.

Emenda

L-Istati Membri jiżguraw li l-konsumaturi **li jkunu qed joqogħdu** legalment fl-Unjoni ma jkunux diskriminati minħabba n-nazzjonalità jew il-post ta' residenza tagħhom meta japplikaw għal jew jaċċessaw kont tal-ħlas fl-Unjoni. **Barra minn hekk, il-pussess ta' kont tal-ħlas bażiku bl-ebda mod m'għandu jikkostitwixxi element ta' diskriminazzjoni. Ma hi permessa l-ebda forma ta' diskriminazzjoni viżibbli permezz ta', pereżempju, dehra differenti tal-kard jew numru tal-kont jew tal-kard differenti.**

Emenda 55

Proposta għal direttiva Artikolu 14a (ġdid)

RR\1010588MT.doc

65/91

PE514.602v01-00

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 14a

Id-dritt li wieħed ikollu aċċess għal kont tal-ħlas

Ir-residenti legali kollha tal-Unjoni għandhom igawdu mid-dritt ta' aċċess mingħajr ħlas jew l-aktar b'tariffa nominali għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi.

Emenda 56

**Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri jiżguraw li, ***mill-inqas, fornitur wieħed*** tas-servizzi ***tal-ħlas joffri kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi lill-konsumaturi***. L-Istati Membri jiżguraw li kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi ma jiġux offruti biss minn fornituri ta' servizzi tal-ħlas li jipprovdu l-kont biss b'faċilitajiet tal-ibbankjar onlajn.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***jiġu offruti kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi lill-konsumaturi mill-fornituri*** tas-servizzi tal-ħlas ***kollha f'it-territorju tagħhom li joperaw f'servizzi ġenerali ta' pagamenti żgħar u li joffru kontijiet tal-ħlas bħala parti integrali min-negozju regolari tagħhom***. L-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi ma jiġux offruti biss minn fornituri ta' servizzi tal-ħlas li jipprovdu l-kont biss b'faċilitajiet tal-ibbankjar onlajn.

Emenda 57

**Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta konsumatur ikun ġie rrifjutat kont tal-ħlas fis-suq ħieles, l-ittra ta' rifuż tal-fornitur tas-servizz tal-ħlas ikun fiha

avviż mandatorju dwar id-dritt legali għal kont tal-ħlas bażiku u l-korp ta' riżoluzzjoni tat-tilwim alternattiv u d-dettalji ta' kuntatt tiegħu.

Emenda 58

Proposta għal direttiva Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri jiżguraw li l-konsumaturi legalment residenti fl-Unjoni jkollhom id-dritt li jifflu u jużaw kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi **mal-fornitur jew fornituri ta' servizzi tal-ħlas identifikati skont il-paragrafu 1**. Dan id-dritt għandhom japplika irrispettivament mill-post tar-residenza tal-konsumatur. L-Istati Membri jiżguraw li l-eżerċizzju tad-dritt ma jsirx diffiċli jew oneruż **iżżejjed** fuq il-konsumatur. Qabel il-ftuħ tal-kont tal-ħlas ta' benefiċjarju b'karatteristiċi bażiċi, il-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jivverifikaw jekk il-konsumatur ikollux kont tal-ħlas fit-territorju tagħhom jew le.

Emenda 59

Proposta għal direttiva Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) Fejn konsumatur diġà jkollu kont tal-ħlas ma' fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jinsab fit-territorju tiegħu, li jippermettilu juża s-servizzi tal-ħlas imsemmija fl-Artikolu **17(1)**;

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumaturi legalment residenti fl-Unjoni jkollhom id-dritt li jifflu u jużaw kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi. Dan id-dritt għandhom japplika irrispettivament mill-post tar-residenza tal-konsumatur. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-eżerċizzju tad-dritt ma jsirx diffiċli jew oneruż fuq il-konsumatur. Qabel il-ftuħ tal-kont tal-ħlas ta' benefiċjarju b'karatteristiċi bażiċi, il-fornituri tas-servizzi tal-ħlas **għandhom jivverifikaw, billi jitolbu lill-konsumatur jiffirma dikjarazzjoni ta' unur**, jekk il-konsumatur ikollux kont tal-ħlas fit-territorju tagħhom jew le.

Emenda

(a) Fejn konsumatur diġà jkollu kont tal-ħlas ma' fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jinsab fit-territorju tiegħu, li jippermettilu juża s-servizzi tal-ħlas imsemmija fl-Artikolu **16(1)**. **Il-konsumatur ma jitqiesx bħala detentur ta' kont tal-ħlas jekk ikun jista' jipprova li jkun bidel għal kont tal-ħlas ieħor skont l-Artikolu 9 jew it-terminazzjoni tal-kuntratt preċedenti;**

Emenda 60

Proposta għal direttiva Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) meta jkunu ġew identifikati reati kriminali, bħalma hi l-frodi.

Emenda 61

Proposta għal direttiva Artikolu 15 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Meta l-konsumatur ikun ipprovda informazzjoni falza sabiex jikseb kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi, u li kieku ma għamilx hekk, jiġifieri kieku pprovda l-informazzjoni korretta, kien jiġi rrifjutat id-dritt li jikseb tali kont;

Emenda 62

Proposta għal direttiva Artikolu 15 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. L-Istati Membri jiżguraw li, fil-każijiet indikati fil-paragrafu 3, il-fornitur tas-servizz tal-ħlas jinforma minnufih lill-konsumatur dwar ir-rifjut, bil-miktub u mingħajr ħlas, sakemm tali żvelar ma jmurx kontra l-għanijiet tas-sigurtà nazzjonali jew tal-politika pubblika.

4. L-Istati Membri **għandhom** jiżguraw li, fil-każijiet indikati fil-paragrafu 3, il-fornitur tas-servizz tal-ħlas jinforma minnufih lill-konsumatur dwar ir-rifjut **u r-raġuni għar-rifjut**, bil-miktub u mingħajr ħlas, sakemm tali żvelar ma jmurx kontra l-għanijiet tas-sigurtà nazzjonali jew tal-politika pubblika.

Emenda 63

Proposta għal direttiva Artikolu 15 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Il-konsumaturi li diġà għandhom kont tal-ħlas fl-Istat Membru korrispondenti għandhom ikunu kapaċi wkoll jibdlu għal kont tal-ħlas bażiku billi jużaw is-servizz ta' bdil imsemmi fl-Artikolu 10.

Emenda 64

Proposta għal direttiva Artikolu 16 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-Istati Membri jiżguraw li kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi jkun jinkludi s-servizzi **tal-ħlas** li ġejjin:

1. L-Istati Membri **għandhom** jiżguraw li kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi jkun jinkludi s-servizzi li ġejjin:

Emenda 65

Proposta għal direttiva Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt d – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1) debiti diretti;

(1) debiti diretti **fis-SEPA u mhux fiż-żona tal-Euro**;

Emenda 66

Proposta għal direttiva Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt d – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) tranżazzjonijiet tal-ħlas permezz ta' kard tal-ħlas, inkluż ħlasijiet online;

(2) tranżazzjonijiet tal-ħlas **fis-SEPA u mhux fiż-żona tal-Euro** permezz ta' kard tal-ħlas, inkluż ħlasijiet online;

Emenda 67

Proposta għal direttiva Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt d – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) trasferimenti ta' kreditu.

Emenda

(3) trasferimenti ta' kreditu *fis-SEPA u mhux fiż-żona tal-Euro*;

Emenda 68

Proposta għal direttiva Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt d – punt 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) Standing orders u awtorizzazzjonijiet ta' debitu dirett fis-SEPA u mhux fiż-żona tal-Euro.

Emenda 69

Proposta għal direttiva Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri *jiddeterminaw, għas-servizzi kollha msemija fil-paragrafu 1, numru minimu ta' operazzjonijiet li se jiġu pprovduti lill-konsumatur għal tariffa, jekk ikun hemm, li huma msemija fl-Artikolu 17. L-għadd minimu ta' operazzjonijiet ikun raġonevoli u skont il-prattika kummerċjali komuni fl-Istat Membru kkonċernat.*

Emenda

2. L-Istati Membri *għandhom jiżguraw li, sakemm kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi jkun imħaddem mill-konsumatur għal użu personali, m'hemmx limitu għall-għadd ta' operazzjonijiet li se jiġu pprovduti lill-konsumatur skont ir-regoli tal-ipprezzar speċifiċi stipulati fl-Artikolu 17.*

Emenda 70

Proposta għal direttiva

Artikolu 16 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumatur ma jiġi offrut l-ebda faċilità ta' self kurrenti ***b'rabta ma' kont tal-ħlas, b'karatteristiċi bażiċi.***

Emenda

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumatur ma jiġi offrut l-ebda faċilità ta' self kurrenti ***bħala parti mill-karatteristiċi bażiċi tal-kont tal-ħlas.***

Emenda 71

Proposta għal direttiva Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri jiżguraw li s-servizzi indikati fl-Artikolu 16 jiġu offruti mill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas b'xejn jew b'tariffa ***raġonevoli.***

Emenda

1. L-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li s-servizzi indikati fl-Artikolu 16 jiġu offruti mill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas b'xejn jew b'tariffa ***nominali.***

Emenda 72

Proposta għal direttiva Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri jiżguraw li t-tariffi ddebitati lill-konsumatur għal nuqqas ta' konformità mal-impenji tal-konsumatur stipulati fil-kuntratt ta' qafas huma raġonevoli.

Emenda

2. L-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li t-tariffi ddebitati lill-konsumatur għal nuqqas ta' konformità mal-impenji tal-konsumatur stipulati fil-kuntratt ta' qafas huma raġonevoli ***u qatt ogħla mit-tariffi tal-politika tal-ipprezzar regolari tal-fornitur. F'sitwazzjonijiet indipendenti mir-rieda tiegħu, il-konsumatur m'għandu jiġi ċċarġjat l-ebda tariffa, bħal fil-każijiet ta' ħlas rikorrenti miċħud minħabba ħlas li jidħol tard.***

Emenda 73

Proposta għal direttiva Artikolu 17 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. L-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu x'jikkostitwixxi tariffa raġonevoli skont wieħed jew aktar mill-kriterji li ġejjin:

imħassar

- (a) livelli nazzjonali ta' introjtu;**
- (b) imposti medji assoċjati mal-kontijiet tal-ħlas f'dak l-Istat Membru;**
- (c) spejjeż totali relatati mal-forniment ta' kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi;**
- (d) prezzijiet nazzjonali għall-konsumatur.**

Emenda 74

**Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) il-konsumatur ikun uża l-kont apposta għal attivitajiet kriminali;

(a) il-konsumatur ikun uża l-kont apposta għal attivitajiet kriminali, ***għall-ħasil ta' flus jew għall-finanzjament tat-terroriżmu;***

Emenda 75

**Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) ma kien hemm l-ebda tranżazzjoni fuq il-kont għal aktar minn ***12-il*** xahar konsekuttiv;

(b) ma kien hemm l-ebda tranżazzjoni fuq il-kont għal aktar minn ***24*** xahar konsekuttiv;

Emenda 76

Proposta għal direttiva

Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri jiżguraw li fornituri ta' servizzi tal-ħlas iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-konsumaturi informazzjoni dwar il-karatteristiċi speċifiċi tal-kontijiet tal-ħlas bażiċi offruti, it-tariffi assoċjati tagħhom u l-kundizzjonijiet għall-użu tagħhom. L-Istati Membri jiżguraw ukoll li l-konsumatur jiġi infurmat li mhux obligat jakkwista servizzi addizzjonali biex jikseb aċċess għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi.

Emenda

2. L-Istati Membri **għandhom** jiżguraw li fornituri ta' servizzi tal-ħlas iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-konsumaturi informazzjoni **aċċessibbli u assistenza adegwata** dwar il-karatteristiċi speċifiċi tal-kontijiet tal-ħlas bażiċi offruti, it-tariffi assoċjati tagħhom u l-kundizzjonijiet għall-użu tagħhom. L-Istati Membri **għandhom** jiżguraw ukoll li l-konsumatur jiġi infurmat li mhux obligat jakkwista servizzi addizzjonali biex jikseb aċċess għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi.

Emenda 77

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw inizjattivi f' stabbilimenti edukattivi u servizzi ta' konsultazzjoni biex itejbu l-edukazzjoni finanzjarja sabiex jiġġieldu d-dejn eċċessiv u jimminimizzaw ir-riskju ta' eskużjoni finanzjarja għall-konsumaturi kollha. Il-fornituri ta' servizzi tal-ħlas li joffru assistenza u gwida lill-konsumaturi fil-ġestjoni responsabbli tal-finanzi tagħhom għandhom jiġu inkoraġġuti.

Emenda 78

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 **ikollhom** il-poteri kollha meħtieġa biex

2. L-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 **għandu jkollhom** il-poteri kollha meħtieġa

iwettqu dmirijiethom. Meta jkun hemm iktar minn awtortià waħda kompetenti sabiex tiżgura u tissorvelja l-konformità effettiva ma' din id-Direttiva, l-Istati Membri jiżguraw li dawk l-awtoritajiet jikkollaboraw mill-qrib sabiex ikunu jistgħu jwettqu b'mod effettiv id-dmirijiet rispettivi tagħhom.

biex iwettqu dmirijiethom. *Dawn l-awtoritajiet għandhom jikkonsultaw regolarment mal-partijiet interessati rilevanti, inklużi r-rappreżentanti tal-konsumaturi, biex jiżguraw u jimmonitorjaw il-konformità effikaċi ma' din id-Direttiva.* Meta jkun hemm iktar minn awtortià waħda kompetenti sabiex tiżgura u tissorvelja l-konformità effettiva ma' din id-Direttiva, l-Istati Membri *għandhom* jiżguraw li dawk l-awtoritajiet jikkollaboraw mill-qrib sabiex ikunu jistgħu jwettqu b'mod effettiv id-dmirijiet rispettivi tagħhom. *Dawk l-awtoritajiet għandhom jikkooperaw mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra biex jiżguraw l-applikazzjoni korretta u sħiħa tal-miżuri previsti f'din id-Direttiva.*

Emenda 79

Proposta għal direttiva Artikolu 21 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri tal-kontijiet tal-ħlas jikkommettu għal mill-anqas korp ta' riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim wieħed jew iktar.

Emenda 80

Proposta għal direttiva Artikolu 21 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1c. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1b għandha tingħata b'mod ċar, komprensibbli u faċilment aċċessibbli fis-sit tal-internet tal-fornituri, jekk dan ikun jeżisti, u fit-termini u l-

kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratti ta' bejgħ jew tas-servizzi bejn il-fornitur u l-konsumatur.

Emenda 81

**Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 1d (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1d. L-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu proċeduri ta' riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim li jittrattaw b'mod konġunt ma' tilwim identiku jew simili bejn fornitur tas-servizzi tal-ħlas u għadd ta' konsumaturi. Is-sistemi ta' riżoluzzjonijiet alternattivi tat-tilwim għal tilwimiet u rimedji kemm individwali kif ukoll kollettivi għandhom ikunu proċeduri komplementari u mhux reċiprokament esklussivi.

Emenda 82

**Proposta għal direttiva
Artikolu 26 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar il-materji segwenti għall-ewwel darba fi żmien **3 snin** mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva u kull sentejn minn hemm 'il quddiem:

L-Istati Membri **għandhom** jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar il-materji segwenti għall-ewwel darba fi żmien **sentejn** mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva u kull sentejn minn hemm 'il quddiem:

Emenda 83

**Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)**

B'deroga mis-subparagrafu 1, l-Istati Membri għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III sa ...* fir-rigward ta' servizz ta' bdil bejn fornituri tas-servizzi tal-ħlas fl-Unjoni.

****ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data: ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.***

PROĊEDURA

Titolu	Kontijiet tal-ħlasijiet	
Referenzi	COM(2013)0266 – C7-0125/2013 – 2013/0139(COD)	
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 23.5.2013	
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 23.5.2013	
Kumitat(i) assoċjat(i) - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	10.10.2013	
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Evelyne Gebhardt 29.5.2013	
Eżami fil-kumitat	14.10.2013	4.11.2013
Data tal-adozzjoni	5.11.2013	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 33	–: 0
	0: 3	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Preslav Borissov, Jorgo Chatzimarkakis, Sergio Gaetano Cofferati, Birgit Collin-Langen, Lara Comi, António Fernando Correia de Campos, Cornelis de Jong, Vicente Miguel Garcés Ramón, Evelyne Gebhardt, Małgorzata Handzlik, Malcolm Harbour, Sandra Kalniete, Edvard Kožušník, Toine Manders, Hans-Peter Mayer, Phil Prendergast, Zuzana Roithová, Heide Rühle, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Catherine Stihler, Emilie Turunen, Barbara Weiler	
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Raffaele Baldassarre, Regina Bastos, Jürgen Creutzmann, María Irigoyen Pérez, Constance Le Grip, Emma McClarkin, Claudio Morganti, Sylvana Rapti, Kerstin Westphal	
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Jean-Pierre Audy, Jolanta Emilia Hibner, Thomas Händel, Eva Ortiz Vilella	

18.9.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET LEGALI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-komparabbiltà tat-tariffi relatati mal-kontijiet tal-ħlas, il-bdil tal-kontijiet tal-ħlas u l-aċċess għal kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi
(COM(2013)0266 – C7-0125/2013 – 2013/0139(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Dimitar Stoyanov

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Din il-proposta għal direttiva timmira li ttejjeb it-trasparenza u l-komparabbiltà tal-informazzjoni dwar it-tariffi tal-kontijiet ta' ħlas, tiffaċilita l-bdil tal-kontijiet ta' ħlas, telimina d-diskriminazzjoni bbażata fuq ir-residenza fir-rigward tal-kontijiet tal-ħlas u tipprovdi aċċess għall-kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi fi ħdan l-UE.

F'dan ir-rigward, il-proposta tfittex, l-ewwelnett, li tintroduċi lista tas-servizzi tal-ħlas l-aktar rappreżentattivi soġġetti għal tariffa fuq il-livell nazzjonali u biex tistabbilixxi terminoloġija standardizzata fil-livell tal-UE, inklużi termini u definizzjonijiet użati b'mod komuni għal komuni mill-inqas għall-maġġoranza tal-Istati Membri. Il-direttiva attwali dwar is-servizzi tal-ħlas (id-Direttiva 2007/64/KE) tistabbilixxi regoli komuni dwar it-trasparenza tas-servizzi u r-rekwiżiti dwar l-informazzjoni dwar is-servizzi tal-ħlas, iżda ma fihix arranġamenti speċifiċi li joħolqu mekkaniżmi għall-komparabbiltà tat-tariffi.

F'konformità ma' dak li intqal hawn fuq, l-Istati Membri se jkunu obbligati li jistabbilixxu obbligu ġenerali għall-fornituri tas-servizzi tal-ħlas li jagħmlu servizz tal-bdil disponibbli għal kwalunkwe konsumatur li jkollu kont ma' fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jinsab fl-Unjoni. Dan huwa meħtieġ minħabba l-mobilità limitata tal-kontijiet tal-ħlas fl-UE, li hija fil-biċċa l-kbira dovuta għall-fatt li informazzjoni insuffiċjenti - u ħafna mid-drabi mhux ċara - hija pprovduta lill-konsumaturi dwar il-proċedura għall-bdil tal-kontijiet, u għan-nuqqas ta' għajnuna, f'xi każijiet, min-naħa tal-persunal fil-fornituri ta' servizzi tal-ħlas.

Il-proposta se tiggarantixxi wkoll l-aċċess għal servizzi bażiċi tal-ħlas għall-konsumaturi kollha tal-UE u tipprojbixxi d-diskriminazzjoni abbażi ta' residenza kontra l-konsumaturi li

għandhom l-intenzjoni li jiftħu kont tal-ħlas barra minn pajjiżhom, għall-benefiċċju kemm tal-fornituri tas-servizzi tal-ħlas kif ukoll tal-konsumaturi.

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Permezz tat-twaqqif ta' qafas fil-livell tal-UE fl-oqsma koperti mill-proposta, hija tfitteq li tneħħi l-ostakoli li għad fadal għall-moviment liberu tas-servizzi tal-ħlas u, b'mod aktar ġenerali, għall-moviment ħieles ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital li għalihom hu essenzjali suq uniku integrat għal kollox u żviluppat fis-servizzi tal-ħlas. Il-proposta tipprevjeni wkoll kull frammentazzjoni ulterjuri tas-suq uniku li tista' sseħħ li kieku l-Istati Membri, minn jeddom, kellhom jieħdu azzjonijiet regolatorji diverġenti u inkonsistenti f'dan il-qasam. mendi proposti jirrettifikaw ċerti impreċiżjonijiet fl-abbozz ta' direttiva mressaq mill-Kummissjoni u jfittxu li jtejbu l-kwalità tal-att leġislattiv sabiex l-għanijiet tiegħu ikunu jistgħu jinkisbu b'mod aktar effettiv.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal Direttiva Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Il-konsumaturi jibbenefikaw l-aktar minn informazzjoni li tkun konċiża u li jkun faċli li titqabbel bejn fornituri differenti ta' servizzi tal-ħlas. L-għodod disponibbli għall-konsumaturi biex iqabblu offerti tal-kontijiet tal-ħlas ma jkollhomx effett pożittiv jekk iż-żmien investit biex wieħed jaqra listi twal ta' tariffi għal offerti differenti jkun ikbar mill-benefiċċju li wieħed jagħżel l-offerta li tirrappreżenta l-aħjar valur. Għaldaqstant, it-terminoloġija tat-tariffi għandha biss tiġi standardizzata għat-termini l-aktar rappreżentattivi fl-Istati Membri sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' informazzjoni eċċessiva.

Emenda

(12) Il-konsumaturi jibbenefikaw l-aktar minn informazzjoni li tkun konċiża, ***bir-reqqa*** u li jkun faċli li titqabbel bejn fornituri differenti ta' servizzi tal-ħlas. L-għodod disponibbli għall-konsumaturi biex iqabblu offerti tal-kontijiet tal-ħlas ma jkollhomx effett pożittiv jekk iż-żmien investit biex wieħed jaqra listi twal ta' tariffi għal offerti differenti jkun ikbar mill-benefiċċju li wieħed jagħżel l-offerta li tirrappreżenta l-aħjar valur. Għaldaqstant, it-terminoloġija tat-tariffi għandha biss tiġi standardizzata għat-termini l-aktar rappreżentattivi fl-Istati Membri sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' informazzjoni eċċessiva ***jew żvijjanti***.

Emenda 2

Proposta għal direttiva

Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni

(30) Il-konsumaturi għandhom ikunu garantiti aċċess għal firxa ta' servizzi bażiċi tal-ħlas, li għalihom għadd minimu ta' operazzjonijiet għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri b'mod li għandu jqis sew il-ħtiġijiet tal-konsumaturi u l-prattika kummerċjali fl-Istat Membru kkonċernat. Lil hinn minn din il-lista ta' servizzi minimi, il-banek jistgħu japplikaw it-tariffi normali tagħhom. Servizzi marbuta mal-kontijiet tal-ħlas bażiċi għandhom jinkludu l-faċilità li jiġu depożitati u jinġibdu l-flus. Il-konsumaturi għandhom ikunu jistgħu jagħmlu tranżazzjonijiet tal-ħlas essenzjali bħal li jirċievu introjtu jew benefiċċji, iħallsu l-kontijiet jew it-taxxi u jixtru oġġetti u servizzi, fosthom permezz ta' debitu dirett, trasferiment ta' kreditu u l-użu ta' kard tal-ħlas. Dawn is-servizzi għandhom jippermettu x-xiri ta' oġġetti u servizzi onlajn u għandhom jagħtu lill-konsumaturi l-opportunità biex iniedu ordnijiet tal-ħlas permezz tal-faċilità tas-servizzi bankarji onlajn tal-fornitur tas-servizz tal-ħlas, fejn disponibbli. Madankollu, kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi ma għandux ikun ristrett għal użu online għaliex dan joħloq ostaklu għall-konsumaturi mingħajr aċċess għall-internet. Il-konsumaturi ma għandhomx jingħataw aċċess għal faċilità ta' overdraft ma' kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi. ***Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas sabiex joffru faċilitajiet ta' lqugħ għal ammonti żgħar ħafna fir-rigward tal-kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi.***

Ġustifikazzjoni

Il-possibilità li jingħataw faċilitajiet ta' lqugħ għal ammonti żgħar ħafna fir-rigward tal-

Emenda

(30) Il-konsumaturi għandhom ikunu garantiti aċċess għal firxa ta' servizzi bażiċi tal-ħlas, li għalihom għadd minimu ta' operazzjonijiet għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri b'mod li għandu jqis sew il-ħtiġijiet tal-konsumaturi u l-prattika kummerċjali fl-Istat Membru kkonċernat. Lil hinn minn din il-lista ta' servizzi minimi, il-banek jistgħu japplikaw it-tariffi normali tagħhom. Servizzi marbuta mal-kontijiet tal-ħlas bażiċi għandhom jinkludu l-faċilità li jiġu depożitati u jinġibdu l-flus. Il-konsumaturi għandhom ikunu jistgħu jagħmlu tranżazzjonijiet tal-ħlas essenzjali bħal li jirċievu introjtu jew benefiċċji, iħallsu l-kontijiet jew it-taxxi u jixtru oġġetti u servizzi, fosthom permezz ta' debitu dirett, trasferiment ta' kreditu u l-użu ta' kard tal-ħlas. Dawn is-servizzi għandhom jippermettu x-xiri ta' oġġetti u servizzi onlajn u għandhom jagħtu lill-konsumaturi l-opportunità biex iniedu ordnijiet tal-ħlas permezz tal-faċilità tas-servizzi bankarji onlajn tal-fornitur tas-servizz tal-ħlas, fejn disponibbli. Madankollu, kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi ma għandux ikun ristrett għal użu online għaliex dan joħloq ostaklu għall-konsumaturi mingħajr aċċess għall-internet. Il-konsumaturi ma għandhomx jingħataw aċċess għal faċilità ta' overdraft ma' kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi.

pagament ta' kontijiet b'karatteristiċi bażiċi tikkonfliġġi mar-rekwiżit skont l-Artikolu 16(4) tal-proposta tal-Kummissjoni li l-ebda faċilità ta' skopert (overdraft) ma tiġi offruta b'rabta ma' kontijiet ta' dan it-tip, filwaqt li l-fatt li ma hemm l-ebda definizzjoni oħra tal-kunċett ta' 'ammonti żgħar ħafna' u ma hemm lanqas ebda limitu jneħħi ċ-ċarezza mit-test.

Emenda 3

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 20, jiddeterminaw lista proviżorja ta' **mill-inqas 20** servizz tal-ħlas li jirrappreżentaw mill-inqas 80% tas-servizzi tal-ħlas l-aktar rappreżentattivi suġġetti għal ħlas fuq il-livell nazzjonali. Il-lista jkun fiha termini u definizzjonijiet għal kull wieħed mis-servizzi identifikati.

Emenda

1. L-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 20, jiddeterminaw lista proviżorja ta' servizzi tal-ħlas li jirrappreżentaw mill-inqas 80% tas-servizzi tal-ħlas l-aktar rappreżentattivi suġġetti għal ħlas fuq il-livell nazzjonali. Il-lista jkun fiha termini u definizzjonijiet għal kull wieħed mis-servizzi identifikati.

Ġustifikazzjoni

Hu biżżejjed li jkun żgurat li l-lista tal-aktar servizzi rappreżentattivi ta' pagament soġġetti għal tariffa f'livell nazzjonali tkun tinkludi maġġoranza tal-aktar servizzi rappreżentattivi ta' pagament, mingħajr ma titqiegħed ċifra preċiża fuq dan, billi hu impossibbli li jitqiesu d-differenzi bejn l-Istati Membri.

Emenda 4

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri jiżguraw li qabel ma jidħlu f'kuntratt għal kont tal-ħlas ma' konsumatur, il-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jipprovdu lill-konsumatur b'dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi li fih lista tal-aktar servizzi rappreżentattivi msemmija fil-paragrafu 5 tal-Artikolu 3 u t-tariffi li jikkorrispondu ma' kull servizz.

Emenda

1. L-Istati Membri jiżguraw li qabel ma jidħlu f'kuntratt għal kont tal-ħlas ma' konsumatur, il-fornituri tas-servizzi tal-ħlas **komprensibbli** jipprovdu lill-konsumatur b'dokument ta' informazzjoni li jista' jinftehem minnu dwar it-tariffi li fih lista tal-aktar servizzi rappreżentattivi msemmija fil-paragrafu 5 tal-Artikolu 3 u t-tariffi li jikkorrispondu ma' kull servizz,

fil-każ li l-fornitur tas-servizzi tal-ħlas ikun joffri dawn is-servizzi, **basti dawk is-servizzi jkunu offruti mill-fornituri tas-servizzi ta' pagament.**

Emenda 5

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri jiżguraw li qabel ma jidħlu f'kontratt għal kont tal-ħlas ma' konsumatur, il-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jipprovdu lill-konsumatur b'dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi li fih lista tal-aktar servizzi rappreżentattivi msemmija fil-paragrafu 5 tal-Artikolu 3 u t-tariffi li jikkorrispondu ma' kull servizz.

Emenda

(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija)

Emenda 6

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Istati Membri jiżguraw li fornituri ta' servizzi tal-ħlas iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-konsumaturi glossarju mill-inqas tal-lista ta' servizzi tal-ħlas imsemmija fil-paragrafu 1 u d-definizzjonijiet relatati.

Emenda

4. L-Istati Membri jiżguraw li fornituri ta' servizzi tal-ħlas iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-konsumaturi glossarju mill-inqas tal-lista ta' servizzi tal-ħlas **l-aktar rappreżentattivi** msemmija f'paragrafu 3(5) u d-definizzjonijiet relatati.

Ġustifikazzjoni

Għandha ssir referenza għal-lista tas-servizzi tal-ħlas l-aktar rappreżentattivi msemmija fl-Artikolu 3(5) peress li hija preċiżament dik il-lista li hija msemmija fl-Artikolu 4(1).

Emenda 7

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Id-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi u l-glossarju ikunu disponibbli mingħajr ħlas **f'kull ħin** mill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas fuq mezz li jservi fit-tul fi stabbilimenti aċċessibbli għall-konsumaturi u jitqiegħed għad-dispożizzjoni f'forma elettronika fuq is-siti tal-internet tagħhom.

Emenda

6. Id-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi u l-glossarju jkunu disponibbli mingħajr ħlas f'kull ħin tal-anqas fil-fergħat **fil-ħinijiet tal-ftuħ skont l-iskeda** u l-uffiċċji tagħhom kif ukoll fuq is-siti tal-internet tagħhom **f'kull ħin**.

Ġustifikazzjoni

Il-garanzija ta' aċċess għall-bini tal-fornituri tas-servizz tal-ħlas barra mill-ħinijiet tax-xogħol hija rekwiżit li jkun diffiċli li jitwettaq għall-fornituri tas-servizz tal-ħla, u huwa qasam li fih il-proposta għandha tibqa' flessibbli u għalhekk twieġeb għal ċirkostanzi nazzjonali speċifiċi.

Emenda 8

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) ikunu **operattivament** indipendenti minn kwalunkwe fornitur tas-servizzi tal-ħlas;

Emenda

(a) ikunu indipendenti minn kwalunkwe fornitur tas-servizzi tal-ħlas;

Emenda 9

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt a a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) jiżvelaw b'mod ċar is-sidien u l-finanzjament tagħhom;

Emenda 10

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt a b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(ab) ikunu imparzjali u jistabbilixxu biċ-
ċar il-kriterji użati biex ikun determinat
kont tal-ħlas rakkomandat għal utent ta'
servizzi tal-ħlas;*

Emenda 11

Proposta għal direttiva Article 7 – paragrafu 2 – punt a c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(ac) ma jurux reklami minn fornituri tas-
servizzi tal-ħlas, l-aġenti, affiljazzjonijiet
jew ditti tagħhom fuq is-sit tal-internet
jew is-siti tal-internet għat-tqabbil;*

Emenda 12

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) jużaw lingwaġġ sempliċi u, *fejn
rilevanti, it-termini* msemija fl-Artikolu
3, il-paragrafu 5;

(b) jużaw lingwaġġ sempliċi u, *fejn
applikabbli, it-terminoloġija
standardizzata tal-Unjoni* msemija fl-
Artikolu 3, il-paragrafu 5;

Emenda 13

Proposta għal direttiva

Article 7 – paragraph 2 – punt e a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) ikollhom stabbiliti sistemi sabiex jiġu evitati kunflitti ta' interess, bil-ħsieb li jkun żgurat li kwalunkwe relazzjonijiet ta' sjieda jew relazzjonijiet kummerċjali diretti jew indiretti ma jimpedixxux l-osservanza tal-kundizzjonijiet elenkati f'dan il-paragrafu;

Emenda 14

**Proposta għal direttiva
Article 7 – paragrafu 5 a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Sa tmiem l-2018 se jiġu żviluppati wkoll websajts Ewropej li jqabblu t-tariffi mitluba minn fornituri tas-servizzi tal-ħlas għal servizzi offruti fuq kontijiet tal-ħlas fl-Istati Membri differenti.

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tistabilixxi sa dik id-data, sit tal-internet pubbliku Ewropew għat-tqabbil, operat f'kooperazzjoni mal-EBA.

Sa dik id-data, il-Kummissjoni Ewropea għandha tiżviluppa wkoll permezz ta' att delegat, skont l-Artikolu 24, skema ta' akkreditazzjoni volontarja għal siti tal-internet għat-tqabbil privati Ewropej. Sabiex jingħataw l-akkreditazzjoni, is-siti tal-internet għat-tqabbil Ewropej operati minn operaturi privati għandhom jirrispettaw il-kundizzjonijiet kollha elenkati fil-paragrafu 2. Il-Kummissjoni Ewropea għandha iżomm id-dritt li tirrifjuta jew tirtira l-akkreditazzjoni minn operaturi privati f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi elenkati fil-paragrafu 2.

Emenda 15

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 5 b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5b. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tistabbilixxi u taġġorna kontinwament portal uniku biex tipprovdi l-links għal siti tal-internet għat-tqabbil akkreditati għal kull Stat Membru u fil-livell Ewropew.

Dan il-portal għandu jipprovdi wkoll lill-konsumaturi bi glossarju tat-terminoloġija standardizzata tal-Unjoni adottata skont l-Artikolu 3 u l-linji gwida dwar bdil transfruntier ta' kontijiet tal-ħlas.

Il-portal għandu jagħmel pubbliċi u faċilment disponibbli wkoll il-lista u l-kuntatti tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti differenti msemmija fl-Artikolu 20.

Emenda 16

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. L-Istati Membri jiżguraw li t-tariffi, jekk ikun hemm, li jkunu applikati mill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi lill-konsumatur għat-terminazzjoni ta' kont tal-ħlas miżmum miegħu ***jiġu determinati b'konformità mal-Artikolu 45(2) tad-Direttiva 2007/64/KE.***

3. L-Istati Membri jiżguraw li l-ebda tariffi ma jkunu applikati mill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi lill-konsumatur għat-terminazzjoni ta' kont tal-ħlas miżmum miegħu.

Emenda 17

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Istati Membri jiżguraw li ***t-tariffi, jekk ikun hemm***, applikati mill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi jew dak destinatarju lill-konsumatur għal kwalunkwe servizz mogħti taħt l-Artikolu 10, ***għajr dawk imsemmija fil-paragrafi 1 sa 3, ikunu adatti u konsistenti mal-ispejjeż attwali ta' dak il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas.***

Emenda 18

Proposta għal direttiva Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri jiżguraw li kwalunkwe telf finanzjarju li jġarrbu l-konsumaturi li jirriżulta minn nuqqas ta' konformità ta' fornitur tas-servizzi tal-ħlas involut fil-proċess ta' bdil mal-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 10 jitħallas lura minn dak il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas.

Emenda 19

Proposta għal direttiva Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

a) Fejn konsumatur diġà jkollu kont tal-

Emenda

4. L-Istati Membri jiżguraw ***li l-ebda tariffi ma jkunu*** applikati mill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi jew dak id-destinatarju lill-konsumatur għal kwalunkwe servizz mogħti taħt l-Artikolu 10.

Emenda

1. L-Istati Membri jiżguraw li kwalunkwe telf finanzjarju li jġarrbu l-konsumaturi li jirriżulta minn nuqqas ta' konformità ta' fornitur tas-servizzi tal-ħlas involut fil-proċess ta' bdil mal-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 10 jitħallas lura minn dak il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas. ***Il-piż tal-prova għandu jibqa' f'idejn il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas, li għandu juri li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10 ġew rispettati.***

a) Fejn konsumatur diġà jkollu kont tal-

ħlas ma' fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jinsab fit-territorju tiegħu, **li jippermettilu juża s-servizzi tal-ħlas imsemmija fl-Artikolu 17(1)**;

ħlas ma' fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jinsab fit-territorju tiegħu;

Ġustifikazzjoni

Fornituri tas-servizzi tal-ħlas m'għandhomx mezz kif ikunu jafu jekk il-konsumaturi għandhomx kont tal-ħlas ma' fornituri oħra tas-servizz tal-ħlas għal-liema servizzi bażiċi tal-ħlas ikunu jistgħu jitwettqu mingħajr ma l-bank l-ieħor ikkonċernat ikun meħtieġ li jikxef sigrieti kummerċjali jew bankarji.

Emenda 20

Proposta għal direttiva Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 ikollhom il-poteri kollha meħtieġa biex iwettqu dmirjiethom. Meta jkun hemm iktar minn awtoritià waħda kompetenti sabiex tiżgura u tissorvelja l-konformità effettiva ma' din id-Direttiva, l-Istati Membri jiżguraw li dawk l-awtoritajiet jikkollaboraw mill-qrib sabiex ikunu jistgħu jwettqu b'mod effettiv id-dmirijiet rispettivi tagħhom.

Emenda

2. L-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 ikollhom il-poteri kollha meħtieġa biex iwettqu dmirjiethom. Meta jkun hemm iktar minn awtoritià waħda kompetenti sabiex tiżgura u tissorvelja l-konformità effettiva ma' din id-Direttiva, l-Istati Membri jiżguraw li dawk l-awtoritajiet jikkollaboraw mill-qrib sabiex ikunu jistgħu jwettqu b'mod effettiv id-dmirijiet rispettivi tagħhom. ***Dawk l-awtoritajiet għandhom jikkooperaw mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħrajn biex tkun żgurata l-applikazzjoni korretta u sħiħa tal-miżuri stabbiliti f'din id-Direttiva.***

Emenda 21

Proposta għal direttiva Artikolu 24 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 23 jidħol biss fis-seħħ jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew

Emenda

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 23 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-

jew mill-Kunsill f'perjodu ta' **xahrejn** min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jressqu oġġezzjoni. Dak il-perjodu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' **tliet (3) xhur** min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew jew lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Ġustifikazzjoni

Huwa neċessarju li jiġi estiż il-limitu ta' żmien li fih jistgħu jitressqu l-oġġezzjonijiet, sabiex il-Parlament u l-Kunsill ikunu jistgħu jeżaminaw l-att delegat u jivvalutaw jekk l-adozzjoni tiegħu f'dik il-forma hijiex f'waqtha u korretta.

PROĊEDURA

Titolu	Kontijiet tal-pagamenti
Referenzi	COM(2013)0266 – C7-0125/2013 – 2013/0139(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 23.5.2013
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 23.5.2013
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Dimitar Stoyanov 29.5.2013
Eżami fil-kumitat	9.7.2013
Data tal-adozzjoni	17.9.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 24 –: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Raffaele Baldassarre, Luigi Berlinguer, Sebastian Valentin Bodu, Françoise Castex, Christian Engström, Marielle Gallo, Giuseppe Gargani, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Sajjad Karim, Klaus-Heiner Lehne, Antonio López-Istúriz White, Antonio Masip Hidalgo, Jiří Maštálka, Alajos Mészáros, Bernhard Rapkay, Evelyn Regner, Francesco Enrico Speroni, Dimitar Stoyanov, Alexandra Thein, Cecilia Wikström, Tadeusz Zwiefka
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Eva Lichtenberger, Angelika Niebler, József Szájer, Axel Voss
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Olle Schmidt

PROĊEDURA

Taqsim	Kontijiet tal-ħlas
Bibliografija	COM(2013)0266 – C7-0125/2013 – 2013/0139(COD)
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	8.5.2013
Kumitat responsabbli	ECON

Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	23.5.2013	
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 23.5.2013	JURI 23.5.2013
Kumitat(i) assoċjat(i) Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 10.10.2013	
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Jürgen Klute 21.5.2013	
Eżami fil-kumitat	9.7.2013	24.9.2013
Data tal-adozzjoni	18.11.2013	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	42 3 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Burkhard Balz, Elena Băsescu, Sharon Bowles, Nikolaos Chountis, George Sabin Cutaş, Leonardo Domenici, Derk Jan Eppink, Diogo Feio, Elisa Ferreira, Ildikó Gáll-Pelcz, Jean-Paul Gauzès, Sven Giegold, Sylvie Goulard, Gunnar Hökmark, Syed Kamall, Othmar Karas, Wolf Klinz, Jürgen Klute, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Philippe Lamberts, Werner Langen, Astrid Lulling, Ivana Maletić, Marlene Mizzi, Sławomir Nitrás, Ivari Padar, Alfredo Pallone, Anni Podimata, Antolín Sánchez Presedo, Olle Schmidt, Peter Simon, Theodor Dumitru Stolojan, Ivo Strejček, Sampo Terho, Marianne Thyssen, Ramon Tremosa i Balcells, Corien Wortmann-Kool, Pablo Zalba Bidegain	
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Thijs Berman, Fabrizio Bertot, David Casa, Norbert Glante, Robert Goebbels, Olle Ludvigsson, Rui Tavares	
Data tat-tressiq	19.11.2013	